

# LUMINARIA

Ġunju '26 nru. 141




It-twieqi li qed jidhru fil-qoxra minn ġewwa jinsabu waħda kull naħa tal-kor tal-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur. Juru lill-Appostli San Pietru u San Pawl f'qagħda klassika tipika, iżommu s-simboli rispettivi tagħhom. Il-gwarniċi tagħhom ikomplu jfissru s-simboli marbuta mal-ħajja ta' dawn iż-żewġ qaddisin. Ġew esegwiti mitt sena ilu fis-sena 1926 minn Louis Balmet fi Grenoble, Franza matul il-parrokat tal-Arċipriet il-Kan. Anton Camilleri u tħallsu minn Angelo u Giovanni Cauchi. Teżor artistiku ieħor li ħallew dawk ta' qabilna.

# WERREJ


| | |
|---|---|
| Messaġġ mill-Arċipriet | 3 |
| Messaġġ tas-Sindku | 5 |
| Kronaka tal-Parroċċa | 6 |
| L-Ewwel Tqarbina - 2025 | 11 |
| Il-Griżma tal-Isqof - 2025 | 11 |
| Mir-Reġistri Parrokkjali | 12 |
| Sena li Tagħlaq ....U Tiftaħ Ukoll | 17 |
| NTYC | 18 |
| MUSEUM Subien | 20 |
| MUSEUM Bniet | 22 |
| L-Iskola Primarja tan-Nadur | 24 |
| Il-Banda Mnarja | 26 |
| L-Esperjenza Tiegħi fil-Vatikan | 28 |
| Kumitat Festi Esterni | 29 |
| Purċissjoni Ġimgħa Kbira | 40 |
| Il-Leġjun ta' Marija | 42 |
| Il-Komunità Ewkaristika | 43 |
| Għaqda Dun Franġisk Grima | 45 |
| Grupp Katekeżi lir-Romol | 46 |
| Day Centre Anzjani | 47 |
| Paġna Nadur Youngsters | 48 |
| Apprezzament – Madre Bertilla Bartolo | 51 |
| Il-Parroċċa Tifraħ | 52 |
| Laqgħa ta' Talb Dun Mikiel Attard | 58 |
| SS Pietru Pawl Lesti Biex Jinbidlu | 60 |
| Il-Mantell – Poeżija | 61 |
| Parroċċa Missjunarja | 63 |
| Il-Kap. Dun Anton Camilleri | 69 |
| Restawr u Konservazzjoni tas-Saqaf | 71 |
| Mill-Arkivju Parrokkjali | 76 |
| Ir-Ramla | 78 |
| Baħrin Nadurin | 81 |
| Jitlesta l-Monument tal-Gwerra | 86 |
| Xita u Temp | 87 |











## BORD EDITORJALI


Ħarġa numru 141 • Ġunju 2026 • It-42 Sena

- Ir-Rivista Luminaria tiġi ppubblikata mill-Parroċċa San Pietru u San Pawl, In-Nadur, darba f'sena lejn l-aħħar ta' Ġunju għall-festa tal-Imnarja.
- Koordinata mill-Bord Editorjali magħmul minn: L-Arċipriet Dun Krystof Buttigieg, Miriam Muscat (Editur), Daniel Meilak, Mary Anne Pace u Martin Attard.
- Qari tal-Provi: Miriam Muscat, Mary Grace Mercieca u Nancy Aquilina.
- Ritratti ta': Martin Attard, Monica Grima, Mario Muscat, Alessio Sultana, Anaca Photography.
- Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-korrispondenti tal-artikli li jiġu ppubblikati mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.
- Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Bord Editorjali, 'LUMINARIA', Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza 28 ta' April 1688, In-Nadur NDR 1033, Għawdex - Tel: 2155 1649
- Disinn u layout ta' Rowena Mizzi
- Stampar: Gozo Press, Għajnsielem Tel: 2155 1534
- Ritratti tal-Qoxra: Martin Attard

www.nadurparish.com



# L-ARĊIPRIET

flimkien

# MAL-KAPITLU U L-KLERU TAL-PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL IN-NADUR, GĦAWDEX

jawguraw

# *il- Festa t- Tajba*

lil kulħadd

# MESSAĠĠ MILL-ARĊIPRIET
# DUN KRYSTOF BUTTIGIEG



## *"...GĦAX ALLA JĦOBB LIL MIN JAGĦTI BIL-FERĦ"*

Kull festa li niċċelebraw, għandha tkun ukoll stedina biex nieqfu ftit nistrieħu mill-ġiri tal-ħajja ta' kuljum u fl-istess ħin inħarsu lil hinn miċ-ċelebrazzjonijiet esterni biex nerġgħu niskopru s-sens tal-ħajja tagħna u ta' dak kollu li qed ngħaddu minnu f'ħajjitna.

U din is-sena hekk kif se niċċelebraw il-Festi Solenni tal-Kbar Appostli San Pietru u San Pawl, xtaqt li nirriflettu ftit fuq sentenza li jgħidha San Pawl fit-Tieni Ittra tiegħu lin-nies ta' Korintu, meta jiktbilhom: *"Min jiżra' ftit, jaħsad ftit; u min jiżra' ħafna, jaħsad ħafna"* (2Kor 9:6).

Hu juża din ix-xbieha taż-żriegħ biex jitkellem fuq l-esperjenza tal-bniedem. L-ebda bidwi ma jistenna ħsad abbundanti jekk jiżra' biss ftit żerriegħa. L-istess il-ġenerożità, jgħid San Pawl, hekk taħdem: Aktar ma nifthu qalbna, il-ħin tagħna, it-talenti tagħna u r-riżorsi tagħna għall-oħrajn, aktar inkunu qed nagħtu ċans lil Alla biex jagħtina l-frott tiegħu. Għalhekk San Pawl ikompli jgħid li *"kull wieħed għandu jagħti skont ma jidhirlu hu minn rajh, mhux fuq il-qalb jew bilfors"* għax il-ġenerożità ma tistax tiġi imposta. Ir-rigal ma jkunx rigal jekk tħossok obbligat tagħtih, inkella jkun biss ħlas.

Hu fil-fatt mhux jitkellem minn xi kalkolu matematiku jew dwar xi skambju ta' interess. Għax l-ebda bniedem ma jista' jkampa jekk il-ħin kollu joqgħod jikkalkula kemm irċieva u kemm ħa jagħti, jew kemm ħadulu u kemm ħa jieħu. Jgħejja u jitkisser. Hi l-ġenerożità, u l-imħabba mingħajr interessi, li jagħtuk ir-ruħ. Mhux ta' b'xejn li San Pawl, meta kien qed jitkellem mal-presbiteri ta' Efesu, ifakkarhom fil-kliem ta' Ġesù meta qal: *"Min jagħti hu aktar hieni minn min jieħu"* (Atti 20:35). Fil-fatt, min ifittex dejjem li jirċievi, diffiċli jkun kuntent, imma min jitgħallem jagħti bla interessi, isib ferħ ġenwin li ma jeħodlu ħadd. Alla nnifsu ma qagħadx jikkalkula magħna. Meta bagħtilna lil Ibnu, tahulna sal-aħħar, sal-mewt; meta tana l-ħajja, tahielna għal dejjem, anki 'l hinn mill-mewt. Mela aħna għalfejn nibqgħu nikkalkulaw miegħu u ma' xulxin? U ngergru xħin inħossu li qed nagħtu iktar mill-ħin u mill-ġid tagħna lil xulxin?

Meta nħarsu lejn San Pietru u San Pawl ninnutaw kemm huma stess ma qagħdux jikkalkulaw kemm se jħobbu u jkunu ġenerużi. Hemm ħafna eżempji ta' kif it-tnejn li huma taw lilhom infushom b'mod komplet lil Kristu u lill-Knisja tiegħu. Is-sagrifiċċji tagħhom m'għamluhomx bi dmir, imma b'imħabba vera. U dan għax huma stess kienu konxji kemm Alla kien ġeneruż magħhom. Mhux ta' b'xejn li San Pietru stess iħeġġiġna: "Kull wieħed għandu jqiegħed għas-servizz tal-oħrajn id-don li rċieva" (1Pt 4:10). Dan jurina li dak kollu li rċivejna qiegħed hemm biex jiġi użat għall-ġid tal-oħrajn. U dan jagħmilna veri nsara, meta naqsmu dak li għandna ma' xulxin, meta naħdmu flimkien, kull wieħed skont it-talent u l-kapaċità tiegħu. Hekk il-kooperazzjoni ma tibqax sempliċiment organizzazzjoni effiċjenti, imma ssir espressjoni konkreta tal-imħabba u tal-ġenerożità li Alla żera' fil-qlub tagħna.

U hawn naħseb li l-festa li qed niċċelebraw hija frott ta' din il-kollaborazzjoni sabiħa, fejn tant persuni mingħajr ma joqogħdu jikkalkulaw qed jagħtu minn ħinhom, mill-enerġija tagħhom u mill-kapaċitajiet tagħhom għall-ġid ta' kulħadd. Ejjew inkomplu nkunu ġenerużi ma' xulxin u naqsmu ħidmietna flimkien b'qalb ħielsa u kollha ferħ u gratitudni, għax kif qalilna San Pawl stess: "Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ."

*Dun Krystof Buttigieg*

Is-Sindku, Kunsilliera u Staff
tal-
**KUNSILL LOKALI TAN-NADUR**
jixtiequ jawguraw
il-***Festa tal-Imnarja t-Tajba***
lin-Nadurin kollha.

Portelli Print
Jawguraw il-festa t-tajba lin-Nadurin kollha
40, Ta' Said Street, Nadur, Gozo. Tel/Fax: 2155 8232
e-mail: portelliprint@gmail.com



# MESSAĠĠ TAS-SINDKU
# EDWARD SAID

## *Kunsill Lokali li jkompli jsaħħaħ il-Festa tal-Imnarja*



Għeżież Nadurin,

Il-festa tal-Imnarja tibqa' waħda mill-aktar mumenti għal qalbna, festa li mhux biss tfakkarna fil-patruni tagħna San Pietru u San Pawl, iżda wkoll tgħaqqadna bħala komunità waħda. Hija okkażjoni fejn il-valuri, it-tradizzjonijiet u l-identità Nadurija jidhru b'mod ċar u sabiħ.

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iħoss responsabbiltà kbira li jkompli jsaħħaħ u jappoġġja din il-festa. Bħal kull sena, il-Kunsill jorganizza l-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat, li tibqa' attività importanti li turi l-ħiliet u t-talenti ta' niesna, kif ukoll il-Festa tat-Tfal biex anke l-iżgħar fostna jkunu jistgħu jgawdu dawn il-ġranet speċjali.

Fl-istess waqt, il-Kunsill jikkollabora mill-qrib fl-organizzazzjoni tal-Ikla Tradizzjonali u Jum iż-Żgħażagħ, żewġ attivitajiet li jġibu flimkien diversi setturi tas-soċjetà tagħna u jkomplu jżidu l-ħajja u l-entużjażmu matul il-festa. Barra minn hekk, nibqgħu nappoġġjaw lill-għaqdiet kollha tan-Nadur fil-ħidma u l-attivitajiet tagħhom, għax nemmnu li l-festa hija frott ta' ħidma kollettiva.

Ma nistgħux ninsew ukoll ix-xogħol kontinwu biex niżguraw li kollox jimxi bl-aħjar mod possibbli, inkluż l-indafa u l-organizzazzjoni, biex kulħadd ikun jista' jgawdi festa sabiħa u ordnata.

F'dinja li qed tinbidel kontinwament, huwa aktar importanti minn qatt qabel li nibqgħu nħarsu u nsaħħu dawn it-tradizzjonijiet li jagħmluna dak li aħna. Din il-festa ma tistax tkompli tgħix u tikber mingħajr l-involviment ta' kull wieħed u waħda minna. Kull kontribuzzjoni tgħodd – kemm jekk fil-ħidma volontarja, fl-għajnuna lill-għaqdiet, jew sempliċement fil-parteċipazzjoni attiva u rispett lejn xulxin matul dawn il-ġranet.

Għandna wkoll responsabiltà li nappoġġjaw lill-Parroċċa fil-ħidma tagħha, biex flimkien inkunu nistgħu nkomplu nħarsu u nippreservaw il-wirt reliġjuż u kulturali tagħna. Il-festa mhijiex biss ċelebrazzjoni esterna, iżda espressjoni ħajja tal-fidi u tal-għaqda tagħna bħala komunità.

Inħeġġeġ lil kulħadd biex nieħdu eżempju mill-patruni tagħna, San Pietru u San Pawl, li fil-ħajja tagħhom taw xhieda ta' impenn, sagrifiċċju u rispett lejn l-oħrajn. Ħa nħallu dawn il-valuri jmexxuna fil-kuntatt ta' kuljum tagħna, biex inkunu komunità aktar magħquda, ġeneruża u sensittiva għall-bżonnijiet ta' xulxin.

Flimkien nistgħu niżguraw li din il-festa tibqa' ħajja, sabiħa u sinifikattiva mhux biss għalina, iżda wkoll għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Is-Sindku



# KRONAKA TAL-PARROĊĊA

**MEJJU 2025 – APRIL 2026**

Miġbura minn **MARY ANNE PACE**

## MEJJU 2025

### Rużarju fil-beraħ

Kull nhar ta' Ġimgħa matul ix-xahar ta' Mejju ngħadet it-talba tar-rużarju fil-pubbliku f'żoni differenti tar-raħal, Triq l-Emigranti, Triq il-Qortin f' San Blas, Triq tad-Duru u fil-playing field tal-Ħali.

### Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem

Il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju permezz ta' konċelebrazzjoni solenni fil-5.00pm u purċissjoni qasira dritt wara.



### Papa Ljun XIV



Fit-8 ta' Mejju l-Ispirtu s-Santu bierek lill-Knisja b'suċċessur ġdid ta' Pietru: Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ljun XIV. Aħna mhux biss fid-dmir li nitolbu għall-Papa, imma wkoll li nagħtu widen għall-kelma tiegħu, li hi bħal eku ċar ta' dik tar-Ragħaj il-Kbir tal-Knisja, li hu Sidna Ġesù Kristu.

### Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-knisja

Nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju il-komunità tan-Nadur iċċelebrat l-anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja 158 sena ilu. Kulħadd kien mistieden biex irodd ħajr lil Alla ta' dan id-don hekk kbir li tana.

### Preċett

Nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju saret il-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina fl-10.00 a.m. fil-Bażilika. Nifirħu lil 24 tifel u tifla li f'dan il-jum irċevew għall-ewwel darba lil Ġesù u nitolbu għalihom.

### Purċissjoni u Programm Marjan fil-Museum tas-Subien

Fit-29 ta' Mejju, fis-7.15p.m. saret purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Qasam li bdiet minn Pjazza San Pietru u San Pawl u waslet sal-grawnd tal-Museum. Hekk kif waslet, ġie ppreżentat programm qasir li kien jinkludi kant, poeżiji, prietka u konsagrazzjoni lill-Madonna.

## ĠUNJU 2025

### Il-Griżma

32 adolexxenti rċevew is-Sagrament tal-Konfermazzjoni nhar it-13 ta' Ġunju, filwaqt li l-familjari tagħhom attendew biex jiċċelebraw flimkien dan il-mument importanti. Il-komunità kollha tingħaqad f'ferħ mażżgħażagħ, billi tirrikonoxxi l-pass essenzjali fil-vjaġġ tal-fidi tagħhom u titlob għalihom.

### Festa Mnarja 2025

Fit-12 ta' Ġunju, il-każin tal-banda organizza programm mużikali fil-pjazza San Pietru u San Pawl bl-isem Big Band Adventures taħt id-direzzjoni tas-surmast Joseph Grech. Matul is-serata ħadu sehem diversi kantanti, u wara kien hemm spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika.

Nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju sar il-ħruġ tal-istatwa min-niċċa. Saret konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja. Fl-istess jum ġie ċċelebrat ukoll il-50 anniversarju mill-konsagrazzjoni tal-artal maġġur.

In-Novena bdiet fid-19 ta' Ġunju b'quddiesa mmexxija mill-Kan. Brian Mejlak, Direttur tal-Abbatini tad-Djoċesi ta' Għawdex, li matulha saret il-vestizzjoni ta' tliet abbatini ġodda. L-abbatini kollha, flimkien mal-familjari tagħhom, ġew mistiedna jipparteċipaw, u wara ġie organizzat festin żgħir tal-okkażjoni.

Fl-20 ta' Ġunju, is-seminarista Marlon Victor Bajada ġie ordnat djaknu mill-E. T. Mgr. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex. Tul iż-żmien tiegħu fostna, Marlon wera dedikazzjoni kbira fil-ħidma maż-żgħażagħ taċ-Ċentru. Il-quddiesa tat-tieni jum tan-Novena kienet animata mit-tfal u mmexxija minn Dun Michael Said. Sussegwentement, saret manifestazzjoni għat-tfal kollha, bl-istatwa ta' San Pietru u San Pawl akkumpanjata mill-Banda Mnarja.




It-tielet jum tan-novena kien iddedikat għall-familji speċjalment dawk il-familji li kienu qed jiċċelebraw l-10, il-25 jew il-50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom u dawk li għamdu t-trabi tagħhom matul din is-sena.

### Festa ta' Corpus Christi

Din is-sena ġiet iċċelebrata fir-raba' jum tan-Novena. Fil-4.30p.m. sar għasar kantat mill-Kapitlu tal-kolleġġjata u wara tmexxiet konċelebrazzjoni solenni minn Dun Noel Debono bis-sehem tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-familji tagħhom. Wara ħarġet il-purċissjoni tal-Korpus li għaddiet mit-toroq Xandriku, San Ġwann u Diċembru Tlettax.



Fil-jiem l-oħra tan-novena ċċelebrajna Jum iż-Żgħażagħ b'quddiesa mmexxija mis-saċerdot novell Dun Matthew Sammut bis-sehem taż-żgħażagħ u l-adolexxenti.



Is-sitt Jum tan-novena kien iddedikat għas-saċerdozju b'quddiesa mmexxija mill-Kan. Reuben Micallef f'għeluq il-25 anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu.

Fit-tlett ijiem tat-tridu l-omeliji kienu minsuġa minn Mons. Karm Refalo. Dawn il-jiem kienu ddedikati lill-emigranti u residenti barranin u l-Ħamis 26 ta' Ġunju ħabat l-anniversarju tal-għoti tal-Bażilka, filwaqt li t-tielet Jum tat-Tridu kien Jum dawk kollha li jġibu l-isem ta' Pietru u ta' Pawlu.

Lejliet il-festa filgħodu, ġiet iċċelebrata konċelebrazzjoni solenni ta' ringrazzjament lil Alla fi tmiem in-novena u t-Tridu mmexxija minn Mons. Dekan Salv Muscat flimkien mal-kapitlu u l-kleru. L-Għasar Solenni ta' filgħaxija tmexxa mill-Isqof Anton Teuma assistit mir-rappreżentanza tal-Kapitlu tal-Katidral u mill-Kapiltu u Kleru tal-Bażilika.

F'Jum il-festa ċ-ċelebrazzjonijiet issoktaw b'konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-Isqof Anton Teuma. Filgħaxija l-Għasar solenni tmexxa mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg u dritt wara kien hemm il-ħruġ tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. Il-festi liturġiċi ġew fi tmiemhom bid-dħul tal-istatwa fil-bażilka, fejn indaqqet l-Antifona u wara ngħatat il-Barka Sagramentali lil dawk preżenti.




## LULJU

### Madre Bertilla

Saret quddiesa funebri biex titfakkar il-memorja ta' Madre Bertilla. Hi għaddiet għall-ħajja ta' dejjem nhar l-24 ta' Ġunju fl-età ta' 92 sena u nhar it-30 ta' Ġunju sar il-funeral tagħha fil-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani tal-



Qalb ta' Ġesù r-Rabat. Madre Bertilla kienet Madre Ġenerali u Provinċjali u baqgħet apprezzata ħafna mill-komunità tagħha għall-ġid li wettqet mal-kongregazzjoni tas-sorijiet tagħha. Madre Bertilla kellha mħabba kbira lejn kulħadd speċjalment lejn in-Nadur, raħal twelida, fejn anki ħadmet u għexet għal tul ta' żmien. (Ara Apprezzament pġ. 51).

### Ġublew taż-Żgħażagħ

Bejn it-28 ta' Lulju u t-3 ta' Awwissu grupp ta' żgħażagħ mill-parroċċa tagħna pparteċipaw fil-Ġublew taż-Żgħażagħ ġewwa Ruma flimkien ma' Fr Mark Bonello. Dawn iltaqgħu ma' eluf ta' żgħażagħ oħra minn madwar id-dinja sabiex jagħmlu esperjenza ta' knisja żagħżugħa ma' Papa Ljun XIV.

## AWWISSU 2025

### Ġimgħa Mużewmina

Bejn it-2 u t-8 t'Awwissu nżammet il-Ġimgħa Mużewmina fil-qasam tal-Museum tas-subien fin-Nadur. Il-programm kien imżewwaq b'att ta' attivitajiet fosthom quddiesa, ġurnata logħob u attivitajiet għat-tfal, adorazzjoni u play: *'Oliver kif jiftakarha n-nannu'*. Kulħadd kien mistieden għal dawn l-attivitajiet li saru fil-beraħ fil-grawnd tal-istess Museum.

### Radju Luminarja

Fil-bidu t'Awwissu ġie installat apparat ġdid għat-trażmissjoni ta' Radju Luminarja wara li dak li kien hemm ġarrab ċertu ħsarat li wassluh biex waqaf għal kollox ftit qabel il-festa.

### Servizz fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan

Craig Borg abbati mill-parroċċa tagħna kien wieħed mill-abbatini Għawdxin li matul ix-xahar t'Awwissu kienu qed jagħtu servizz liturġiku fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan fis-sena tal-Ġublew 2025.

### Quddiesa fil-beraħ

Nhar l-Erbgħa 20 t'Awwissu saret quddiesa fil-beraħ fi Triq it-Tramuntana quddiem il-Madonna tal-Midalja Mirakoluża fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Reġina. Wara il-quddiesa ngħatat tifkira lil dawk kollha preżenti.

## SETTEMBRU 2025

### Nifirħu lil Michael Paul Camilleri

Il-parroċċa tagħna ferħet bl-aħbar li ż-żagħżugħ Michael Paul Camilleri beda s-sena propadewtika fis-seminarju. Nitolbu għalih sabiex ikompli jagħmel id-dixxerniment tiegħu u żgur li l-Mulej ukoll se jgħinu u jigwidah issa li qiegħed jagħtih il-ħin u l-ispazju kollu meħtieġ.

### Nifirħu minn qalbna lil Dun Michael Said

Dun Michael Said, wild il-parroċċa tan-Nadur, ġie maħtur bħala Arċipriet tal-parroċċa ta' Marija Assunta fiż-Żebbuġ. Nitolbu għalih ħalli l-Mulej ikompli jinqeda bih għall-ġid ta' dawk kollha li jiltaqgħu miegħu.

### Festa ta' Marija Addolorata



Lejlet il-jum liturġiku li fih tiġi mfakkra d-Duluri, nhar l-14 ta' Settembru dritt wara l-quddiesa tal-5.00p.m. ħarġet purċissjoni bix-xbieha devota tagħha.

### Kunċert Reliġjuż

Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru fis-7.30p.m. fil-knisja ttella' kunċert tal-istrumenti tar-ram b'omaġġ speċjali lil Don Gates li kien jgħix fostna u b'tant ġenerożità u sempliċità ta kontribut sinifikanti fil-qasam kulturali, soċjali u mużikali tal-komunità tagħna tan-Nadur.

### Awguri u merħba lil Fabio Cini



Fabio Cini seminarist li fl-aħħar ta' din is-sena se jiġi ordnat djaknu beda xogħol pastorali tiegħu mal-grupp tal-abbatini tal-parroċċa u mal-adolexxenti taċ-Ċentru. Huwa jghin ukoll fit-tqarbin tal-morda ta' kull ġimgħa u f'diversi laqgħat oħra tal-parroċċa. Nitolbu għalih fil-mixja vokazzjonali tiegħu.

### Grazzi speċjali

Grazzi speċjali lil Jacob Portelli li b'mod volontarju qed jaħdem fuq inventarju digitali ta' mużika oriġinali jew li kienet tappartjeni lill-Arċipriet Toninu Camilleri li s-sena d-dieħla infakkru l-100 sena mill-mewt tiegħu. Dan hu xogħol apprezzat immens għall-istorja artistika ta' raħalna.

## OTTUBRU 2025



Matul ix-xahar t'Ottubru, kif inhi t-tradizzjoni, ingħadet it-talba tar-rużarju f'diversi toroq tar-raħal tagħna. Din l-inizjattiva sservi mhux biss biex tinżamm ħajja t-tifkira tal-Verġni Marija iżda wkoll biex tgħaqqad lill-parruċċani fil-qima u l-meditazzjoni tal-misteri tal-ħajja ta' Ġesù u Marija.

## NOVEMBRU 2025

### Festa ta' San Koronatu

Din is-sena din il-festa ġiet iċċelebrata bejn it-2 u d-9 ta' Novembru fejn nhar il-Ħadd 2 ta' Novembru saret quddiesa speċjali għat-tfal kollha bi preparazzjoni għall-festa ta' San Koronatu mmexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg. It-tlett ijiem tat-Tridu kienu mmexxija minn Mons. Carm Gauci. Il-quddiesa ta' lejlet il-festa kienet immexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Dakinhar ukoll il-Banda Mnarja għamlet kunċert fit-teatru MBC taħt id-direzzjoni ta' Mro. Dr. Joseph Grech. F'jum il-festa, il-Ħadd 9 ta' Novembru 2025, il-Quddiesa Solenni tmexxiet mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Il-purċissjoni bil-fdalijiet ta' San Koronatu ħarġet fl-4.45p.m. u tmexxiet mill-Arċipriet u kienet akkumpanjata mill-Banda Mnarja. Mal-wasla tal-purċissjoni fil-knisja ndaqqet l-Antifona u ngħatat il-Barka Sagramentali.



### Xogħol ta' manutenzjoni

Matul ix-xahar ta' Novembru kompla xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fiż żewġ ċimiterji tan-Nadur. Fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina tkompla xogħol ta' kisi tal-ħitan u tlestija tat-turġien kif ukoll tħawlu aktar siġar u arbuxelli. Fiċ-ċimiterju tal-Addolorata sar xogħol ta' manutenzjoni fil-ħitan ta' barra u manutenzjoni oħra.

## DIĊEMBRU 2025

Bħal fis-snin l-imgħoddija, is-siġra tal-karità ġiet armata fil-knisja. L-oġġetti miġbura twasslu għand diversi entitajiet li għandhom bżonn l-għajnuna. Il-ġbir ta' din is-sena kien għall-Caritas tal-parroċċa u dak djoċesan, l-Arka Respite Centre, id-Dar tal-Providenza u Saint Patrick's Residential Care.

### Assemblea Parrokkjali

Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru saret l-Assemblea Parrokkjali fejn l-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma qasam ma' dawk preżenti dak li ħareġ mill-Vista Pastorali li għamel is-sena ta' qabel.

### Novena tal-Milied

Mill-15 sat-23 ta' Diċembru ġiet iċċelebrata n-Novena tal-Milied . Għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali t-tfal u l-familji tagħhom.

F'lejlet il-Milied fis-7.00p.m. kien hemm il-purċissjoni tal-Bambin organizzata mill-Museum tas-subien bis-sehem tal-Banda Mnarja. Fil-11.30p.m. imbagħad ngħata bidu għall-Quddiesa ta' Nofsillejl bit-talb tas-salmi.



Nhar il-Milied is-soċjetà tal-Museum tellgħet Kunċert tal-Milied fil-knisja. Dan kien jinkludi kant, poeżiji, play qasira u prietka tat-tifel.

## JANNAR 2026

### Kwaranturi



Mit-30 ta' Diċembru 2025 sal-1 ta' Jannar 2026 kienu tlett ijiem ta' Adorazzjoni Solenni fil-ġranet tal-Kwaranturi. Bħala għeluq tal-kwaranturi fil-5.00p.m. ġiet iċċelebrata quddiesa Solenni mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata bil-kant tal-Għasar integrat. Wara ħarġet purċissjoni qasira b'Ġesù Ewkaristija. Wara tkanta t-Te Deum u ngħatat il-Barka Sagramentali lil dawk preżenti.

### Kartolina

Ġiet ippubblikata kartolina għall-kollezzjonisti mis-sensiela Wirt Patrimonju Naduri. Din tfakkar il-50 anniversarju tal-Artal Maġġuri tal-Bażilka tagħna.

## FRAR 2026

### Festa f'San Blas
Il-festa ta' San Blas li kellha ssir nhar il-Ħadd l-1 ta' Frar ġiet imħassra minħabba l-maltemp u minflok ġiet iċċelebrata fit-22 ta' Frar. Saret quddiesa fil-beraħ u marċ mill-Banda Mnarja fl-istess inħawi.

### Randan 2026
Nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar tajna bidu għar- Randan Imqaddes li wassalna għaċ-ċelebrazzjoni tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu. Matul ir-Randan saru diversi eżerċizzi mmirati għal diversi kategoriji ta' nies fosthom għall-koppji miżżewġin, adolexxenti u żgħażagħ.

## MARZU 2026

### Festa ta' San Ġużepp
Fil-festa ta' San Ġużepp, nhar id-19 ta' Marzu, sar pellegrinaġġ bil-mixi minn quddiem iċ-Ċentru sal-Knisja Parrokkjali tal-Qala fejn l-Arċipriet iċċelebra l-quddiesa tal-11.00a.m.

### Ġimgħa tar-Redentur
Saret purċissjoni penitenzjali bl-istatwa tar-Redentur nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2026 matul Triq ta' Said kantuniera ma' Triq Tramuntana sa Triq il-Qala fejn ġiet iċċelebrata quddiesa.



## APRIL 2026

### Ġimgħa Mqaddsa
L-attivitajiet issoktaw matul il-Ġimgħa Mqaddsa fejn f'Ħadd il-Palm sar it-tberik tal-palm bis-sehem tat-tfal u l-familji tagħhom fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. It-Tlieta ż-żgħażagħ u l-adolexxenti ħadu sehem f'Via Sagra b'differenza - "Il-Mixja tat-Tbatija". Din saret fil-knisja fit-8.00p.m. L-Erbgħa kien Jum ir-Rikonċiljazzjoni fejn sar qrar fil-knisja u wara nżammet ċelebrazzjoni penitenzjali. F'Ħamis ix-Xirka, wara ċ-ċelebrazzjoni simbolika tal-ħasil tar-riġlejn tal-appostli u quddiesa, Ġesù Ewkaristija tqiegħed fl-Artal tar-Repożizzjoni għall-





qima tal-fidili. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira saret il-funzjoni tal-Liturġija tal-Kelma fil-knisja. Minħabba l-imprevedibbiltà tat-temp il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma ħarġitx. Madanakollu wara l-funzjoni tat-3.00p.m. sar talb quddiem il-vari li kienu armati fil-knisja. Is-Sibt, 4 t'April, 2026 fit-8.00p.m. saret il-Velja Solenni tal-Lejl Qaddis tal-Għid. L-Għada, l-Għid il-Kbir, wara il-quddiesa Konventwali tat-8.30a.m. mmexxija minn Mons. Arċipriet, ħarġet purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja.




### Tberik tal-Għid
Mit-Tnejn 6 t'April beda t-tberik fid-djar kollha tal-parroċċa. Bi tħejjija għat-tberik tqassmet ikona ċkejkna bix-xbieha ta' Ġesù jħabbat bieb li jissimbolizza l-bieb ta' qalbna: Din ġiet mibgħuta lilna mill-Isqof Anton bħala stedina biex inħallu iktar lil Ġesù jidħol fi djarna.



### Twaqqif tal-Parroċċa
Nhar it-Tlieta 28 t'April il-poplu tan-Nadur iċċelebra it-338 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Parroċċa. Kulħadd kien mistieden għall-Konċelebrazzjoni Solenni fis-6.00p.m. immexxija mill-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg. Wara kien hemm mument flimkien fuq iz-zuntier tal-knisja.

## TFAL TAL-EWWEL TQARBINA - 2025



Ritratt: Martin Attard

**Quddiem mix-xellug għal-lemin:** Francesco Hili, Summer Xuereb, Mason Spiteri
**It-tieni ringiela:** Nolen Tabone, Keryse Muscat, Kataleya Grima, Mia Rapa, Audrey Schembri, Elena Tabone, Paola M Tabone, Valentina Camilleri
**It-tielet ringiela:** Michelangelo Grumino, Nora Borg, Michela Gambin, Kara Buttigieg, Ellie Hili, Gabriella Grumino
**Wara:** Luke Azzopardi, Lucas Spiteri, Luigi Portelli, Elise Camilleri, Cheryl Debattista, Jasmine Vella, Katrin Vella, Raffaella Grumino

## TFAL TAL-GRIŻMA - 2025



Ritratt: Anthony Cassar

**Quddiem mix-xellug għal-lemin:** Shaun Pete Mercieca, Michael Camilleri, Zack Rapa, Arianna Tabone, Ava Portelli, Eliza Hili, Christina Tabone, Sadie Fenech, Eliza Portelli
**It-tieni ringiela:** Konrad Spiteri, Luke Aquilina, Zane Rapa, Ġanni Theuma, Mariah Azzopardi, Chanel Camilleri. Michaela Camilleri, Gabriella Vella, Julia Mizzi
**It-tielet ringiela:** Isaac Hili, Claudio Vella, Mario Scuccimarra, Adrian Rychlik, Mabel Cauchi, Isabella Spiteri, Raquel Caruana, Ritienne Said, Eve Galea
**Wara:** Max Mallia, Tristan Joe Camilleri, Steven Sultana, Gwen Grace Green, Mackenzie Pace

# MIR-REĠISTRI PARROKKJALI

Daniel Meilak

**MAGĦMUDIJIET** | **ŻWIĠIJIET** | **MWIET** ■ **2025**

*Matul l-2025 fil-parroċċa tan-Nadur saru 7 żwiġijiet, ġew mgħammda 28 tarbija filwaqt li mietu 51. L-età medja tal-mewt kienet dik ta' 80 sena. Xi dfin li sar fl-oqbra li Barts – Queen Mary University of London għandha fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina mhux qed jitniżżlu hawn peress li ma kinux residenti fin-Nadur.*



## MAGĦMUDIJIET

| DATA | ISEM IT-TARBIJA | MISSIER | OMM |
|---|---|---|---|
| **JANNAR** | | | |
| 19 | Zayn | Charlon Spiteri | Melissa Said |
| **APRIL** | | | |
| 20 | Bianca | Roy Muscat | Priscilla Saliba |
| 27 | Theo Zach | Luca Portelli | Diane Azzopardi |
| **MEJJU** | | | |
| 18 | Naielle | Philip Farrugia | Christiana Attard |
| 18 | Chiara | Hetem Myftaraj | Manuela Bugeja |
| 18 | Julia | Andrew Attard | Mariana Bugeja |
| **ĠUNJU** | | | |
| 15 | Giuseppe | Johnny Xuereb | Gabriella Cardona |
| 15 | Zoe | Danny Magro | Ruth Grech |
| 21 | Nico | Gary Sultana | Melissa Cassar |
| 28 | Laura | Raymond Mejlaq | Margaret Muscat |
| 28 | Carlos | Julian Sultana | Jessica Azzopardi |
| **LULJU** | | | |
| 13 | Oliver John | Frank Anthony Portelli | Kelly Ann Buttigieg |
| 20 | Joseph | Christian Borg | Deborah Fenech |
| **AWWISSU** | | | |
| 17 | Ellie Mae | Raymond Abela | Melanie Sue Debono |
| **SETTEMBRU** | | | |
| 21 | Mariah | Steve Cordina | Corrine Marie Farrugia |
| 28 | Lena | Ruben Camilleri | Lucienne Said |
| **OTTUBRU** | | | |
| 8 | Leonora Jasmin | Tarek Simon Finger | Marie Claire Finger |
| 10 | Thea | Samuel Curmi | Jeanette Sultana |
| 19 | August Raphael | Jeremy Downton | Melloney Flinn |
| 19 | Raquel | Kevin Buhagiar | Rebecca Portelli |
| 26 | Raphael Joseph | Geoffrey J.F.X.M. Sence | Deandra Cutajar |
| **NOVEMBRU** | | | |
| 22 | Kyreese | Robert Gauci | Kelsey Vella |
| 23 | Mila | James Schembri | Amanda Marie Sultana |
| **DIĊEMBRU** | | | |
| 7 | Levi | Daniel Camilleri | Daniela Xuereb |
| 7 | Mireya | Mario Camilleri | Maria Muscat |
| 17 | Giovanni Margaritus | Angelo Buttigieg | Alexis Falzon |
| 21 | Cristiano | Joseph Vella | Angie Marie Cassar |
| 21 | Elizabeth | Guy Bartlett Still | Jessica Camilleri |

## ŻWIĠIJIET

| DATA | GĦARUS | GĦARUSA |
|---|---|---|
| **APRIL** | | |
| 26 | Michael Joe Cini | Maria Camilleri |
| **ĠUNJU** | | |
| 14 | Andrea Debrincat | Charmaine Camilleri |
| 20 | Joseph Portelli | Diane Buttigieg |
| 21 | Bernard-Karl Abele | Denise Buttigieg |
| **LULJU** | | |
| 4 | Lee Colin Smith | Victoria Portelli |
| 5 | Malcolm Dimech | Janette Falzon |
| **AWWISSU** | | |
| 16 | Renato Said | Christiana Galea |



## GĦADDEW GĦALL-ĦAJJA TA' DEJJEM

*Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem*



Anthony Muscat
73 sena - 8 ta' Jannar



Eileen Elizabeth Fitzgerald
94 sena - 11 ta' Jannar



Giuseppa Portelli
90 sena - 13 ta' Jannar



Vitoria Haber
78 sena - 19 ta' Jannar


Mary Jane Debono
91 sena - 20 ta' Jannar


Joseph Camilleri
85 sena - 20 ta' Jannar


Vincenza Tabone
82 sena - 21 ta' Jannar


John Spiteri
78 sena - 23 ta' Jannar


Margherita Pisani
90 sena - 31 ta' Jannar


Josephine Anne Rapa
74 sena - 20 ta' Frar


Joseph Bajada
68 sena - 14 ta' April



Joseph Bonnici
63 sena - 14 ta' April


Angelo Abela
83 sena - 15 ta' April


Michael Vella
85 sena - 16 ta' April


Maria Anna Said
92 sena - 11 ta' Mejju


Paola Camilleri
89 sena - 18 ta' Mejju


Anthony Cassar
64 sena - 3 ta' Ġunju


Naomi Bartolo
35 sena - 13 ta' Lulju


Rosa Xerri
88 sena - 21 ta' Lulju


Mary Buttigieg
81 sena - 21 ta' Lulju

---- Pronto Aguilar
0 sena - 30 ta' Lulju



Manuel Portelli
83 sena - 4 ta' Awwissu



Paul Said
76 sena - 8 ta' Awwissu



Peter Paul Mejlak
81 sena - 11 ta' Awwissu



Emanuel Muscat
94 sena - 12 ta' Awwissu



Carmelo Falzon
90 sena - 17 ta' Awwissu



Carmela Muscat
94 sena - 20 ta' Awwissu



Pawla Bugeja
77 sena - 23 ta' Awwissu



Augustine Azzopardi
77 sena - 1 ta' Settembru



Peter Paul Attard
92 sena - 3 ta' Settembru



Salvatore Galea
93 sena - 3 ta' Settembru



Divina Galea
92 sena - 9 ta' Settembru



Coronata Portelli
87 sena - 11 ta' Settembru



Josephine Dingli
71 sena - 14 ta' Settembru



Coronata Cordina
83 sena - 15 ta' Settembru



Carmel Pisani
86 sena - 15 ta' Settembru



Maria Portelli
59 sena - 23 ta' Settembru



Rita Bernardette Conway
86 sena - 27 ta' Settembru



Carmel Pisani
72 sena - 28 ta' Settembru



Lucy Galea
88 sena - 4 ta' Ottubru



Mary Buttigieg
88 sena - 9 ta' Ottubru



Maria Muscat
92 sena - 22 ta' Ottubru



Salvatore Falzon
89 sena - 31 ta' Ottubru



Emanuel Portelli
82 sena - 5 ta' Novembru



Robert Borg
50 sena - 14 ta' Novembru



Angelo Grima
90 sena - 30 ta' Novembru



Consiglia Muscat
85 sena - 2 ta' Diċembru



Carmel Theuma
78 sena - 11 ta' Diċembru



Peter Paul Muscat
83 sena - 17 ta' Diċembru



Peter Paul Grima
85 sena - 21 ta' Diċembru



Carmen Xuereb
95 sena - 28 ta' Diċembru

# SENA LI TAGĦLAQ... U LI TIFTAĦ UKOLL!

SEM. FABIO CINI

## L-AĦĦAR SENA FIL-FORMAZZJONI TAS-SEMINARJU... U ĦIDMA MAL-ABBATINI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ FIN-NADUR

Niftakar qisu lbieraħ meta fil-15 ta' Ottubru tal-2018 bdejt l-ewwel sena tal-formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Minn dakinhar 'l hawn għaddew tminn snin. Lanqas irrid nemmen kemm jgħaddi malajr iż-żmien u minn kemm xorti għaddejt matul dawn is-snin.

Bħalissa ninsab riesaq lejn it-tmiem tal-aħħar sena tiegħi fis-Seminarju, liema sena kelli l-grazzja li naqsamha wkoll mal-komunità parrokkjali tan-Nadur għaliex matul din is-sena kont assenjat mis-Seminarju biex nagħmel l-esperjenza pastorali propju f'din il-parroċċa. Din is-sena hi waħda speċjali, mhux biss għal dik li għixt s'issa, imma wkoll għaliex, jekk il-Bambin irid, fi ftit ġranet oħra ser inkun qed niġi ordnat Djaknu. Għalhekk, f'dawn il-ftit vrus xtaqt naqsam magħkom daqsxejn dwar din l-aħħar sena fis-Seminarju u l-esperjenza tiegħi fostkom in-Nadurin. Kull sena tas-Seminarju jkollha l-mumenti speċjali tagħha u jekk ikolli nagħżel mument speċjali minn din l-aħħar sena bla dubju ta' xejn ikun il-jum li fih ġejt istitwit fil-ministeru tal-akkoliti nhar il-Ħadd 30 ta' Novembru 2025. Dakinhar, f'quddiesa ċċelebrata fil-Parroċċa tax-Xagħra, ġejt istitwit akkolitu mill-Isqof Anton Teuma u dan kien ifisser li issa stajt nibda ngħin lis-saċerdoti fit-tqarbin waqt il-quddiesa u wkoll fit-tqarbin lill-morda u l-anzjani fi djarhom, u stajt ukoll nesponi u nirriponi lil Ġesù Sagramentat waqt l-Adorazzjoni Sagramentali, fost affarijiet oħrajn. Infatti matul din is-sena mhux darba jew tnejn li għint fit-tqarbin waqt il-quddies u anke kelli x-xorti nżur u nqarben xi anzjani u morda Nadurin ġewwa djarhom.



Matul din is-sena li qed inqatta' magħkom fil-parroċċa tan-Nadur ħdimt mill-qrib ukoll ma' xi gruppi tal-parroċċa. Insemmi fost l-oħrajn lill-grupp tal-abbatini. Il-ħidma mal-abbatini ddur b'mod speċjali mal-preparazzjoni u l-organizzazzjoni tas-servizz waqt il-liturġija, imma mhux biss. Mal-abbatini l-kbar għamilna wkoll mixja ta' formazzjoni permezz tal-laqgħa li nagħmlu kull nhar ta' Sibt. F'dawn il-laqgħat rajna pass pass l-ewwel ġrajjiet tal-istorja tas-salvazzjoni, jiġifieri l-ewwel ġrajjiet li nsibu fil-kotba tat-Testment il-Qadim, u rajna kif dawn il-ġrajjiet jistgħu jkunu ta' dawl għal ħajjitna llum u anke jgħinuna dwar id-deċiżjonijiet li nieħdu għall-futur. Imbagħad mal-abbatini kollha f'daqqa ġieli organizzajna xi attivitajiet differenti bħal xi logħba futbol, xi ħarġa f'Malta u anke attendejna għal xi laqgħat vokazzjonali fis-Seminarju u għand il-Patrijiet Franġiskani Minuri. Xi ħaġa sabiħa li seħħet fil-grupp tal-abbatini matul din is-sena kienet it-twaqqif tal-*music group* magħmul minn uħud mill-abbatini l-kbar li għandhom it-talent li jkantaw jew idoqqu xi strument. Magħhom iffurmajna dan il-grupp li f'xi okkażjonijiet partikulari jieħu ħsieb janima l-kant waqt il-quddiesa. Kien propju nhar il-Milied tas-sena l-oħra meta bħala grupp animajna għall-ewwel darba l-quddiesa fil-Bażilika tagħna.



Grupp ieħor li ħdimt miegħu mill-qrib kien dak tal-NTYC. Il-programm tal-laqgħat u attivitajiet taċ-Ċentru taż-żgħażagħ huwa wieħed mimli u varjat ħafna, u impossibbli li nsemmi kollox. Is-sehem tiegħi kien l-aktar fil-*Prayer Group* ta' nhar ta' Ġimgħa fejn grupp ta' żgħażagħ mill-etajiet il-kbar konna niltaqgħu biex nimmeditaw u nitolbu permezz tal-Kelma ta' Alla u tal-Ewkaristija. It-tema li ggwidatna matul din is-sena kienet dik tal-ewwel komunità tad-dixxipli. Mument speċjali ieħor li għixt mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-NTYC kienu l-eżerċizzi tar-Randan fejn qsamt magħhom xi ħsibijiet ispirati minn ġrajjiet ta' ikliet li nsibu fil-Bibbja. Issa jekk il-Bambin irid, f'Lulju li ġej ser inkun qed nagħmel esperjenza missjunarja ġewwa l-Gwatemala flimkien ma' xi żgħażagħ taċ-Ċentru.

Dan li għadni kif qsamt magħkom kien ftit minn dak li għixt matul din l-aħħar sena, is-sena li ser tkun qed tagħlaq iż-żmien tiegħi fis-Seminarju. Hi sena li qed tagħlaq kapitlu imma hi sena li ser tkun qed tiftaħ ieħor ukoll. Għaliex? Kif diġà għidtilkom fil-bidu, fi ftit jiem oħra ser inkun qed niġi ordnat djaknu. Dan ifisser li issa ser jinfetaħ għalija kapitlu ġdid li ser iwassalni biex inkompli l-istudju tiegħi barra minn xtutna imma jfisser ukoll li issa, bħala djaknu, ser inkun aktar impenjat bil-ħidma fil-parroċċa.

Nagħlaq billi, filwaqt li nwegħdkom it-talb tiegħi, nitlobkom titolbu għalija u għal aktar vokazzjonijiet mid-Djoċesi tagħna.

# NTYC NADUR TEEN & YOUTH CENTRE

**FR MARK BONELLO**

## "INSARA TAJBA U ĊITTADINI ONESTI"



Wieħed mill-aktar qaddisin li ffurmaw il-vokazzjoni tiegħi meta kont adolexxent, Don Bosco, kien jemmen li l-għan tal-pastorali tiegħu maż-żgħażagħ kien li jgħinhom isiru nsara tajba u ċittadini onesti. Dan kien jgħallimhom jagħmluh billi jiskopru dak li għalih Alla kien qed isejħilhom, jiġifieri l-vokazzjoni tagħhom.

Tul dawn l-aħħar 10 snin hekk ippruvajt nagħmel bil-għajnuna ta' sħabi l-animaturi l-oħra – mhux biss li noħolqu spazju fejn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jistgħu jesprimu t-talenti tagħhom u jgħaddu siegħa fil-kumpanija ta' xulxin f'post san, iżda fuq kollox biex permezz ta' diversi attivitajiet, ikomplu jiskopru s-sejħa li Alla għandu għal kull wieħed minnhom u jwettquha pass pass.



Matul ix-xhur li għaddew organizzajna diversi attivitajiet li fihom iż-żgħażagħ tagħna setgħu jipprattikaw it-talenti tagħhom, fost l-oħrajn waqt il-farsa f'Ottubru; il-kant u l-mużika waqt il-quddiesa tal-Ħadd, waqt il-Prayer Group u mumenti oħrajn; l-arti waqt il-wirja tal-Karnival u mumenti oħra ta' krafts; is-sengħa ta' leadership waqt l-attivitajiet li nagħmlu b'mod speċjali meta nirrisponsabilizzawhom b'xi rwol; u diversi mumenti oħra fejn joħorġu faċċati oħra mill-karattru tagħhom, bħal meta juru kompassjoni u mħabba lejn l-anzjani xħin inżuruhom fil-ġranet tal-Milied u meta nilqgħu lil ħutna tal-Fondazzjoni Arka.



Iżda l-aktar mumenti imprezzabbli huma meta l-attivitajiet li nagħmlu jkomplu jressquhom lejn Ġesù. Huwa ta' għaxqa għalija li nara żgħażagħ jikbru u li jsibu posthom fis-soċjetà u permezz ta' xogħlhom ikomplu jħobbu lill-proxxmu u jagħmlu l-ġid; biex ma nsemmux ukoll meta minn dawk stess li għadhom jattendu u jagħtu sehemhom fiċ-ċentru jagħmlu għażliet kbar f'ħajjithom bħall-ħajja taż-żwieġ jew is-seminarju.



Għalhekk, bħal kull sena kienu importanti l-mumenti ta' irtiri li kellna, il-prayer group, l-eżerċizzi, il-laqgħat ta' kull ġimgħa u anke l-aħħar esperjenza li kellna għall-grupp ta' 10 żgħażagħ li għamlu l-Camino de Santiago, pellegrinaġġ li għinhom jersqu aktar lejn in-natura, lejn xulxin, iżda fuq kollox, lejn Alla.



Jekk Alla jrid fix-xahar ta' Lulju ser ikun hemm grupp ieħor ta' 13-il żagħżugħ/a li flimkien miegħu ser immorru għand Dun Anton Grech fil-missjoni tiegħu ġewwa l-Gwatemala.

Jalla ċ-Ċentru tagħna jibqa' jkun bejta ta' vokazzjonijiet biex il-parroċċa tagħna jkollha aktar familji sodi mibnija fuq il-Kelma ta' Alla li fuq kollox wassluhielna l-patruni tagħna San Pietru u San Pawl.

# M.U.S.E.U.M. SUBIEN

JOE CAMILLERI

*"It-tagħlim it-tajjeb hu l-għajn ta' kull ġid"*

Hekk kien iħobb jgħid Dun Ġorġ. Kull ħaġa tajba li ssir toħroġ minn tagħlim san u formazzjoni tajba. Illum qegħdin ngħixu fi żmien li żgur li aħna mdawrin minn informazzjoni li qatt ma kellhom dawk ta' qabilna. Dak li qabel ridt tagħmel ġimgħat tirriċerka ġo libreriji sabiex takkwista l-informazzjoni meħtieġa, illum kemm tfittex fuq il-kompjuter u jagħtik dak li għandek bżonn fi ftit minuti. Iżda dan għandu l-periklu tiegħu wkoll. Trid tara s-siti tal-internet kemm huma affidabbli. Issib minn kollox u donnu kulħadd għandu l-opinjoni tiegħu dwar kollox. Kemm-il darba nisimgħu professjonisti tas-saħħa jgħidu sabiex ma noqogħdux fuq dak kollu li naqraw fuq l-internet dwar saħħitna? Hemm bżonn li tikkonsulta mat-tabib tal-familja u jekk ikun hemm bżonn ma' speċjalisti fil-qasam mediku partikulari. Li taqra artiklu dwar is-saħħa ma jagħtik l-ebda kredenzjali tal-mediċina. U aktar u aktar meta lanqas biss ikollok idea min kiteb u x'kellu f'moħħu u x'kienet l-aġenda ta' min xeħet dak l-artiklu fuq l-internet. U dan ma jgħoddx għall-qasam tas-saħħa biss. Jgħodd għall-kamp legali, kożmetiku, sportiv u bosta oqsma oħrajn fosthom żgur dak reliġjuż.

Tisma' b'min jgħidlek li llum bl-avvanzi li għamel il-bniedem, ma tantx fadlilha post ir-Reliġjon. Ix-Xjenza tatna ħafna informazzjoni li dawk ta' qabilna ma kellhomx. Ix-Xjenza hija importanti. Permezz tagħha saru avvanzi kbar fil-kwalità tal-ħajja tal-bniedem. Imma x-Xjenza weħidha qatt ma tista' tagħtina l-iskop tal-bniedem fid-dinja. Qatt ma tista' turina l-mod ta' kif beda l-bniedem u għalfejn qiegħed hawn. L-istudju tal-Psikoloġija Umana qed jagħti tagħrif, ovvjament imwieżen minn bosta studji, ta' kemm huwa importanti l-aspett spiritwali fil-bniedem. Meta dak li jkun iwarrab l-aspett spiritwali jkun qed iħalli barra element importanti li jżommlu l-bilanċ f'ħajtu.






U għalkemm fi żmien Dun Ġorġ l-istudji psikoloġiċi kienu għadhom 'il bogħod minn kif nafuhom illum, hu fehem li l-ispiritwalità hija importanti ħafna fil-ħajja tal-bniedem. Ried iqawwi fiż-żgħażagħ ta' madwaru, hu kien għadu żagħżugħ ta' 27 sena meta waqqaf il-MUSEUM, sens qawwi ta' valuri u tagħlim Nisrani. Wara li jsaħħaħ lilhom riedhom li jgħaddu dak li tgħallmu lil dawk ta' madwarhom. U hekk ilu jagħmel il-Museum għal dawn l-aħħar 119-il sena. Għad fadal postu, u forsi llum aktar minn qatt qabel, sabiex nuru lit-tfal, adolexxenti u żgħażagħ kif jgħarblu l-qamħ mill-ħuxlief, it-tajjeb mill-ħażin, l-importanti mill-inutli.

Għalhekk għeżież ġenituri ħeġġu lil uliedkom sabiex jibqgħu jattendu anke fix-xhur tas-sajf. Aħna nagħmlu minn kollox sabiex anke f'dawn ix-xhur sħan inżommu l-qasam ħaj b'bosta attivitajiet. Anke għalikom u għall-ħbieb kollha tagħna qed naħdmu fuq Ġimgħa Museumina fil-bidu ta' Awwissu. Nieħdu gost immens narawkom fostna għal dawn l-attivitajiet li, bħal kull ħaġa li ssir fil-qasam, l-iskop aħħari jkun ta' tagħlim u formazzjoni.

### *Awguri għall-festa*

Minn qiegħ qalbi u f'isem sħabi tal-qasam nixtieq lin-Nadurin u lil dawk kollha li jkunu fostna l-festa t-tajba. Jalla Pietru u Pawlu jservuna ta' eżempju mill-isbaħ ta' kif għandna nkunu dixxipli ta' Ġesù. Xieraq li bħala preparazzjoni għal din il-festa tant mistennija nagħmlu qrara, forsi b'aktar ġabra mis-soltu, u nitqarbnu għaliex min jifhem is-sabiħ tat-tqarbin ma jħallix ġurnata tgħaddi bla ma jitqarben. Awguri.



# M.U.S.E.U.M. BNIET

## SUPERJURA U KATEKISTI

Fit-8 ta' Mejju, 2026 kien l-anniversarju tal-elezzjoni tal-Papa Ljun XIV. It-tema speċjali u ewlenija tiegħu kienet u għadha l-paċi fid-dinja. Matul il-pontifikat tiegħu huwa enfasizza wkoll id-djalogu, is-sempliċità, ir-rispett għall-ħajja mit-tnissil sat-tmiem, ir-rwol tal-knisja bħala dawl fid-dlam, kif ukoll l-importanza li l-fidi tintwera permezz tal-ħajja fil-prattika jiġifieri dik li ngħixu l-valuri nsara. Tajjeb li nsemmu wkoll x'qal rigward il-familja. Il-familja hija l-futur tal-umanità. Araw x'responsabbiltà għandna aħna l-katekisti kif ukoll intom il-ġenituri. Il-Papa issuġġerixxa li l-ġenituri jkunu eżempju ta' integrità billi jaġixxu kif jixtiequ li wliedhom jaġixxu u jedukawhom fil-libertà imma mhux mingħajr ċerta ubbidjenza. Huwa jinkoraġġixxi lin-nanniet li għandhom rwol speċjali sabiex iħarsu lejn qrabathom b'għerf, kompassjoni u paċenzja peress li huma mudelli ta' fidi għall-ġenerazzjonijet il-ġodda. Dwar l-użu tat-teknoloġija, il-Papa wera t-tħassib tiegħu dwar l-użu eċċessiv tal-mobiles u tal-A.I. (Intelliġenza Artifiċjali) u appella lill-ġenituri biex jikkontrollaw dan l-użu biex ma jintilifx l-element uman u tiżdied l-ansjetà fiż-żgħażagħ. Ma nistgħux ma naqsmux magħkom ukoll xi kwotazzjonijiet li kien jgħid il-fundatur tagħna, Dun Ġorġ Preca, li mhux biss għadhom attwali, imma wkoll biċċa minnhom huma relatati ma' dak li qal il-Papa.

- Il-korla ma tintefiex bil-korla.
- Aħseb dejjem x'jiġi wara u kelma iżinha darbtejn qabel ma tgħidha.
- Ħu din ir-regola: dak li jista' jsir bl-imħabba, agħmlu, dak li ma jistax isir mingħajr ġlied ħallih.
- Ħadd ma jista' jgħix skont il-qalb t'Alla mingħajr it-talb.
- Il-kwiet, id-dieta u l-ferħ isostnu s-saħħa tar-ruħ u tal-ġisem.
- Min irid jagħti xi ħaġa lil Kristu jibgħathielu mal-proxxmu.
- Iż-żewġ imqadef tan-nisrani għandhom ikunu s-silenzju u l-paċenzja.
- Kull mument tal-ħajja huwa grazzja.
- Okkażjoni ta' ġid li int tista' tagħmel qatt twarrabha minnek.
- L-akbar għerf u tjeba huwa meta tistma wisq lill-oħrajn.
- Alla tgħoġbu wisq l-orazzjoni tal-qalb.



### *X'għadda minn għalina*

Is-sena kollha aħna għaddejjin kemm bit-tagħlim kif ukoll bl-attivitajiet. Nammiraw lill-ġenituri li jagħmlu kull sagrifiċċju sabiex jibagħtu lil uliedhom għat-tagħlim, filwaqt li xi oħrajn, u dawn huma ftit, li ma jurux daqshekk interess biex jagħmlu dan u allura ma jagħtux il-prijorità biex jedukaw lill-uliedhom spiritwalment.



Fil-10 ta' Mejju, 2025 organizzajna attività għal Jum l-Omm bis-sehem tat-tfal permezz ta' kant, poeżiji u *play*. Il-kelliema li għamlet diskors lill-ġenituri kienet is-Superjura Pauline Grech. Wara kellna bibita flimkien.

Matul is-sajf, barra attivitajiet oħra bħal logħob, *treasure hunts*, eċċ. organizzajna wkoll pizza *party* fit-28 ta' Lulju, 2025. Din kienet sorpriża għat-tfal u l-adolexxenti għax kienet differenti mill-ġelat li nagħtuhom kuljum. Sintendi lezzjoni qasira ta' kuljum qatt ma naqset.



Qabel ma bdejna r-rutina tat-tagħlim regolari għal kulħadd, ħsibna biex nagħmlu laqgħa lill-ġenituri tat-tfal minn Year 5 'l fuq u din saret fis-26 ta' Settembru, 2025. Il-laqgħa tmexxiet mis-Segretarja Ġenerali, Moira Tonna, li ġiet apposta minn Malta.

Bħal kull sena qatt ma nħallu barra l-quddiesa ad unur ta' San Mikiel Arkanġlu li saret fid-29 ta' Settembru. Numru ta' devoti ta' San Mikiel ikunu qed jistennewha u din ġiet iċċelebrata mir-Rev. Dun Loreto Tabone.

Qatt ma ħallejna barra l-quddiesa b'suffraġju tal-membri u benefatturi mejtin fix-xahar ta' Novembru, li din is-sena ġiet iċċelebrata fl-14 ta' dan ix-xahar mir-Rev. Dun Loreto Tabone. Minbarra l-membri u t-tfal kien mistieden kulħadd.

Sintendi matul ix-xahar ta' Diċembru nkunu mehdijin ħafna mhux biss fit-tagħlim imma wkoll fil-preparazzjoni għall-kunċert tal-Milied. Dan isir wara n-novena fejn kull klassi tagħti sehemha fil-ġurnata stabbilita tagħha. Minbarra xi poeżiji, u kant jiġu mtella' wkoll xi *plays* mill-adolexxenti. Il-ġenituri u qraba jattendu bi ħġarhom għal dan il-kunċert li jsir fil-qasam. Wara jingħataw ir-rigali lil kull tifla.

Ma nistgħux ma nurux ir-rikonoxximent tagħna lejn dawk il-benefatturi li jgħinuna finanzjarjament u anke dawk il-*cleaners* li minn rajhom jiġu jnaddfu l-qasam meta jkun hemm bżonn. Il-Mulej iħallashom kif jaf hu u aħna niftakru fihom kuljum fit-talb tagħna.

Nieħdu din l-opportunità biex nawguraw lin-Nadurin kollha l-festa t-tajba u qaddisa fuq l-eżempji tal-patruni tagħna, San Pietru u San Pawl.

# L-Iskola Primarja tan-Nadur

**MARK AZZOPARDI** GĦALLIEM

L-Iskola tagħna għandha storja twila mhux ħazin. Il-bini preżenti ilu jservi bħala skola għal dawn l-aħħar 94 sena. Perċentwal għoli tal-popolazzjoni tan-Nadur għamlu snin jattendu fiha. Meta l-iskola tagħna ħadet libsa ġdida permezz tat-tisbiħ li sar sentejn ilu, b'ħafna kumditajiet li qabel ftit konna noħolmu bihom, innutajna li kienet qegħdin ukoll inwaħħlu inkwatri kbar ta' xi attivitajiet li saru f'dawn l-aħħar snin bħall-Kunċert tal-Milied u l-"Festa Day." Hemm il-ħsieb li dawn jiżdiedu f'postijiet oħra fis-sular t'isfel kif ukoll fil-kuritur ta' fuq. Kien jixraq li fl-entratura tal-Iskola jiddomina ritratt kbir tal-ftuħ tal-iskola preżenti nhar l-4 ta' Jannar, 1932. Sibna wkoll



binja mingħajr identità. X'kien hemm x'juri li din hija l-iskola primarja tan-Nadur u mhux xi skola oħra? Fejn hija r-rabta tal-iskola mal-ġrajjiet tagħha tal-imgħoddi?

Għalhekk waħda mill-ewwel inizjattivi li għamilna kien li nżejnu l-ħitan tal-kurituri u tas-Sala b'ritratti sbieħ u kbar li jirrakkontaw l-istorja tal-iskola tagħna. Wieħed jista' faċilment jara lilu nnifsu f'xi wieħed minn dawn ir-ritratti. Fis-sala waħħalna madwar 40 ritratt kbir li juru attivitajiet tal-iskola kemm fl-imgħoddi kif ukoll dawk aktar qrib f'dawn l-aħħar għoxrin sena. Żgur li dawn iqanqlu sens ta' nostalġija meta tara x'kien jiġi organizzat f'dak iż-żmien, kif kienet l-uniformi u x'attivitajiet extra-kurrikulari kienu jsiru dakinhar. Jieħdu preċedenza l-attivitajiet reliġjużi bħall-Jum Ewkaristiku li dakinhar kienet issir b'devozzjoni kbira tant li l-Kleru kollu kien jattendi għaliha. Fil-Kurituri spazji biżżejjed biex jitwaħħlu ritratti li qabel kienu mdendlin f'uffiċċji oħra. Dawn huma sensiela ta' ritratti li ttieħdu f"photo-shoots" tal-produzzjonijiet teatrali li konna ntellgħu f'Jum il-Premjazzjoni. Magħhom hemm oħrajn tat-timijiet tal-football u tan-netball fejn l-iskola tagħna kienet tikkompeti ma' skejjel oħra Għawdxin u mhux l-ewwel darba li ġew minn ta' quddiem f'dawn il-kompetizzjonijiet.

Iżda forsi l-aktar idea oriġinali kienet dik li addattajna għall-ismijiet tal-klassijiet tagħna. Ridna li nkunu oriġinali, li norbtu l-ismijiet man-Nadur u fl-istess ħin nedukaw. Għalhekk iddeċidejna li l-klassijiet tagħna nsemmuhom għall-ismijiet ta' żoni fin-Nadur. Hekk pereżempju għandna klassi msemmija għal San Blas, Il-Buskett, Ta' Bordin, Ta' Said, Ta' Kenuna, Tad-Duru, Ta' Grunju, Il-Ġebel l-Aħmar, Ta' Ħanaq, Ta' Kusbejja, Ta'



Sopu, Ta' Wistin, Tal-Mixta, Ta' Riħan u Ta' Binġemma. Dawn saru tal-perspex bi sfond blu biex jaqblu mal-bibien u twaħħlu mal-bieb ta' kull klassi.

Ħadna ħsieb ukoll niġbru t-tazzi u t-trofej li l-iskola tagħna ġabret matul is-snin. Dawn għamlu żmien ġo vetrina żgħira fl-uffiċċju tal-Kap tal-Iskola meta kien għadu jintuża l-uffiċċju ż-żgħir. Minn hemm spiċċaw f'xi kaxxi tal-kartun u kważi kienu ntesew. Illum dawn jistgħu jitgawdew ġo vetrini sbieħ li nxtraw apposta u tqegħdu ħdejn it-taraġ tan-naħa tal-Lvant tal-iskola. Huma parti mill-istorja u l-identità tal-iskola tagħna u li llum jistgħu jitgawdew mill-istudenti tagħna u minn dawk kollha li jiġu warajna. Ma' dan wieħed jista' jżid ukoll ir-restawr li sar fuq il-pjanu tal-iskola, wara li kienet saritlu ħsara konsiderevoli meta kellu jinġarr minħabba x-xogħol ta' tisbiħ tal-iskola. Illum dan il-pjanu jista' jintuża mill-istudenti tagħna li qegħdin jitħarrġu f'din id-dixxiplina flimkien mal-għalliema tagħhom. U ftit tal-jiem ilu wkoll akkwistajna statwa replika tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. Il-ħsieb tagħna huwa li din issib postha f'post prominenti tal-Iskola.

Din is-sena ħriġna wkoll ir-rivista "Flimkien". Din ir-rivista ta' 92 paġna ħadet issa forma ta' rivista biennali għaliex tkopri s-snin skolastiċi tal-2023-2024 u 2024-2025. Bi preżentazzjoni kollha kulur wieħed isib għadd ta' artikli interessanti dwar l-iskola tagħna, ritratti tal-istudenti flimkien mal-għalliema tagħhom u kronaka dettaljata tal-attivitajiet kollha li saru f'dawn l-aħħar sentejn. Ma' dan wieħed jista' wkoll iżid pubblikazzjoni oħra li huwa djarju li issa se jibda joħroġ fil-bidu ta' kull sena skolastika, għall-użu tal-istudenti tagħna.

U la qegħdin insemmu dak kollu li għaddejna minnu matul din is-sena skolastika, jixraq li nelenkaw xi ftit minnhom. Kellna l-Kunċert tal-Milied li din is-sena reġa' ttella' fit-Teatru MBC. Il-Kunċert ittella' darbtejn u kull min attenda apprezza t-talenti tal-istudenti żgħar tagħna. Opportunità oħra fejn l-istudenti setgħu jurunu t-talenti sbieħ tagħhom kienet serata li saret fis-Sala tal-Iskola bl-isem ta' 'Serata Mużikali'. Din saret fit-30 ta' Jannar. Kellna wkoll Movie Night nhar l-24 ta' April, attività miftuħa għall-familja kollha. Kellna wkoll 'L-Annual Public Lecture' li din is-sena saret fil-15 ta' Mejju u li fiha l-mistieden kien l-awtur Matthew Curmi li għadu kemm ħareġ il-ktieb "Waqa' Ajruplon". Fis-sala kien hemm ukoll esibizzjoni b'ritratti, uħud minnhom antiki, mill-albums tal-Iskola tagħna. Kellna wkoll ħafna ħarġiet edukattivi lejn postijiet storiċi kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, ħarġiet sportivi, fejn il-klassijiet tagħna ikkompetew anke ma' studenti Maltin. Kellna ħarġiet għall-kbar kif ukoll għall-klassijiet tal-Kindergarten. Fi żmien il-Milied żorna djar tal-anzjani, wirjiet u presepji, u fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira żorna wkoll il-bosta wirjiet li kienu miftuħa f'dan iż-żmien. Kellna bosta professjonisti li żaru l-klassijiet tagħna sabiex jagħtu s-servizzi tagħhom favur l-iżvilupp ħolisitiku tal-istudenti tagħna. U dan mhux għat-tfal biss, għaliex anke l-ġenituri kellhom ukoll numru ta' laqgħat. Nemmnu li huma wkoll protagonisti fit-tagħlim ta' wliedhom.

Din hija biss deskrizzjoni qasira ta' dak li sar matul din is-sena fl-Iskola tagħna. Jien niżżilt biss dak li nħoss li għandu jitwassal lill-qarrejja tar-rivista Luminaria. Ningħaqad ukoll mal-kontributuri l-oħra sabiex nawgura festa mill-isbaħ ad unur tal-Patruni tagħna San Pietru u San Pawl.





# IL-BANDA MNARJA

**JAMES BUTTIGIEG** PRESIDENT

Insellmulkom,

Għaddiet sena oħra, sena li kienet mimlija daqs bajda bl-attivitajiet. L-għan ewlieni tas-Soċjetà minn dejjem kien il-Banda Mnarja u l-kultura mużikali fir-raħal tagħna, l-għan li għalih twaqqfet il-banda. Dan l-għan huwa l-iskop tal-impenn tas-Soċjetà.

Dan l-impenn mużikali huwa rifless fit-tagħlim tal-mużika minn tliet għalliema kif ukoll il-kunċert kbir tal-festa Big Band Adventures li ta' kull sena jkun suċċess kbir. Dan il-kunċert din is sena ser isir il-Ħamis 11 ta' Ġunju fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Għal dan il-kunċert kull sena jkun hemm attendenza kbira u fih jispikka l-mod innovattiv li tippreżenta l-Banda tagħna kif ukoll is-sorpriżi li ma jonqsux fosthom bin-nar sinkronizzat mal-Banda.

Din is-sena tellajna l-Kunċert Mater Dolorosa fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Il-Banda tellgħet il-kunċert Mnarja Band in Concert leljliet il-festa ta' San Koronatu fit-Teatru MBC tal-istess Soċjetà. F'kull servizz li kellna, il-Banda tagħna dejjem ħarġet b'unur kbir u dejjem onorat l-istedina b'impenn u dedikazzjoni. U dan nistgħu ngħiduh għax kważi kull servizz barra r-raħal, ħlief fil-festa tal-Munxar, il-Banda Mnarja dejjem għamlet marċ u programm. Kull min sema' l-Banda f'dawn is-servizzi kellu kliem ta' tifħir. Dan is-suċċess ma kienx ikun possibbli kieku ma kienx għas-sagrifiċċju enormi tal-membri tal-Kumitat, tal-bandisti u tas-surmast. Minn hawn f'isem il-kumitat nirringrazzjahom bil-qalb tas-sagrifiċċji kbar li jagħmlu.

Il-Kumitat għandu sehem importanti fil-festa tal-Imnarja u qed jipprepara bi sħiħ għall-festa ta' din is-sena. Il-Kumitat għandu f'idejh is-sehem tal-baned kollha fil-festa. Is-sena l-oħra l-Banda Mnarja daqqet fil-marċ ta' filgħodu nhar jum il-festa u dan kien suċċess kbir. Din il-prova ser tiġi ripetuta wkoll din is-sena biex inkomplu nibnu fuq it-tajjeb tas-sena l-oħra.

Din is-sena l-briju tal-festa huwa fdat ukoll f'idejn il-grupp Żgħażagħ Mnarja fi ħdan is-Soċjetà fejn





bħas-snin l-imgħoddija kkoperat bi sħiħ fil-marċijiet tal-festa. Minn hawn nirringrazzja lil dan il-grupp tal-kooperazzjoni li sibna matul il-marċijiet fejn nistgħu ngħidu li kull marċ li sar fejn kien hemm il-briju spiċċa fejn kellu jispiċċa.

Il-Kumitat flimkien mas-surmastrijiet jemmnu ħafna li l-aljievi huma l-futur tal-Banda Mnarja. Studenti tajbin jiggarantixxu livell mużikali għoli għall-futur tal-Banda Mnarja. Matul din is-sena wkoll tkompla t-tagħlim tal-aljievi mis-surmastrijiet, Mro Dr Joseph Grech, Kimberly Camilleri u Mro Jason Camilleri. Kemm is-surmastrijiet kif ukoll l-aljievi qed juru impenn sħiħ u nagħmel appell biex aktar aljievi jingħaqdu fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Forsi l-isforzi mhux dejjem jagħtu l-frott mixtieq imma dejjem nibqgħu nippruvaw u noffru l-aqwa tagħlim possibbli mingħajr ma naqtgħu qalbna. Din is-sena wkoll il-Kumitat ħa fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ għat-tagħlim tal-mużika. Dan il-proġett li beda f'Jannar u spicca f'Settembru kien jinkludi t-tagħlim tal-mużika kif ukoll il-kunċert tal-aljievi li sar f'Settembru 2025. Kienet okkażjoni sabiħa fejn tajna opportunità lill-aljievi biex idoqqu quddiem il-pubbliku.

Bħala xogħol fil-każin din is-sena qed tinbidel il-purtiera fis-sala ta' isfel għax issa qdiemet u żżartet. Qed issir ukoll manutenzjoni lill-bejt tal-każin kif ukoll inxtara sett timpani ġodda bil-fondi tal-Gozo Regional Council bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Fis-sala ta' isfel inbidlu wkoll xi bozoz kif ukoll inġabet iċ-ċertifikazzjoni neċessarja fuq il-klassi tat-tagħlim biex tiġi konformi man-normi meħtieġa biex kollox ikun skont il-liġi. Rigward it-Teatru MBC din is-sena wkoll ittellgħu diversi xows fih, wieħed wara l-ieħor, u b'hekk it-teatru kien ukoll fiċ-ċentru tal-ħidma tas-Soċjetà.

Il-Kumitat tal-Banda Mnarja barra l-fund raising regolari li s-soltu jagħmel tat-tombli u l-High Teas, organizza diversi ġiti kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Ġew organizzati diversi ġiti ta' ġurnata fi Sqallija. F'Marzu ta' din is-sena saret ġita ta' erbat ijiem fit-tramuntana ta' Sqallija. Hemm ukoll ġita oħra ta' erbat ijiem pjanata għal Settembru li ġej fejn ħa nżuru postijiet lejn in-naħa ta' Palermo fi Sqallija. Hemm il-ħsieb li nagħmlu diversi ġiti skont id-domanda li jkollna. Barra minn hekk organizzajna ġiti għall-Belt Valletta fi żmien il-Milied, Natalis Notabilis fir-Rabat u għall-Birgu Fest. Attivitajiet oħra li saru matul is-sena kienu l-quddiesa tal-benefatturi mejtin f'Novembru, u oħra fi żmien ir-Randan. Saret ukoll l-ikla annwali tal-Milied fil-lukanda Ta' Ċenċ.

Fuq kollox kienet sena oħra ta' suċċess fejn fiha s-Soċjetà Filarmonika Mnarja ħadet il-frott tal-ħidma tagħha. Il-Banda iżda għandha bżonn aktar appoġġ u inkoraġġiment biex tkompli fil-missjoni tagħha. Persważ li r-raħal tan-Nadur ser ikompli juri l-appoġġ bħalma dejjem għamel u ta' dan nirringrazzjawkom. Kull għajnuna u daqqa t'id hija apprezzata ferm.

Nagħlaq billi f'ismi u f'isem il-Kumitat nirringrazzja lilkom bandisti u lilkom membri tal-appoġġ morali u finanzjarju li dejjem tagħtu u nħeġġiġkom biex tkomplu tagħmlu dan matul iż-żmien li ġej.

Grazzi u nawgurawlkom il-festa t-tajba.

# L-ESPERJENZA TIEGĦI BĦALA ABBATI FIL-BAŻILKA TA' SAN PIETRU ĠEWWA L-VATIKAN

**CRAIG BORG**

Kien ilni ħafna ngħodd ix-xhur u l-ġimgħat u ta' sikwit kont ngħid lil ommi li ż-żmien qed joqrob. Fl-aħħar il-mument li niltaqa' mal-bqija ta' sħabi u mas-saċerdoti li kienu se jakkumpanjawna biex flimkien immorru nqattgħu għaxart ijiem ġewwa Ruma, wasal.



Fix-xhur ta' qabel tlaqna konna niltaqgħu darba fix-xahar u konna nippreparaw irwieħna tajjeb għal din il-mawra. Dawn il-laqgħat għenuna wkoll nsiru nafu aħjar lil xulxin.

L-ewwel jumejn li qattajna Ruma, għaddejniehom induru postijiet ta' interess differenti. Żorna l-Kolossew, Santa Maria Maggiore, fejn jinsab midfun il-Papa Franġisku, kif ukoll San Paolo Fuori le Mura, li hi Bażilka mibnija fuq il-post fejn kien ġie midfun San Pawl. Matul il-ġranet ta' qabel bdejna s-servizz tagħna kien ikollna wkoll il-provi tas-servizzi għal waqt il-quddies.

Is-Sibt filgħodu ltqajna lkoll flimkien mal-familji tagħna ġewwa l-Cappella Del Coro. Hemmhekk kellna l-Vestizzjoni fejn ingħatajna l-faxxa l-ħamra. F'din iċ-ċelebrazzjoni qasira aħna sirna uffiċjalment abbatini tal-Vatikan. Din iċ-ċerimonja ġiet iċċelebrata minn Fr Jean Claude Schembri. Wara morna flimkien ġewwa s-seminarju u kilna l-ikla ta' nofsinhar mal-familji tagħna. Il-bqija tal-ġurnata għaddejtha mal-familja tiegħi ndur ġewwa Ruma.

Il-Ħadd filgħodu servejna għall-quddiesa tal-għaxra u nofs fuq l-artal prinċipali tal-Bażilka ta' San Pietru. Kont xi ftit inkwetat għax il-knisja kienet mimlija daqs bajda u jien kelli nżomm il-mikrofonu waqt il-quddiesa għalhekk xtaqt illi nagħmel xogħli sew. Wara li spiċċat il-quddiesa ħriġna fil-pjazza biex ngħidu l-Angelus mal-Papa.

Iżda l-qofol taż-żjara ntlaħaq l-Erbgħa filgħodu. Dakinhar morna għall-udjenza mal-Papa Ljun XIV, però ma konniex nafu jekk hux se jirnexxilna niltaqgħu miegħu. Is-saċerdoti qalulna li kien hemm possibiltà kbira li ma niltaqgħux miegħu. Iżda b'sorpriża kbira fl-aħħar tal-udjenza ġew xi persuni mill-Osservatore Romano u qalulna biex nitilgħu nistennew fuq it-tarġ ħalli niltaqgħu mal-Papa. Lanqas ridt nemmen lil għajnejja xħin rajtu quddiemi. Kelli tbissima kbira fuq wiċċi u xħin ħadli b'idi stedintu biex jiġi Għawdex. Hu weġibni li Għawdex diġà ġie imma issa jixtieq jiġi bħala Papa. Il-ferħ li ħassejt wara din il-laqgħa ma nistax niddeskrivih. Għalija kienet xewqa kbira li issa verament saret realtà.

Il-jumejn li kien għad baqalna ġewwa Ruma taru. Servejna waqt quddies mhux bit-Taljan biss imma wkoll bil-Pollakk u biċ-Ċiniż. L-aħħar ġurnata, f'jum Santa Marija, erġajna servejna fuq l-artal prinċipali. Kont ftit imdejjaq li din l-esperjenza li tant kont ilni nistenna kienet waslet fi tmiemha. Żgur li minn din l-esperjenza tgħallimt ħafna, għamilt ħbieb ġodda u saħħaħt ukoll ħbiberiji antiki. Din hi esperjenza li żgur ma jien se ninsa qatt u se nibqa' ngħożżha f'qalbi.



# KUMITAT FESTI ESTERNI

JOE MUSCAT







L-organizzazzjoni tal-Festa Titulari għad unur il-Patruni San Pietru u San Pawl hija fdata mill-Parroċċa tan-Nadur lill-Kumitat Festi Esterni. Dan il-Kumitat huwa wieħed uniku tax-xorta tiegħu f'Għawdex minħabba l-kompożizzjoni tiegħu. Infatti l-Kumitat Festi Esterni huwa magħmul mid-diversi għaqdiet Nadurin li għandhom konnessjoni diretta mal-Festa tal-Imnarja. Hekk li fi ħdanu nsibu l-Banda, l-Għaqdiet tan-nar, tal-armar kif ukoll tal-briju. Dawn id-diversi sezzjonijiet huma rrappreżentati minn dawn id-disa' għaqdiet:

- Soċjetà Filarmonika Mnarja
- Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl
- Għaqda Armar Pjazza San Pietru u San Pawl
- Għaqda Armar Triq Diċembru 13
- Għaqda Armar Triq San Ġwann
- Għaqda Armar Dun Ġużepp Haber, Triq Xandriku
- Għaqda Armar Triq il-Kappillan
- Għaqda Armar Triq il-Knisja,
- Għaqda Żgħażagħ Mnarja

Il-President tal-Kumitat huwa l-Arċipriet pro tempore b'segretarju maħtur mill-Arċipriet. Barra minn hekk, matul l-aħħar snin bdew jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Festi Esterni rappreżentant tal-Kunsill Lokali tan-Nadur kif ukoll il-koordinatur tal-Għaqdiet is-sur Joe Chircop li ġie maħtur mill-Arċipriet. Matul l-aħħar sena l-kumitat żamm tmien laqgħat plenarji. Id-diskussjonijiet fi ħdan il-kumitat kienu marbuta dejjem mal-festa titulari u kif din tista' tkompli tittejjeb.

Barra minn dan saru anke diskussjonijiet fuq il-proġett ambizzjuż tar-rinovar tal-maħżen tal-Armar ta' Triq tas-Sajd, proprjetà tal-Parroċċa. Wara li jkun lest, matul ix-xhur li ġejjin, dan il-maħżen mhux ser ikun biss il-post fejn jintrefa' b'mod organizzat l-armar kollu tal-Pjazza, u ta' Triq il-Kappillan, iżda ser ikollu spazju fejn dawn iż-żewġ għaqdiet jistgħu jagħmlu xogħol konness mal-armar tagħhom. Matul il-laqgħat saru wkoll diskussjonijiet fuq id-diversi proposti li ġew imressqa mill-għaqdiet waqt il-laqgħat individwali li kull għaqda kellha mal-koordinatur.

Sadanittant, matul is-sena li għaddiet, l-għaqdiet fi ħdan il-kumitat Festi Esterni baqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħhom. Huwa xieraq li x-xogħol li jagħmlu dawn l-għaqdiet ikun magħruf b'mod speċjali min-Nadurin u għalhekk, permezz tar-rivista Luminaria, kull għaqda qiegħda tagħti fil-qosor tagħrif fuq il-ħidma rispettiva.

Fl-aħħar nett, f'isem l-għaqdiet kollha li jiffurmaw il-Kumitat Festi Esterni, nawguraw il-Festa t-tajba lin-Nadurin kollha kull fejn jinsabu.

# GRUPP ARMAR TAL-PJAZZA

**KAN. KARM PORTELLI**

Għall-Grupp tal-Pjazza din is-sena kienet waħda ta' sfidi u ma kinitx faċli. Għaliex?

Il-festa, kif spiċċat, ġabet magħha ħafna xogħol ta' strapazz. Billi l-garage tal-armar kien ser jitwaqqa' biex jinbena mill-ġdid, il-membri riedu jaħsbu fejn ser ipoġġu u jaħżnu l-armar kollu.



Ma kinitx xi ħaġa faċli, għaliex l-armar tal-pjazza jitlob ħafna spazju. Ħabbatna diversi bibien u fl-aħħar sibna djar privati fejn aċċettaw l-armar. L-ewwel li ridna niġbru kienu l-istatwi tad-dimostrazzjoni, l-appostli u l-anġli u l-kontinenti. Dun Karm u Miriam Portelli offrewlna d-dar tan-nanniet fi Triq San Ġakbu u poġġejna dak kollu li seta' jidħol, inkluż parti kbira mill-pjanċier.

Kien baqa' biċċa uġigħ ta' ras: il-pedestal tad-dimostrazzjoni u l-pedestalli tal-Martirju ta' San Pietru u San Pawl – grazzi għal Michael Camilleri ta' Heirloom Furniture li tagħna x-showroom tagħhom.

Issa kien għad fadal iktar armar x'jintrefa'. Sibna żewġ benefatturi oħra Pietru Pawl u Rina Portelli li fetħulna l-bibien ta' ħanut antik tal-inbid fi Triq Ta' Said u poġġejna ħafna armar li kien baqa'.

Riedu jinħattu wkoll l-irfuf u l-armarijiet tal-garage, biċċa xogħol li ħadet lill-membri ħinijiet twal. Il-materjal tpoġġa wkoll f'kamra fi Triq Ta' Said flimkien mal-għodda u makkinarju ieħor.

***Grazzi lil dawk kollha li kienu ġenerużi***

Ix-xogħol fuq l-armar tkompla wkoll. Infatti gew indurati 30 biċċa ta' ornamenti tal-pjanċier minn Dun Karm u Joe Farrugia.

Nirringrazzjaw lil Pietru, Maria u Joel ta' Pizzerija Rabokk, Toni Debono u Sammy Portelli li għaddewlna l-bottijiet bħala fund raising. Grazzi wkoll lil tant benefatturi tad-donazzjonijiet ġenerużi tagħhom.

Grazzi lill-membri kollha u lill-Arċipriet u lill-Parroċċa u b'tama kbira li wara l-festa nibdew inpoġġu l-armar fil-garage l-ġdid, u jkollna spazju fejn inkomplu nirrestawraw l-armar u nħejju għall-festa tant għażiża għalina.

Nixtiequ l-festa t-Tajba lin-Nadurin kollha.






# GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KNISJA

**MARIO BONELLO**

Matul din is-sena l-Għaqda Armar Triq il-Knisja kompliet bil-ħidma tagħha biex tkompli tassigura li t-triq ikollha armar sabiħ u miżmum tajjeb sabiex tiġi mżejna kif jixraq għall-festa tal-patruni tagħna San Pietru u San Pawl.

Wara li tlesta' ix-xogħol tal-pittura u l-isfumatura fuq is-sett ta' seba' pavaljuni, din is-sena qed jiżżanżnu l-aħħar żewġ sopraporti tal-injam li issa ġew ukoll miżbugħa bħal dawk ta' qabilhom. Din is-sena qed jiżżanżnu wkoll żewġ bandalori oħra flimkien mas-sopraporti tal-injam li anke dawn sarilhom xogħol ta' pittura u sfumatura kif ukoll xogħol u żebgħa fl-injam. B'hekk issa jifdal 5 minn 15-il bandalora li għadu jrid isirilhom xogħol qabel ma jitlestew u jagħqdu s-sett ta' 15-il bandalora f'din it-triq.



Dan ix-xogħol, bħal xogħol ieħor, jeħtieġ finanzjament, xi kultant finanzjament mhux żgħir. Għalhekk aħna l-membri tal-kumitat norganizzaw attivitajiet differenti mqassmin matul is-sena biex inkunu nistgħu niġbru l-fondi ħalli ntaffu dawn l-ispejjeż.

Tnejn mill-attivitajiet issa daħlu sew fil-kalendarju tal-attivitajiet tar-raħal. Waħda hija x-xalata tal-festa li tittella' eżatt wara l-festa, fil-bidu ta' Lulju. Din tinżamm fil-ġnien tal-Belvedere fi Triq il-Madonna ta' Fatima u bħas-soltu tkun animata b'mużika u kant minn talent Naduri. L-ikel li jissajjar fuq il-post jieħdu ħsiebu l-membri tagħna stess. L-oħra hija l-End of Summerfest, li tiġi organizzata lejn tmiem Settembru fi Pjazza San Pietru u San Pawl u tikkonsisti f'BBQ organizzat fil-post bil-parteċipazzjoni ta' kantanti u mużiċisti Nadurin li joffru divertiment waqt din is-serata.

Ta' min isemmi li dawn iż-żewġ attivitajiet jiġu organizzati flimkien mal-Għaqda Armar Triq il-Kappillan Dun Bernard Haber.

Issa li beda x-xahar ta' Ġunju ifisser li x-xogħol li nkunu ilna għaddejjin bih is-sena kollha jilħaq il-qofol tiegħu meta noħorġu l-armar u nibdew inżejnu t-triq. X'sodisfazzjon tħoss meta tara l-pavaljuni u l-bandalori li tant ħadulna xogħol biex lestejniehom, jiżfnu maż-żiffa ħelwa tar-riħ li Ġunju biss jaf joffriha!

Anke meta tgħaddi l-festa, ikompli x-xogħol biex l-armar jinġabar u jiġi maħżun fl-aħjar kundizzjonijiet biex nibżgħu għax-xogħol li jkun sar filwaqt li jsir xogħol ta' manutenzjoni u restawr ieħor fejn ikun meħtieġ. Dan minbarra twettieq ta' proġetti ġodda minn sena għal oħra. Wieħed japprezza li dan kollu jeħtieġ nies li joffru ħinhom b'mod volontarju biex iwettquh u fondi biex ikun jista' jinxtara materjal u jitħallsu spejjeż oħra. Għalhekk filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha li appoġġjawna u tawna donazzjonijiet matul is-snin inħeġġu volontari u benefatturi oħra biex jekk jistgħu jħinuna f'din il-ħidma tagħna b'risq il-festa ad unur ta' San Pietru u San Pawl.

Grazzi lill-membri kollha tal-għaqda tal-ħin u s-sagrifiċċju tagħhom. Il-Festa t-Tajba lil kulħadd!

# GĦAQDA ARMAR TRIQ SAN ĠWANN

**JOSEPH VELLA**

Matul dawn l-aħħar xhur, il-ħidma fi ħdan l-għaqda tagħna kompliet għaddejja b'ritmu tajjeb sabiex inkomplu nsaħħu u nżommu l-armar tagħna fl-aqwa stat possibbli.

Fost ix-xogħlijiet li bdew issa nsibu l-induratura tal-kolonni tal-angli, xogħol delikat u importanti li ser ikompli jsebbaħ l-armar tagħna u jagħtih dehra aktar professjonali u eleganti. Fl-istess waqt beda wkoll ix-xogħol fuq il-forom tal-kolonni tal-angli sabiex dawn ikunu preparati bl-aħjar mod għall-futur.





*L-Għaqda Armar Triq San Ġwann Nadur flimkien mal-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl Nadur organizzaw it-tieni edizzjoni tal-attività Qalb il-Frawli nhar it-3 ta' Mejju 2026*

Sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq il-maħżen tal-għaqda sabiex l-armar ikun jista' jinħażen b'mod aħjar u b'inqas riskju ta' ħsara. Barra minn hekk, beda l-proċess sabiex fil-futur ikollna maħżen akbar u aktar adattat, bil-għan li l-armar kollu jinġabar f'post wieħed u jkun organizzat aħjar għall-ġid tal-għaqda.

Il-kumitat preżenti ħaseb ukoll sabiex jinħoloq logo ġdid għall-għaqda, pass ieħor importanti biex inkomplu nagħtu identità moderna u sabiħa lill-għaqda tagħna.

Barra minn dawn il-proġetti kollha, l-għaqda tagħna kompliet torganizza diversi attivitajiet matul is-sena sabiex komplejna nsaħħu l-għaqda bejn il-kumitat u l-membri tagħna. Permezz ta' dawn l-attivitajiet, flimkien ma' bosta skemi u fondi li l-għaqda rnexxielha takkwista, qed inkunu nistgħu nkomplu ninvestu u naħdmu aktar fuq l-armar tagħna sabiex sena wara sena nkomplu ntejbu l-livell tiegħu.

Fl-aħħar nett, nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min b'xi mod jew ieħor jagħti l-għajnuna tiegħu u jkun ta' sostenn għall-ħidma tagħna. Il-Kumitat jawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.




# GĦAQDA ARMAR DUN ĠUŻEPP HABER TRIQ XANDRIKU

CHARLIE XUEREB

## Ħdax-il Sena ta' Ħidma

Ħdax-il sena ilu, il-kumitat Għaqda Armar Dun Ġużepp Haber kompla fuq dak li għamlu l-prokuraturi ta' qabilna billi taw bidu biex jaraw xi jkun hemm bżonn biex Triq Xandriku tilbes dik il-libsa li tixirqilha.

Kienet ħtieġa kbira li, fejn hemm bżonn, isir it-tibdil, u dan sar b'ħafna sagrifiċċju kemm mill-kumitat kif ukoll mill-għeżież benefatturi tagħna.

### Manutenzjoni u Restawr

Sena ilu sar ukoll sett ta' 30 zukklatura ġodda. L-oħrajn kienu fi stat ħażin u bilfors kellhom jinbidlu. Grazzi lil Salvu Buttigieg, il-mastrudaxxa li ħadem dawn kollha b'xejn. Sar restawr ukoll fuq l-anġli u l-papiet, u dan l-aħħar fuq l-armi tat-trofej; xogħol li sar kollu b'mod volontarju.



Minħabba li s-sena l-oħra wieħed mill-pavaljuni tad-dawl waqa', indunajna kemm verament dawn jinsabu fi stat ħażin ħafna, hekk kif jgħoddu mal-55 sena. Għalhekk, il-kumitat iddeċieda li wara l-festa tal-2026, jagħti bidu għal dan il-proġett kbir u utli għal din it-triq. Se jsiru 10 pavaljuni minflok tmienja biex it-triq tiddawwal iżjed. Id-disinn sar minn Joseph Cauchi u, jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla jkollna pavaljuni tad-dawl ġodda.

Barra dan kollu, saru strutturi ġodda fil-maħżen, fuq u isfel, u nbidlu żewġ soqfa li kienu f'periklu kbir. Flimkien mal-Arċipriet Fr Krystof Buttigieg, nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lill-Arċipriet emeritu, Mons. Jimmy Xerri, li kien ta' għajnuna kbira.

### Proġetti u Inizjattivi fit-Triq

Rajna li kien hemm bżonn ta' sett trofej ġdid għal tlettax-il-arblu, fejn kull arblu jieħu sett differenti. Inbidlu wkoll 30 arblu tal-ħadid ma' dawk li kien ilhom hemm aktar minn mitt sena. Bħalissa qed isir sett ta' 30 bandalora ġdida, filwaqt li għad fadal tletin oħra x'isiru.

Nixtiequ ngħidu grazzi kbira lil dawk il-benefatturi li offrew l-għajnuna biex dan ix-xogħol seta' jsir, flimkien man-nisa tal-kumitat u speċjalment lis-Sinjura Annie Xuereb, li ħietet dan id-drapp kollu mingħajr ħlas.

### Kelma ta' Ringrazzjament

Dan kien fil-qosor dak li twettaq f'dawn l-aħħar snin. Grazzi lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom din it-triq: grazzi lill-kumitat tal-irġiel u tan-nisa, u grazzi mill-qalb lilkom, għeżież benefatturi.

# GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KAPPILLAN NADUR

KENNETH PORTELLI

## IL-VOLONTARJAT FIL-ĦAJJA TAL-LUM

Matul dawn l-aħħar snin rajna l-festa tagħna tikber u tiġbed lejha eluf ta` viżitaturi, xhieda tal-impenn li l-għaqdiet tar-raħal qed juru sena wara sena.

Bħala għaqda komplejna norganizzaw Festa Tfal, manifestazzjoni li daħlet fl-attivitajiet uffiċjali tal-festi esterni tal-Imnarja. Kull sena qed naraw l-aspetti kollha fejn jista' jitjieb dan il-marċ sabiex ikompli jikber u jissaħħaħ biex ikun ta' pjattaforma li minnu jinbtu dilettanti ġodda u wisq aktar voluntiera ħabbrieka li jkomplu jsawru l-festa fil-futur. Il-kumitat preżenti, qed jaħdem fuq niċeċ ġodda fejn jirrigwardja l-involviment tat-tfal fil-volontarjat. Irridu nammettu li llum il-ġurnata huwa diffiċli li ssib żgħażagħ ġodda li lesti jimpenjaw ruħhom u jissagrifikaw ħinhom għall-volontarjat. Proprju għalhekk, l-għaqda tagħna daħlet għall-proġett tal-maħżen ta` Triq Ta` Said flimkien mal-parroċċa, sabiex isir ir-ristrutturar u r-renovar meħtieġ tal-post. Konna ilna snin sħaħ nippjanaw dan ix-xogħol wara li bdew jiġu nnotati diversi ħsarat strutturali fis-soqfa tal-konkos tant li wħud minnhom kienu ddeterjoraw. L-ispazju fejn jinħażen l-armar beda dejjem jonqos u ma kienx fadal spazju adegwat fejn issir il-manutenzjoni tal-armar jew armar ġdid. Dan ix-xogħol ta` rinovar issa wasal fi stadju avvanzat, tant li tpoġġew l-ewwel sett ta` planki u qed nantiċipaw li jkun kompletament lest sal-aħħar tas-sajf. Bil-pjan il-ġdid, b`maħżen maqsum fuq żewġ sulari u mgħammar b`cargo lift li jerfa' piż ta` tliet tunnellati, l-armar ser ikun jista' jiġi stivat aħjar, bi spazju maħsub fejn isir ix-xogħol tal-armar u b`faċilitajiet sanitarji. Il-qofol ta` kollox, se jkun spazju ġdid iddedikat sabiex isiru laqgħat informattivi, seminars u hands-on workshops għat-tfal tal-primarja sabiex jiġu introdotti, u ftit ftit esposti, għax-xogħol li jġib miegħu l-volontarjat fil-festa Maltija li issa wkoll hija rikonoxxuta bħala Wirt Dinji Intanġibbli mill-UNESCO. Dan huwa l-pass li jmiss, li għalkemm nafu li mhux ħa jkun faċli, nittamaw li jkun ta` opportunità sabiex insibu voluntiera ġodda li jkomplu dak li bdew ta` qabilna.

Minn hawn nixtiequ nwasslu l-isbaħ xewqat għall-festa tal-Imnarja lin-Nadurin kollha u nħeġġu lill-ġenituri sabiex jinkoraġġixxu lil uliedhom sabiex jinvolvu ruħhom fil-volontarjat. Nappellaw ukoll lil dawk il-persuni li jixtiequ joffru xi donazzjoni monetarja għall-bini tal-maħżen sabiex javviċinawna u b'hekk flimkien inkunu qed noffru rigal denju lill-ġenerazzjonijiet futuri.



*Impressjoni artistika tad-dehra l-ġdida tal-maħżen Duo Luminaria fi Triq Ta' Said*





# GĦAQDA ARMAR TRIQ DIĊEMBRU 13

**JOSEPH MEILAQ**

**INKOMPLU NRAWMU FOSTNA L-PASSJONI U L-IMĦABBA LEJN SAN PIETRU U SAN PAWL**

Wasalna fl-isbaħ żmien tas-sena, u proprju hekk kif Ġunju jibda jinħema, tibda tinħass fina dejjem aktar l-għożża, il-passjoni u l-imħabba lejn l-appostli u l-prinċpijiet tal-Knisja San Pietru u San Pawl li l-qofol tagħha jintlaħaq nhar id-29 ta' Ġunju fil-festa tant għażiża għalina n-Nadurin, l-Imnarja. Iżda, għalina, il-kumitat u l-membri tesserati, kif ukoll għal ħafna għaqdiet oħra madwar ir-raħal tan-Nadur, il-festa tibda' dritt malli tispiċċa ta' qabilha, għaliex ix-xogħol fuq l-armar irid jitkompla, dak li sar jitranġa u dak li wegħedna u ppjanajna jrid jitlesta. Hekk hu, ix-xogħol, il-passjoni u l-ħidma b'risq il-patruni għeżież tagħna, San Pietru u San Pawl, ma jieqaf qatt, anzi jkompli għaddej is-sena kollha.

Din l-aħħar sena kienet sena impenjattiva ħafna għall-għaqda tagħna, kemm bħala attivitajiet li xahar wara l-ieħor ma waqfux, kif ukoll bħala xogħol mill-membri tal-kumitat, artisti u helpers ġewwa l-maħżen tagħna. Matul din l-aħħar sena saru ħafna attivitajiet fosthom ikliet, BBQ's, tombli, lotteriji, bejgħ ta' xtieli, stands tad-drinks fil-fireworks festival u fil-wine festival. Dawn kollha jservu sabiex l-għaqda ttaffi ftit mill-ispejjeż li jkollha matul is-sena fejn jidħol tiswija u armar ġdid. Min-naħa l-oħra, tul dawn l-aħħar disgħa u għoxrin sena, l-għaqda dejjem poġġiet fuq il-platt proposti, ħolm u proġetti li matul is-snin issarfu f'armar mill-isbaħ u li jpaxxi l-għajnejn. Din is-sena l-għaqda ser tkun qed tlesti erba' kolonni ġodda irħamati kif ukoll żewġ pitturi ġodda għall-bandalori tat-trofej, xogħol l-artist Adonai Camilleri Cauchi akkumpanjat mill-membri tal-kumitat.

Però din is-sena, l-għaqda marret oltre l-armar tat-triq fil-festa. Bħala kumitat ħlomna sabiex ġewwa d-djar tan-Nadurin inkomplu inkattru u nrawmu l-passjoni u l-imħabba lejn l-appostli l-kbar tagħna San Pietru u San Pawl. Din il-ħolma tista' tgħid li twettqet u ser tkun qed tilħaq il-qofol tagħha fi żmien il-festa fejn ser inkunu qed naraw madwar 300 dar imżejna b'kopja mill-isbaħ tal-pedestall u istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. Matul il-festi tal-Imnarja l-għaqda tagħna ser tkun ukoll qed tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet interni li jsiru fil-bażilika, kif ukoll fl-attivitajiet esterni fejn fost l-oħrajn, ta' kull sena, l-għaqda torganizza l-Marċ tat-Tieni Jum tat-Tridu bl-istatwa tal-Għoti tal-Missjoni lill-Appostli San Pietru u San Pawl, li din is-sena ser ikun akkumpanjat mill-banda Mnarja u l-banda mistiedna mill-għaqda tagħna, dik ta' San Ġejtanu tal-Ħamrun. Wara li jintemm il-Marċ ser isir spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika.

Bħala segretarju, qabel nikkonkludi, nixtieq nappella sabiex tkomplu tgħinu lilna u lill-għaqdiet oħra tar-raħal tagħna mhux biss finanzjarjament, iżda wkoll billi tattendu għall-attivitajiet li dejjem norganizzaw u fuq kollox min ikun jista, napprezzaw kull daqqa t'id kemm waqt l-armar tat-toroq, waqt l-attivitajiet, kif ukoll ġewwa l-imħażen tagħna matul is-sena kollha. Grazzi mill-qalb lill-benefatturi u l-isponsors kollha, lill-Arċipriet, il-Kunsill Lokali, il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u l-għaqdiet kollha għad-disponibilità, għajnuna u sostenn tagħhom matul is-sena kollha.

Finalment, f'ismi, f'isem il-kumitat u l-għaqdiet kollha tal-festa nixtieq nawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha, kemm dawk li qegħdin fostna u anke dawk li qegħdin barra minn xtutna u li żgur li jinsabu magħna fl-ispirtu.



# ŻGĦAŻAGĦ IMNARJA

## GĦAQDA ŻGĦAŻAGĦ IMNARJA



Reġgħet għaddiet sena oħra, sena mimlija ħidma bla waqfien għall-festa li jmiss! Il-festa tal-Imnarja, ad unur il-kbar appostli, San Pietru u San Pawl. Kif wieħed żgur jaf, in-Nadur huwa raħal li dejjem lest jagħti spettaklu u joffri avvenimenti mill-isbaħ, mibnija fuq it-tradizzjoni kif ukoll fuq l-ispirtu ta' komunità u għaqda. Fost dawn l-ispettakli, avvenimenti, komunità u għaqda, hemm għaqda partikolari, dik ta' Żgħażagħ Imnarja. Għaqda volontarja, li fi ħdanha hemm diversi membri, bil-għan li tippreserva l-festa lokali, filwaqt li dejjem tkabbar u ssebbaħ il-festa tant għażiża għalina.

L-Għaqda Żgħażagħ Imnarja tiffoka primarjament fuq il-briju tal-festa u ma' dan jidħlu l-marċi organizzati, il-briju, il-features, l-ispettakli tan-nar u l-karti, u ħafna u ħafna aktar xogħol, xogħol li jissarraf f'sodisfazzjon kbir fil-jiem tal-festa.

Ma nistgħux ma nsemmux l-għadd ta' voluntiera li jokkupaw diversi karigi fl-għaqda, li mingħajrhom dan kollu ma jkunx possibbli. Voluntiera li minkejja l-ħajja personali u l-impenji personali tagħhom, joffru ħinhom u l-enerġija tagħhom sabiex jippjanaw u jwasslu dak kollu li jkunu fasslu. Għalhekk, minn hawn nieħdu l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lil dawk kollha li jgħinuna kemm fil-preparazzjonijiet tal-ġimgħa tal-festa kif ukoll tul is-sena kollha; l-għajnuna u l-kuraġġ tagħkom huma verament imprezzabbli.



L-għajnuna ta' dawn il-ħafna membri narawha tul is-sena kollha, peress li jkollna diversi attivitajiet, inkluż il-Bake Sales, din is-sena kemm f'Jum San Koronatu kif ukoll f'Jum l-Omm, kif ukoll xi attività ta' Mixed Grill. Barra minn hekk, nagħmlu bosta attivitajiet li bihom nagħmlu ħilitna sabiex naraw l-għaqda fost iż-żgħażagħ, bħall-gathering li għamilna wara l-ħruġ tal-istatwa min-niċċa, u l-pre-marċ gathering li jsir qabel kull marċ. Barra minn hekk, intellgħu anke attivitajiet li ma jirrikjedux ħlas, bħal pereżempju 'Festa Tfal' li ssir ġewwa l-iskola primarja tan-Nadur f'Ġunju, fejn it-tfal u l-għalliema jkunu mistednin jilbsu l-flokk tal-festa filwaqt li jindaqqu u jitkantaw il-marċi u l-innijiet tal-festa. B'hekk, b'dawn id-diversi attivitajiet, minbarra li nkunu qegħdin niġbru l-flus għall-ħidma tagħna, inkunu qegħdin ukoll qrib it-tfal u ż-żgħażagħ Nadurin sabiex inrawmu l-ġenerazzjoni li jmiss.

Ladarba qegħdin insemmu l-attivitajiet li bihom anke naqilgħu l-flus, din is-sena ta' min isemmi s-sorpriżi li għandna ppjanati sabiex jitgawdew mill-poplu Naduri. Inħass il-bżonn li ssir xi ħaġa differenti, xi ħaġa ikbar minn dak li jsir is-soltu, u idea li ilha tberren wisq f'moħħna hija dik li ssir sorpriża. Tliet snin ilu bdejna bi ħsieb, din is-sena ser nikxfu tabilħaqq mhux sorpriża waħda, imma tnejn! Favur din is-sorpriża bdejna wkoll skema ta' ġbir ta' fondi, fejn in-nies jimlew il-kaxxi b'isimhom għal donazzjoni ċkejkna.




Huwa ta' sodisfazzjoni kbir għalina, li dak li naħdmu fuqu tul is-sena kollha, narawh jagħti l-frott hekk kif jasal Ġunju. Għan kbir tagħna Żgħażagħ Imnarja kien li nkomplu nkabbru l-briju fil-marċi ddedikati lil San Pietru u San Pawl u tajjeb li ngħidu li tul dawn l-aħħar tliet snin, għal fejn snin preċedenti, kellna attendenza tassew numeruża għal kull marċ li sar, grazzi għall-kumitat taż-Żgħażagħ Imnarja li ħadem bil-bosta sabiex dan il-fatt ikun ta' prijorità u ta' suċċess.

Issa li Ġunju reġa' magħna, u wasal iż-żmien li tant ilna nistennew; żmien ta' ferħ, briju, ċelebrazzjoni ta' tradizzjoni, devozzjoni u divertiment, Żgħażagħ Imnarja tkompli taħdem sabiex grazzi għad-dedikazzjoni u l-passjoni għall-patruni tagħna San Pietru u San Pawl, nassiguraw li l-ispirtu tal-festa tal-Imnarja jibqa' ħaj għal dawk kollha li għandhom lin-Nadur u lill-appostli kolonni tal-knisja verament għal qalbhom - u dan ma jistax isir mingħajr kull wieħed u waħda minnkom. Għalhekk, nappellaw sabiex ninġabru flimkien, Nadurin, ħalli bl-għajnuna u bil-ħila ta' kulħadd nagħtu ġieħ lil San Pietru u San Pawl.

*Sliem għalikom,
Pietru u Pawlu,
jixirqilkom
kull tifħir!*

# IL-KUMITAT FESTI ESTERNI

## PARROĊĊA NADUR

LI FI ĦDANU JIĠBOR LILL-

**GĦAQDA ARMAR PJAZZA SAN PIETRU U SAN PAWL**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KNISJA**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ DIĊEMBRU 13**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KAPPILLAN DUN BERNARD HABER**
**GĦAQDA ARMAR DUN ĠUŻEPP HABER, TRIQ XANDRIKU**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ SAN ĠWANN**
**SOĊJETÀ FILARMONIKA MNARJA**
**GĦAQDA TAN-NAR SAN PIETRU U SAN PAWL**
**GĦAQDA ŻGĦAŻAGĦ IMNARJA**

jixtieq jirringrazzja lin-Nadurin kollha tal-appoġġ finanzjarju kif ukoll għas-sostenn kontinwu li jagħtu lil dawn l-Għaqdiet permezz tal-preżenza tagħhom waqt l-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena.

Għan-nom tal-membri kollha

NAWGURAW

*l-isbaħ xewqat*

*għall-Festa t-Tajba*

lill-Poplu Naduri kollu!

# VIVA
# SAN PIETRU U SAN PAWL!

# KUMITAT GĦAQDA TAN-NAR SAN PIETRU U SAN PAWL

**JOSEPH PORTELLI**

Għeżież Nadurin,

Wara li għaddiet sena oħra ta' ħidma liema bħalha, huwa unur tiegħi li nista' nerġa' naqsam magħkom dan il-messaġġ bħala President tal-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl. Ix-xogħol tagħna bħala kumitat baqa' għaddej b'ħeġġa kbira u huwa proprju għalhekk li dejjem tarawna norganizzaw avvenimenti fil-komunità u spettakli mill-isbaħ.

L-impenn tal-Għaqda tagħna jinfirex matul is-sena kollha sabiex fi żmien il-festa nkunu nistgħu noħorġu b'xow tan-nar liema bħalu. Biex insemmi xi wħud, il-membri tal-kumitat matul is-sena jorganizzaw avvenimenti ta' ġbir ta' fondi, jiġbru l-fondi bieb bieb, jiġbru r-reklami għall-kalendarju, joħolqu programmi tan-nar, jorganizzaw pizza nights, ikliet u BBQs, ġiti għall-Malta, lottu ta' kull nhar ta' Sibt u lotteriji ta' żmien il-Milied, fost oħrajn. Nista' ngħid li mill-kumitati kollha li qatt kont involut fihom, il-kumitat tal-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl huwa l-aqwa wieħed. Qatt qabel ma kont involut f'għaqda li taħdem daqshekk biex tiġbor il-fondi.

Filwaqt li nirringrazzja lill-membri kollha ta' dan ix-xogħol, nixtieq nenfasizza li l-fondi mhumiex l-unika ħaġa li żżomm ir-rota tagħna ddur. Apparti l-ġbir tal-flus, ħaġa sabiħa li toħroġ mill-Għaqda tan-Nar hija s-sens ta' għaqda u komunità bejn il-membri, li tkompli ssaħħaħ il-ħidma tagħna. Barra minn hekk, il-ġenerożità tal-membri tal-kumitat tagħna tinxtered fuq għaqdiet oħra; fosthom għamilna BBQ fil-Ħamrun għall-plejers u l-partitarji, kif ukoll ġabra għaż-żgħażagħ taċ-Ċentru tan-Nadur li f'Lulju se jagħmlu missjoni lejn il-Gwatemala.

Dan ix-xogħol kollu jwassalna għall-għan tagħna – ix-xows tan-nar. F'Novembru kellna l-ħruq għall-festa ta' San Koronatu. F'April ħadna sehem b'xow fil-Malta International Fireworks Festival ġewwa n-Nadur. Ta' min isemmi li f'dan il-festival jipparteċipaw għaqdiet tan-nar kemm lokali kif ukoll internazzjonali, għalhekk hija xi ħaġa sabiħa li jsir fir-raħal tagħna. F'Ġunju niftħu l-programm tal-festa ta' San Pietru u San Pawl waqt il-ħruġ min-niċċa fit-18 ta' Ġunju. Il-programm imbagħad ikompli mill-25 sad-29 ta' Ġunju. Bħas-sena l-oħra, f'lejliet il-festa ser nerġgħu norganizzaw xow tan-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika li jista' jitgawda minn Ġnien il-Kunsill. Wara, fil-pjazza, ser ikollna ġiġġifogu u xow tan-nar mal-mużika minn quddiem iż-zuntier tal-knisja. Fit-Tranżulazzjoni u fil-Purċissjoni ser ikollna wkoll żewġ ħarqiet kbar. Minn qalbi nirringrazzja lil kull min hu involut u nħeġġeġ lin-Nadurin jibqgħu joħorġu jaraw ix-xows tan-nar sabiex inżommu din it-tradizzjoni ħajja fir-raħal tagħna.

Jiena kburi immens li naħdem ma' kumitat daqshekk impenjat, u napprezza bil-qalb is-sagrifiċċji li l-membri jagħmlu tul is-sena kollha biex dawn il-proġetti jitwettqu. Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lill-membri tal-Kumitat u lill-helpers kollha, lil kull min jagħtina sponsors, kif ukoll lil kull min jagħti donazzjoni, u lil dawk kollha li jappoġġjawna u jagħtuna kuraġġ matul is-sena, kif ukoll lil dawk li jagħtuna l-inġenji biex inkunu nistgħu nużawhom fl-għalqa u fil-pjazza għall-preparamenti tagħna, u lill-piroteknIċi kollha li ġew mistiedna sabiex jaħarqu nar minn tagħhom fil-festa tagħna.

Il-festa t-tajba, l-aħwa, u ħudu gost bħas-soltu.

VIVA SAN PIETRU U SAN PAWL.



# Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur

JOE MUSCAT

## DIN IS-SENA MA ĦARĠITX

Din is-sena l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tan-Nadur għalqet 113-il sena minn meta ħarġet l-ewwel darba fi żmien l-Arċipriet Dun Martin Camilleri. Kien hemm drabi matul dan il-perjodu twil fejn din il-Purċissjoni ma ħarġitx għal diversi raġunijiet, fosthom anke minħabba l-maltemp. Din is-sena wkoll, għalkemm kellna kollox ippreparat, sfortunatament il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma ħarġitx iddur mat-toroq prinċipali tan-Nadur bħas-soltu. Dan minħabba l-imprevedibilita' tat-temp madwarna fil-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira.

Kienet deċiżjoni iebsa li ħa l-Kumitat flimkien mal-Arċipriet il-Kan. Krystof Buttigieg, anke wara konsultazzjoni ma' parroċċi oħra. Mandankollu l-kumitat kellu kollox lest u ppreparat u x-xogħol kollu kien sar sabiex din il-Purċissjoni toħroġ bħas-soltu. Minkejja dan id-diżappunt, eżatt kif spiċċat il-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Knisja, il-kumitat ħa ħsieb li ssir Via Sagra bi ħsibijiet marbuta ma' kull statwa li toħroġ fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fin-Nadur. Dawn il-ħsibijiet ġew miktuba għall-Kumitat minn Anton Mercieca, Soċju tal-MUSEUM tan-Nadur. Dawn anke ġew stampati u ġew imwaħħla fuq stands apposta quddiem kull vara armata fil-Knisja.

### Ħidma

L-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira hija manifestazzjoni annwali u esterna li tfakkarna fil-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu u li tieħu madwar tliet sigħat u nofs iddur mat-toroq tar-raħal.

Iżda, biex tiġi organizzata din il-Purċissjoni, mhux tliet sigħat biss tieħu, imma ħidma kontinwa matul ix-xhur tas-sena kollha. Il-kumitat tal-Purċissjoni Ġimgħa Kbira jimpenja ruħu u jiddedika ħafna ħin matul is-sena, sabiex din il-Purċissjoni tkompli tiġi mantenuta, aġġornata u anke mġedda.

Ix-xogħol tal-kumitat huwa maqsum fuq ħafna aspetti fosthom il-ġbir ta' fondi sabiex inkopru l-ispejjeż marbuta mal-Purċissjoni. Il-ġbir ta' fondi jinkludi numru ta' lotteriji u ikliet mifruxa matul is sena kollha. B'hekk kemm ilu mwaqqaf, il-Kumitat qatt ma talab fondi mingħand il-Parroċċa sabiex ikopri xi spejjeż jew proġetti li jidħol għalihom. Ħidma oħra li ssir matul is-sena hija l-manutenzjoni tad-diversi oġġetti, simboli kif ukoll tiswija fil-kostumi li joħorġu fil-Purċissjoni.

Il-kumitat iżomm laqgħat kull xahar, li matulhom jiddiskuti u jittieħdu diversi deċiżjonijiet fost dawk marbuta ma' proġetti ġodda, tibdil, restawr ta' statwi u oġġetti, kostumi ġodda u inizjattivi oħra. Ovvjament kif jasal Jannar u jibda joqrob Ras ir-Randan il-membri tal-kumitat niltaqgħu iktar ta' spiss biex isir xogħol ta' tindif tal-istatwi kollha tal-Purċissjoni u l-armaturi tas-suldati Rumani, ħruġ u armar tal-vari fil-Knisja, kif ukoll ħidma oħra marbuta mal-organizzazzjoni tal-Purċissjoni.

### Restawr

Fil-bidu tas-sena li għaddiet il-Kumitat ħa deċiżjoni li tiġi rrestawrata l-vara devota tad-Duluri. Din hija l-eqdem vara li għandna fil-Purċissjoni li tmur lura għal qabel is-sena 1863. L-aħħar darba li ġiet irrestawrata kien fis-sena 2013 fi żmien il-Prokuratur Kan. Dun Karm Portelli, f'għeluq il-mitt sena tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, liema xogħol kien sar mill-istatwarju Naduri James Azzopardi Goodall. Peress li dehru xi ħsarat kemm fl-istatwa tal-Madonna kif ukoll fil-puttin, il-Kumitat iddeċieda li għal darba oħra jerġa' jinkariga lill-istess statwarju sabiex isewwi l-ħsara, inaddaf fejn meħtieġ kif ukoll biex tingħata ż-żebgħa oriġinali li kellha qabel. Dan ix-xogħol kollu sar u l-vara tad-Duluri issa għandha dehra isbaħ u aktar ikkurata. Il-bradella tad-Duluri ġiet ukoll illustrata mill-ġdid mill-mastrudaxxa Charlie Muscat. Barra minn hekk saru wkoll xogħol ta' manutenzjoni kif ukoll sistema ta' dawl u ta' arja ċirkulari kontra l-umidità fin-niċċa tad-Duluri. Dan ix xogħol sar kollu mis-Sagristan Ivan Attard. Din is-sena minħabba li t-temp fil-ġurnata tad-Duluri wkoll kien inċert għall-aħħar, il-pellegrinaġġ li soltu jsir bil-vara tad-Duluri ma sarx. Iżda minflok saret Via Matris fil-Knisja Parrokkjali.

### Proġetti Ġodda

Matul is-sena li għaddiet il-kumitat ħa diversi inizjattivi sabiex inkomplu ntejbu l-Purċissjoni. Dawn involvew ħafna diskussjonijiet, xogħol u anke spejjeż. Iżda bl-għajnuna ta' Alla, u bil-koperazzjoni tal-membri kollha tal-kumitat u ta' diversi nies oħra li għandhom għal

qalbhom il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, din is-sena kienu ser jiġu mżanżna dawn li ġejjin:

- 30 lasta ġdida tal-injam tal-fraxxnu għal dawn il-Vari:
  Kristu fl-Ort; Il-Bewsa ta' Ġuda; Iċ-Ċaħda ta' Pietru; Il-Veronika; Ir-Redentur; Il-Vara l-Kbira; Il-Monument; Id-Duluri
- 7 kostumi ġodda għan-nisa li għall-ewwel darba kienu se jerfgħu s-seba' kelmiet





- Gwarniċi ġodda għas-seba' simboli tas-sagramenti
- 12-il kostum ġdid għal kull appostlu



- 10 stands għal quddiem kull statwa fil-knisja li fuqhom hemm riflessjoni u talba marbuta mal-vara rispettiva miktuba minn Anton Mercieca, kif ukoll tagħrif storiku fuq il-vara
- Sandli ġdid għall-personaġġ Claudia

## Il-Ħidma tkompli

Ix-xogħol tal-Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira jkompli anke wara li jinġabru l-vari kollha lura f'posthom, nhar Sibt il-Għid filgħodu. Bil-mod il-mod il-maħżen fi Triq il-Kappillan Dun Bernard Haber, taħt iċ-Ċentru Parrokkjali, qed inkomplu nirranġawh sabiex fih jiġi miġbur dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Purċissjoni. B'hekk kollox ikun merfugħ b'mod ordnat taħt saqaf wieħed. F'dan il-post, barra li jinżammu l-laqgħat, tkun għaddejja ħidma kontinwa marbuta mal-Purċissjoni. Fil-gimgħat u x-xhur li ġejjin ser inkomplu bix-xogħol sabiex naraw li din il-Purċissjoni tkompli tiġi aġġornata. Hija sfida ambizzjuża però bil-ħidma tal-membri tal-kumitat u bl-għajnuna u s-sostenn tagħkom il-parruċċani Nadurin żgur li nilħqu dan l-iskop. Matul is-sena, ser inkomplu bil-ħidma sabiex fix-xhur li ġejjin inwettqu iktar inizjattivi, fosthom:

## Proġetti Ġodda

- Bdil ta' aktar kostumi tal-personaġġi Anna, Kajfa u l-Profeta Danjel
- Tindif u restawr tal-Kurċifiss li jiddendel fuq il-Presbiterju fir-Randan
- Restawr ta' diversi statwi fuq vari differenti
- Sett suldati Lhud
- Restawr tal-arka
- Restawr tal-kandelabru

Barra minn hekk, il-Kumitat beda diskussjonijiet mal-istatwarju Michael Camilleri Cauchi sabiex isiru xi xogħlijiet fuq l-urna ta' Kristu Mejjet. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu disinn fuq id-damask tal-urna, erba' globi, u restawr u bdil fejn meħtieġ fl-injam tal-urna. Proġett li huwa estensiv u delikat, izda l-Kumitat ħass li kellu jidħol għalih sabiex din l-urna artistika tingħata dehra isbaħ u kompluta, filwaqt li tiġi kkurata.

Dawn l-inizjattivi kollha għandhom l-għan li nkomplu nippreservaw u nieħdu ħsieb dak kollu li twettaq matul is-snin minn diversi prokuraturi, filwaqt li nkomplu nsebbħu, insaħħu u naġġornaw din il-Purċissjoni li hi intrinsikament marbuta mal-istorja tal-Parroċċa tan-Nadur. Kif wieħed jista' jinnota l-ispejjeż huma kbar, iżda għandna fiduċja sħiħa li l-ġenerożità tal-poplu Naduri tiżboq bil-bosta l-ispejjeż li l-kumitat għandu bżonn sabiex ikompli bil-ħidma tiegħu.

Fl-aħħar nett, f'isem il-Kumitat kollu tal-Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur nixtieq nirringrazzja lill-Paruċċani Nadurin għall-għajnuna u s-sapport kontinwu tagħkom.

# IL-LEĠJUN TA' MARIJA
## FIN-NADUR

**ANTOINETTE TABONE**

Il-Knisja madwar id-dinja tapprezza ħafna l-ħidma mwettqa mil-Leġjunarji. Mhux inqas f'pajjiżna u għalhekk ukoll fil-parroċċa tagħna. Il-Leġjunarji huma strument f'idejn il-Madonna biex jagħmlu lil Ġesù magħruf u maħbub. Bil-ħidma tagħhom billi jżuru lill-morda, iżuru lill-familji, bil-kuntatti personali, bil-kura spiritwali tat-tfal, għajnuna lill-Arċipriet u lill-parroċċa.

Fost ħidmiet varji, f'Mejju u f'Ottubru norganizzaw rużarju fil-beraħ.

Xi membri ġie li saħansitra jmorru għal ftit ġranet f'xi pajjiż barra minn Malta biex jagħmlu xogħol spiritwali fost ir-residenti u ma' min jiltaqgħu. Ħafna drabi jiltaqgħu ma' ħafna nies ta' reliġjonijiet u setet differenti. Dan ix-xogħol isir fuq talba tal-kappillan ta' dik il-parroċċa.

Fid-9 t'April, fil-Bażilika, fakkarna l-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Praesidium 'Marija Addolorata' b'konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lil Alla. Ikkonċelebraw l-Arċipriet Krystof Buttigieg, Mons. Salv Muscat li kien Direttur Spiritwali għal ħafna snin ta' dan il-praesidium, Mons Salv Grima u l-Kanonku Dun Loreto Tabone, li kien iċ-ċelebrant prinċipali peress li hu d-Direttur Spiritwali attwali.

Qrib il-festa tal-Lunzjata, l-Leġjunarji kbar u żgħar, jagħmlu wegħda ta' lealtà lill-Madonna. Din il-funzjoni tissejjaħ l-Acies. Dawn huma xi wħud mill-membri żgħar li ħadu sehem f'din il-funzjoni. Hemm oħrajn li mhumiex fir-ritratt. Il-funzjoni tal-Acies taż-żgħar saret fil-kappella Ta' Ħamet.

Persuni li jixtiequ jingħaqdu fil-Leġjun ta' Marija, huma mħeġġa jikkuntattjaw lil xi membru leġjunarju. Hemm wisa' għal kulħadd, kbar nisa u rġiel, żgħażagħ, tfal subien u bniet.









# Il-Komunità Ewkaristika



IRENE MEILAK

Il-Komunità Ewkaristika hija magħmula minn madwar għoxrin membru li jiltaqgħu kull nhar ta' Tnejn fiċ-Ċentru Parrokkjali. L-għan ta' dan il-grupp hu li l-membri jsiru aktar midħla tal-Kotba Mqaddsa u jitgħallmu jitolbu permezz tal-Kelma ta' Alla. Din is-sena, il-grupp qed jiġi mmexxi minn Dun Nazju Borg, bl-għajnuna wkoll ta' Fr Mark Bonello, li kien ilu jmexxi din il-Komunità matul dawn l-aħħar disa' snin. Nirringrazzjawhom minn qalbna għall-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom.

Il-laqgħat isiru fuq ċiklu ta' erba' ġimgħat. Fl-ewwel laqgħa ssir katekeżi fuq silta mill-Evanġelju, imħejjija minn xi membri tal-grupp. Fit-tieni ġimgħa, il-membri jaqsmu flimkien dak li jkunu għexu u rriflettew fuqu dwar dik is-silta partikolari. It-tielet ġimgħa tkun iddedikata għall-adorazzjoni u għat-talb quddiem Ġesù Sagramentat, ispirati mill-istess Kelma ta' Alla. Fir-raba' ġimgħa tiġi ċċelebrata l-Quddiesa, u wara l-membri jaqsmu bejniethom mument fratern ta' għaqda, magħruf bħala l-Agape.

Matul din is-sena komplejna nirriflettu fuq l-Evanġelju ta' San Mattew, kapitlu 12. Minn din is-silta tgħallimna kif Ġesù juri ħniena, fejqan u għerf li jmorru lil hinn mil-liġijiet vojta. Hu jfakkarna biex dejjem nagħmlu t-tajjeb, nafdaw f'Alla u noqogħdu attenti għal kliemna u għal għemilna. Għarafna wkoll li min jagħmel ir-rieda ta' Alla jsir parti mill-familja spiritwali tiegħu. Il-fatt li nqattgħu tant żmien nirriflettu fuq silta qasira jurina kemm hi profonda l-Kelma ta' Alla. Dejjem hemm aktar x'tifhem u x'titgħallem, għax il-Kelma ta' Alla hija ħajja u qawwija.

Il-membri jistqarru li l-Kelma ta' Alla tagħmel differenza konkreta f'ħajjithom. Tgħinhom jgħixu l-ħajja ta' kuljum — fil-familja, fuq ix-xogħol u fir-relazzjonijiet tagħhom — b'aktar serenità u paċi, għax jagħrfu li meta jgħixu magħqudin ma' Alla jsibu tassew l-iskop u t-tifsira ta' ħajjithom.

Din is-sena, fir-Randan, il-Komunità tan-Nadur iltaqgħet f'Dar Manresa flimkien ma' żewġ komunitajiet oħra, ukoll immexxija minn Dun Nazju, għal irtir qasir. Fi tmiem il-laqgħa qsamna ikla flimkien, u hekk kellna opportunità sabiħa biex insiru nafuhom aħjar u naqsmu l-esperjenzi ma' membri oħrajn.

Barra minn hekk, darbtejn fis-sena jkollna wkoll l-opportunità li niltaqgħu flimkien mal-komunitajiet kollha ta' Għawdex għal-laqgħa flimkien, organizzata minn Dun Ġużepp Attard. Din il-komunità hija dejjem miftuħa għal membri ġodda.



ANTHONY'S FURNITURE
Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam

*Jawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha.*

Phone: 2155 2251
Mobile: 9944 6107

"Mater Dolorosa"
Triq Ta' Grunju,
Nadur, Għawdex

ARTISAN FARM
SAN BLAS
Groves

Indulge in the Exquisite Flavors of Home Crafted Liqueurs, Made from the Finest Organic Produce.



LIMONCELLO – ARANCELLO – MANDARINCELLO
SEVILLE ORANGE – CITRUS BLEND – GRAPEFRUIT
MULBERRY – PRICKLEY PEAR – POMEGRANATE

Contact: 79950398

# GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA

ANTONIA SAMMUT

L-Għaqda tagħna hi mwaqqfa bl-iskop li toffri rikreazzjoni għall-anzjani u għal dan il-għan il-kumitat jorganizza ħarġiet u attivitajiet li jservu bħala serħan il-moħħ u sapport, speċjalment għal dawk li jgħixu waħedhom u ma tantx ikollhom ma' min joħorġu. Nistgħu ngħidu li l-grupp tagħna qed dejjem jiġġedded. Qed jattendu numru sabiħ ta' persuni li lilna dejjem jagħmlilna kuraġġ. Fil-fatt qed inżidu numru ta' attivitajiet bħal eżerċizzi fiżiċi u taħdidiet dwar is-saħħa li tant huma utli għalina. Bħala regola norganizzaw attività kull ħmistax, imma dan l-aħħar żidna l'attivitajiet fuq xewqa tal-membri tagħna.

Bħala ħarġiet kellna dawra bid-dgħajsa f'Ġunju 2025. F'Settembru qattajna nofstanhar Kemmuna fejn l-Arċipriet Fr Krystof qaddes fil-Kappella tal-"Ħarba lejn l-Eġittu" u wara kellna ċans ngħumu għuma fil-bajja sabiħa ta' Santa Marija. F'Ġunju wkoll morna fil-Kappella fit-Torri ta' Santa Ċeċilja fit-triq li tieħu għall-Heliport. Għamilna żjara lid-dar ta' Karmni Grima l-Għarb, żorna l-Madonna tal-Kunċizzjoni l-Qala fil-festa tal-Kunċizzjoni, morna l-Mużew tal-knisja tal-Għarb li jinsab fuq il-Knisja tal-Viżitazzjoni, attendejna għall-quddiesa tal-morda f'Jum il-Morda fi Frar. Attendejna wkoll għall-quddiesa f'jum waħda mid-dehriet ta' Lourdes. Wasalna sal-Kappella ta' Sant Anna d-Dwejra. F'April għamilna l-viżti tas-7 knejjes flimkien mal-parroċċa.

Żorna lill-anzjani rikoverati fid-Dar San Ġużepp ġewwa Għajnsielem f'Ottubru 2025 u dawk f'Casa Giuseppe fir-Rabat f'Ġunju 2026.



Ma naqsitx l-organizzazzjoni ta' ikliet fil-Milied u fl-Għid għall-membri u l-ħbieb kollha tal-Għaqda tagħna.




F'Mejju 2026 żorna mużew iż-Żebbuġ jismu 'Riħ id-Deheb'. Mużew mimli oġġetti antiki ta' valur għall-kultura tagħna. F'dan iż-żmien morna wkoll għall-quddiesa fil-knisja tal-Agostinjani fil-festa ta' Santa Rita.



Tul din l-aħħar sena għamilna anke 3 ħarġiet f'Malta. Waħda f'Ottubru fejn morna l-Buskett u ċ-Chinese Garden, f'Novembru l-Imdina u f'April żorna l-Aquarium l-Qawra u Tignè Point.



Nistiednu lil dawk li jitħajru jattendu għal dawn il-laqgħat tagħna biex jikkuntattjawna.

Nixtieq nagħlaq billi naqsam mal-qarrejja ħsieb li ta' spiss nitkellmu meta niltaqgħu. Dejjem għandna x-xewqa li fir-raħal tagħna jkollna lokal xieraq fejn l-anzjani tagħna jistgħu jsibu kenn meta ma jkunux jistgħu jkampaw waħedhom.

# GRUPP TAR-ROMOL
## FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

MONS. ĠUŻEPP ATTARD

Matul din is-sena fil-**"Grupp Katekeżi lir-Romol"**, rajna flimkien is-Sinjali (mirakli) li nsibu fil-bidu tal-Vanġelu ta' San Ġwann fejn juri min hu Gesù Kristu. L-attendenza kienet tajba, iżda nistgħu nkunu aktar, għalhekk nagħmlu stedina lir-romol (irġiel u nisa) biex jieħdu sehem fil-laqgħat kull raba' Tnejn tax-xahar (ikun hemm avviż fuq il-Bullettin tal-Parroċċa).



*Ħarġa tal-Grupp f'Mejju f'Ħondoq ir-Rummien, b' quddiesa fil-Kappella tal-blat u ikla flimkien.*

EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX

American Style

**Gozo Verticals, Blinds & Shades**

TA' TONY CAMILLERI

Fejn issibu varjetà kbira ta' Blinds u Shades ta' materjal bħal Aluminium, Plastic, eċċ

Għal aktar dettalji u stima b'xejn Ċemplu 2155 3352/2156 2211 jew irrikorru:
N.B. TRIQ COCCO PALMERI NADUR - GĦAWDEX

# DAY CENTRE ANZJANI NADUR

LINA MIFSUD



Għaddiet sena oħra fejn kellna sena impenjattiva biex inżommu l-grupp tal-anzjani tagħna 'l bogħod mis-solitudni u nżommuhom attivi u kuntenti.

Kull ġimgħa niltaqgħu nhar ta' Tlieta u nibdew dejjem b'quddiesa fid-disgħa ta' filgħodu. Darba fix-xahar ikollna ħarġa għal postijiet differenti, fejn ikollna ikla tajba wara li nilagħbu ftit tombla.

Din is-sena fix-xahar ta' Diċembru kellna grupp ta' tfal mill-iskola Primarja tan-Nadur li ġew ikantaw għall-Anzjani għanjiet tal-Milied. Dawn l-għanjiet ġabulhom ħafna memorji sbieħ taż-żogħżija tagħhom. Għal dan irrid nirringrazzja lil Mr. Cassar il-Head Teacher tal-iskola u lill-għalliema tagħhom li ppreparawhom għal din il-ġurnata.

Jum speċjali li kellna wkoll kien meta żewġ gruppi tad-drama wieħed minn Malta u ieħor minn Għawdex ġew iżuruna. Dawn irreċtaw żewġ fares. Kienu sbieħ ħafna u tgħidx kemm daħqu għaċ-ċajt li qalu f'dawn il-fares. Ċajt li għadhom isemmu sal-lum.

Sfortunatament din is-sena kellna ħafna membri li ħallewna. Il-Mulej itihom il-mistrieħ ta' dejjem u kondoljanzi lill-familji tagħhom.

Għan nom tal-grupp nawgura lin-Nadurin il-festa t-tajba lil-kulħadd.








## PAĠNA NADUR YOUNGSTERS

# STAĠUN *delikat*

**CHARLIE GRECH**

Fil-bidu tal-istaġun 2025-2026, inħatar kumitat ġdid magħmul mill-President Frank Sciberras, Joseph Said il-Viċi President, Segretarju Franklyn Sultana b'Jean Paul Portelli Viċi Segretarju, Kaxxier Joshua Said b' Eucharist Camilleri bħala Assistent Kaxxier, Team Manager inħatar Marjohn Xuereb, waqt li Paul Thomas Caruana, Paul Azzopardi u Nicholas Mifsud inħatru Events Co-Ordinators. Club delegates kienu Joseph Said u Franklyn Sultana. Dr Chris Said kien il-Konsulent Legali, Joe Camilleri l-Council Member fil-GFA, waqt li Dun Karm Portelli kien id-Direttur Spiritwali, Dr Mario Saliba bħala t-tabib tal-klabb u Michele Sultana bħala l-Club Accountant. L-għan ewlieni ta' dan il-kumitat kien li jerġgħu jpoġġu lill-klabb fuq pedamenti sodi billi jnaqqsu d-defiċit eċċessiv li kellu l-klabb. Riedu wkoll li jkomplu jintroduċu aktar żgħażagħ Nadurin filwaqt li jżommu posthom fl-ewwel diviżjoni. Għalhekk inbniet struttura ġdida fejn ġew sottomessi l-formoli kollha tal-V.O. li kien ilhom ma jimtlew xi snin. Inħatret ukoll accountant biex jimtlew ir-rapporti finanzjarji. Kienu mħallsa l-bolol kollha pendenti, kif ukoll ġiet irranġata l-kwistjoni mal-MFA li kienet fuq ħafna punti, fosthom l-upgrade tal-uffiċjali tal-klabb.

Bħala l-Head Coach ta' Nadur Youngsters inħatar l-Arġentin Pablo Cesar Doffo, u jgħinuh kellu lil Joe Nathan Portelli u Branco Vrndic. Matul l-istaġun għamlu d-debutt tagħhom il-players Kyle Xuereb, Luka Haber, Neil Attard u Nathan Attard, waqt li fl-iskwadra kien hemm ukoll Brandon Said, Christian Debono, Daniel Vella (li ġie msejjaħ mat-tim Nazzjonali Malti tal-Under 18), Duane Bugeja, Joseph Xerri, Karl Hili, Leander Buttigieg, Matthias Mercieca, Neil Mifsud, Owen Peter Bugeja, Peter Muscat, Pierre Paul Camilleri, Sylvan Xuereb u Zak Vella.

Iddebuttaw numru ta' barranin, li sfortunatament numru minnhom ma laħqux il-livell mistenni. Dawn kienu l-Brażiljani David Oliveira Souza, Joao Pedro Oliveira Santos, Johnny Wesley Campos de Oliveira (GK), Rafael Stockmann Favero, Ricardo Rickson Sousa Pessoa, Victor Hugo Araujo Vieira u Roberty de Leonardo Felix Silva, il-Kolumbjan Diego Fernando Rodriguez Angulo, it-Taljan Murilo Scarpari, l-Arġentin Luciano Nahuel Gutierrez u l-player mill-Ghana John Kofi Mensah.

Dettalji dwar logħob u statistika rilevanti ssibuhom fit-tabelli aktar 'l isfel.

Bħala statistika dan l-istaġun insibu:
19-09-2025: l-10 draw vs SKVW fil-kampjonat;
23-09-2025: l-1300 partita uffiċjali ta' Nadur Youngsters waqt li t-2 goal skurjat minn Matthias Cordina, kien il-75 goal kontra S.K. Victoria Wanderers fil-kompetizzjonijiet kollha;
29-09-2025: it-2 goal skurjat minn Jhon Alejandro Gonzalez Castillo, kien il-250 goal vs Għajnsielem fil-kompetizzjonijiet kollha;
10-10-2025: l-10 telfa vs Kerċem Ajax fil-kampjonat;
24-10-2025: il-150 partita vs Xewkija Tigers fil-kompetizzjonijiet kollha;

08-11-2025: l-o.g. skurjat minn James Tabone Refalo kien il-50 o.g. favur Nadur fil-kompetizzjonijiet kollha;
07-12-2025: it-350 telfa għal Nadur Youngsters fil-kompetizzjonijiet kollha u l-goal ta' Leonardo Agius kien il-500 goal kontra Nadur Youngsters fit-Tazzi;
11-02-2026: it-tieni goal skurjat minn Marcelo Jr. Barbosa kien l-1550 goal kontra fil-kompetizzjonijiet kollha, u wkoll il-150 goal kontra vs Xewkija Tigers fil-Kampjonati, waqt li t-3 goal skurjat minn Matthias Said kien il-1050 goal kontra fil-Kampjonati;
15-03-2026: il-75 partita bejn Nadur Youngsters u SKVW;
31-03-2026: il-goal ta' Joseph Mario Vella kien il-200 wieħed kontra Nadur Youngsters minn Xewkija Tigers fil-kompetizzjonijiet kollha.

Kellna bidla fil-Coach: 14-12-2025 kienet l-aħħar partita ta' Pablo Cesar Doffo (li ngħaqad ma' Sliema Wanderers) u 11-01-2026 kienet l-ewwel partita ta' Paul Camilleri.

Bla dubju li r-relegazzjoni kienet l-akbar daqqa ta' ħarta, imma bħalma qalilna l-President, hawn nikkwota, "Ir-relegazzjoni mhix it-tmiem, iżda hija sfida. Sfida li se niffaċċjaw b'rasna mgħollija u b'mentalità ta' rebbieħa. Għax min jaf l-istorja tagħna jaf li aħna dejjem nerġgħu nqumu aktar b'saħħitna. Għandna viżjoni ċara u ambizzjuża: nibnu mill-ġdid, insaħħu l-pedamenti tagħna, u nerġgħu npoġġu lil dan il-klabb fejn tassew jixraqlu jkun. Aħna Nadur, Aħna Storja, Aħna Kburija u Aħna qatt ma nieqfu niġġieldu."

Din għas-sapporters li dejjem kienu wara t-tim: Kienet doċċa kiesħa, vera, imma wara l-maltemp jiġi l-bnazzi. Nibqgħu wara t-tim b'saħħa akbar minn qatt qabel u b'fiduċja li ma ndumux fejn ninsabu llum. Tajjeb insemmu l-attivitajiet ta' Fund Raising li reġgħu bdew b'aktar qawwa dan l-istaġun. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li mhumiex imsemmija hawn imma li volontarjament ħadmu minn wara l-kwinti dan l-istaġun. Ix-xogħol tagħhom ma jidhirx imma jiswa mitqlu deheb.

Tifħir ukoll lin-Nadur Youngsters Youth Academy li kellhom staġun b'ħafna attivitajiet ma' diversi kategoriji. Grazzi lill-coaches kollha li ħadmu ma' dawn, il-futur tal-Youngsters. Grazzi wkoll lill-ġenituri tat-tfal li wrew koperazzjoni sħiħa mat-tmexxija tal-Youth Academy anke meta saru attivitajiet barra minn xtutna.

**Il-logħob kollu, riżultati u scorers tal-Istaġun 2025-2026 ta' Nadur Youngsters**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Super Cup Final | 30.08.2025 | Qala Saints | 1 | - | 2 | Diego Fernando Rodriguez Angulo 75' (NY); Andre Gabriel Castro Martins 32', 96' (QS) |
| MFA Jubilee Cup | 05.09.2025 | St. Lawrence Spurs | 6 | - | 0 | Diego Fernando Rodriguez Angulo 3', Murilo Scarpari 43', 79', Matthias Mercieca 45+1', Joseph Xerri 74', Luka Haber [pen] 89' |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 19.09.2025 | S.K. Victoria Wanderers | 2 | - | 2 | Joseph Xerri 51', Joao Pedro Oliveira Santos (Pedrinho) 90' (NY); Jose Wilkson Teixeira Rocha 61', Andre Lee Cutler 74' (SKVW) |
| MFA Jubilee Cup | 23.09.2025 | S.K. Victoria Wanderers | 1 | - | 2 | Diego Fernando Rodriguez Angulo 10' (NY); Jose Wilkson Teixeira Rocha [pen] 9', Matthias Cordina 67' (SKVW) |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 29.09.2025 | Għajnsielem | 1 | - | 2 | Diego Fernando Rodriguez Angulo [pen] 69' (NY); Ewertton Jose Spirandelli Costa [pen] 21', Jhon Alejandro Gonzalez Castillo 80' (Għ) |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 05.10.2025 | Qala Saints | 1 | - | 0 | Diego Fernando Rodriguez Angulo [pen] 90+3' |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 10.10.2025 | Kerċem Ajax | 1 | - | 2 | Diego Fernando Rodriguez Angulo 75' (NY); Natal Cidcley Saveriano (Nenem) [pen] 13', Isaias Moura Vera Cruz de Souza 30' (KA) |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 24.10.2025 | Xewkija Tigers | 1 | - | 3 | Joao Pedro Oliveira Santos (Pedrinho) 89' (NY); Brian Alejandro Parada 40', 45+1', Marcelo Jr. Barbosa 82' (XT) |
| Tazza GFA prel. rd. | 01.11.2025 | Xagħra United | 2 | - | 0 | Diego Fernando Rodriguez Angulo 23', Joseph Xerri 90+3' |
| Tazza GFA q/f | 08.11.2025 | Żebbuġ Rovers | 7 | - | 0 | Murilo Scarpani 8', Joao Pedro Oliveira Santos 25', Marcus Vella o.g. 32', Diego Fernando Rodriguez Angulo 40', 57', 64', Luka Haber 74' |
| L-Ewwel Diviżjoni KO q/f | 15.11.2025 | Qala Saints | 1 | - | 2 | Daniel Vella 26' (NY); Ibrahim Mohammed 42', Nathan Chukwudi Njoku 53' (QS) |
| FA Trophy (MFA) prel. rd. | 07.12.2025 | Birżebbuġia St. Peters | 1 | - | 4 | Diego Fernando Rodriguez Angulo 61' (NY); Hubert Vella Genovese 8', David Oliveira Souza [pen] 32', Leonardo Agius 71', Luciano Nahuel Gutierrez o.g. 73' (BSP) |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 14.12.2025 | Xagħra United | 2 | - | 3 | Joao Pedro Oliveira Santos 26', 32' (NY); Lucas Farrugia 75', 90+2', Claudir Marini Junior [pen] 83' (XU) |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 11.01.2026 | S.K. Victoria Wanderers | 0 | - | 6 | Emerson Zammit 8', Ender Duvan Alvarez Vielma 20', 24', 49', [pen] 59', Mustapha Lawal Amodu 35' |
| Kampjonat L-Ewwel Diviżjoni | 25.01.2026 | Għajnsielem | 1 | - | 3 | David Oliveira Souza 85' (NY); Atem Dor Jok 24', Deison Arvey Cuero 39', Michael Bezzina 82' (Għ) |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 01.02.2026 | Qala Saints | 0 | - | 4 | Wallisson Alberto Dantas dos Santos (Bahia) 27', 49', Joseph Zammit 37', Bruno da Cruz 47' |
| Kampjonat L-Ewwel Diviżjoni | 06.02.2026 | Kerċem Ajax | 0 | - | 2 | Natal Cidcley Severiano 6', Andre Gabriel Castro Martins [pen] 16' |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 11.02.2026 | Xewkija Tigers | 3 | - | 6 | John Kofi Mensah 44', Diego Fernando Rodriguez Angulo 77', 82' (NY); Mathias Said 6', 40', Marcelo Jr. Barbosa 39', 83', Joseph Mario Vella 60', Brian Alejandro Parada 80' (XT) |
| Kampjonat L-Ewwel Diviżjoni | 20.02.2026 | Xagħra United | 1 | - | 1 | Neil Mifsud 19' (NY); Ibrahim Salis 49' (XU) |
| BOV Challenge Cup prel. rd. | 01.03.2026 | Xewkija Tigers | 0 | - | 1 | Brian Alejandro Parada 83' |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 15.03.2026 | S.K. Victoria Wanderers | 0 | - | 4 | Mustapha Lawal Amodu 3', 53', Matthias Cordina 79', Ender Duvan Alvarez Vielma 87' |
| Kampjonat L-Ewwel Diviżjoni | 20.03.2026 | Għajnsielem | 2 | - | 4 | Daniel Murilo Borrero o.g. 41', David Oliveira Souza 45' (NY); Ewertton Jose Spirandelli Costa 2', [pen] 66', Deison Arvey Cuero 4', 74' (Għ) |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 28.03.2026 | Qala Saints | 3 | - | 1 | Murilo Scarpari 44', Diego Fernando Rodriguez Angulo 82', [pen] 87' (NY); Wallisson Alberto Dantas Dos Santos 79' (QS) |
| Tazza GFA s/f | 31.03.2026 | Xewkija Tigers | 0 | - | 1 | Joseph Mario Vella 80' |
| Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni | 06.04.2026 | Kerċem Ajax | 0 | - | 1 | Samuel Azzopardi 36' |
| Kampjonat L-Ewwel Diviżjoni | 13.04.2026 | Xewkija Tigers | 3 | - | 1 | David Oliveira Souza 3', Diego Fernando Rodriguez Angulo 70', Murilo Scarpari 90+6' (NY); Brian Alejandro Parada 61' (XT) |
| Kampjonat L-Ewwel Diviżjoni | 20.04.2026 | Xagħra United | 1 | - | 3 | Murilo Scarpani 40' (NY); Fabian John Xuereb 52', Ibrahim Salis 55', Lucas Farrugia 88' (XU) |

**L-Iskwadra kollha u kemm lagħbu ma' Nadur Youngsters 2025-2026**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Zak Vella (GK) | 26 | Rafael Stockmann Favero | 11 |
| Murilo Scarpari | 26 | Lucas Baretto da Silva | 9 |
| Owen Peter Bugeja | 26 | Luka Haber | 9 |
| Daniel Vella | 25 | David Oliveira Souza | 7 |
| Neil Mifsud | 25 | Peter Muscat | 6 |
| Joseph Xerri | 22 | Nathan Attard | 5 |
| Sylvan Xuereb | 22 | John Kofi Mensah | 4 |
| Diego Fernando Rodriguez Angulo | 20 | Vitor Hugo Araujo Vieira | 4 |
| Pierre Paul Camilleri | 20 | Matthias Mercieca | 3 |
| Leander Buttigieg | 16 | Neil Attard | 3 |
| Joao Pedro Oliveira Santos | 15 | Duane Bugeja (GK) | 2 |
| Karl Hili | 15 | Johnny Wesley Campos de Oliveira (GK) | 2 |
| Kyle Xuereb | 13 | Ricardo Rickson Sousa Pessoa | 2 |
| Brandon Said | 11 | Christian Debono | 1 |
| Luciano Nahuel Gutierrez | 11 | Roberty de Leonardo Felix Silva | 1 |

**G.F.A. Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni - Klassifika Finali**

| 2025 - 2026 | P | W | D | L | F | A | +/- | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kerċem Ajax | 18 | 15 | 2 | 1 | 50 | 16 | 34 | 47 |
| Għajnsielem | 18 | 11 | 0 | 7 | 36 | 37 | -1 | 33 |
| Xewkija Tigers | 18 | 10 | 1 | 7 | 48 | 38 | 10 | 31 |
| Qala Saints | 18 | 8 | 2 | 8 | 30 | 27 | 3 | 26 |
| S.K. Victoria Wanderers | 18 | 4 | 5 | 9 | 44 | 41 | 3 | 17 |
| Xagħra United | 18 | 5 | 2 | 11 | 24 | 47 | -23 | 17 |
| Nadur Youngsters | 18 | 3 | 2 | 13 | 22 | 48 | -26 | 11 |

Nagħlaq billi nawgura l-Festa t-Tajba,
Festa Qaddisa lin-Nadurin kollha.

# Andria
## Cafetteria & Bar

Pjazza
San Pietru
u
San Pawl,
Nadur.










Sizzling Grill
at Nadur Feast

*Simply spoilt for choice*

**PETER'S Butcher shop** NOW OPEN IN NADUR

For the finest cuts of local and foreign beef, pork and lamb.

A wide selection of unique homemade meat products such as kebabs, various burgers, marinated meat, bragioli, meat balls, juicy roasts and more... Specializing in Sausages varying from Maltese, spicy, BBQ, smoked cheesy, sweet and many more....

**OPENING HOURS:**
Tuesday & Thursday from 3:00pm-7:00pm
Wednesday & Friday 6:30am-12:00 & 3:00-7:00
Saturday from 6:30-12:00

2785 5051 / 7905 5051

*Free Delivery*





CHARLIE MUSCAT
(LAQXA) WOOD MASTER

TRIQ TAX-XEMMIEX,
NADUR, GOZO
TEL: 79558600

All Kinds
of
Furniture

HEIRLOOM
FURNITURE

Mr. Michael Camilleri
*Managing Director*

Heirloom Furniture Ltd.
N.B. Off Qortin Street,
Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 21556954 Mobile: 99866682
e-mail: info@heirloominteriors.com
website: www.heirloominteriors.com

Parquet
Flooring

Wooden Apertures
According to
CE Standards

Certified Firedoors
Exova Warringtonfire
Certificate No.
WF 186793



*Apprezzament*

# MADRE BERTILLA BARTOLO FCJ (1933-2025)

Fl-24 ta' Ġunju 2025, solennità ta' San Ġwann Battista, ħalliet dan il-wied tad-dmugħ Madre Bertilla Bartolo, Soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù, li ddedikat 69 sena ta' ħajjitha għas-servizz tal-Mulej kull fejn kienet.

Mara ta' ħila, li ssagrifikat ruħha għall-ġid tal-Kongregazzjoni u ta' kull soru. Hekk nistgħu niddefinixxuha lil Madre Bertilla, li għal 18-il sena sħaħ kellha t-tmexxija tal-Kongregazzjoni f'idejha, u wara sena li spiċċat reġgħet tat is-servizz tagħha bħala Superjura Provinċjali tal-Provinċja ta' Malta għal 12-il sena.

Madre Bertilla twieldet fit-13 ta' April 1933, u ta' 20 sena bdiet in-novizzjat tagħha f'Ruma, fejn f'Awwissu 1958 għamlet l-ewwel Professjoni, u wegħdet lill-Mulej li tgħix fil-faqar, fil-kastità u fl-ubbidjenza fi ħdan il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, wegħda li kienet fidila lejha sal-aħħar nifs ta' ħajjitha.

Il-Mulej għaraf id-disponibbiltà tagħha minn età żgħira, tant li dejjem ingħatat responsabbiltajiet kbar, partikularment tal-morda fil-kliniċi fl-Italja, fejn qdiet lill-morda b'imħabba liema bħalha. Is-sorijiet spiss kienu jfittxuha għal xi parir, u hi kienet dejjem lesta b'kelma tajba biex tgħin lil kull min jersaq lejha.

Fil-Kapitlu Ġenerali tal-1982 ġiet magħżula bħala Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni. Bil-karattru sod u determinat tagħha, għarfet tmexxi lis-sorijiet fis-snin meta l-Kongregazzjoni kienet għaddejja minn żmien ta' żvilupp u progress. Bl-eżempju tagħha, dejjem uriet il-ħtieġa tas-sagrifiċċju u l-mortifikazzjoni, u b'hekk kienet ta' inkoraġġiment għas-sorijiet meta t-triq li kienu mexjin fiha kienet imħarbta u mudlama.

Madre Bertilla għarfet li t-tweġibiet għad-diffikultajiet li ħabbtet wiċċha magħhom, b'mod partikulari meta kienet Superjura Ġenerali u Provinċjali, setgħet issibhom biss fit-talb, speċjalment quddiem it-Tabernaklu, tant li kienet tqum titlob anki matul il-lejl. Dejjem fittxet is-sostenn tagħha fil-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, u hu kien jagħtiha l-qawwa biex tegħleb il-problemi u tfittex dejjem il-ġid tal-Kongregazzjoni.

Kien ta' min jammira r-rispett li dejjem uriet lejn kulħadd, imma b'mod partikulari lejn is-saċerdoti u lejn is-superjuri. Fihom kienet tara lil Alla, u għalhekk kienet dejjem titkellem magħhom u dwarhom b'ċerta serjetà u stima.

Meta saħħitha bdiet tmur lura u ma setgħetx tkompli twettaq ħidmitha, talbet lis-Superjuri biex tirtira fil-Casa Madre, fejn qattgħet l-aħħar snin ta' ħajjitha, fil-kumpanija tas-sorijiet li kienet tant tħobb u li tant kienu jirrispettawha, u taqsam magħhom ħinijiet ta' talb u ta' rikreazzjoni.

Għażiża Madre Bertilla, issa li temmejt il-ġirja tiegħek f'din id-dinja, strieħ fi ħdan Dak li tant ħabbejt u li lilu kkonsagrajt ħajtek. Żgur li laqgħek b'idejh miftuħa fil-bieb tal-ġenna, u San Pietru u San Pawl interċedew għalik ukoll, għax dejjem urejt imħabba speċjali lejhom. Imma tinsiniex… Minn hemm fuq kompli ħu ħsieb il-Kongregazzjoni li tant stinkajt biex tmexxi 'l quddiem, idħol quddiem il-Mulej għalina u itolbu jibagħtilna vokazzjonijiet tajba, li lesti li jaqduh bi mħabba u b'ġenerożità. Ħu ħsieb ukoll lil ħutek u lin-neputijiet li tant ħabbejt, u li tant urewk rispett matul ħajtek. Żommhom qrib Kristu, biex id-dinja ma tħassarhomx bl-ideat żbaljati tagħha.

F'ittra lill-Madre Provinċjali fejn wassal il-kondoljanzi għall-mewt ta' Swor Bertilla, il-Kardinal Mario Grech kitbilha hekk: "Darba l-Isqof Nikol Cauchi kien qalli li fid-Djoċesi tagħna għandna ħafna saċerdoti li huma kanonizzabbli. Fil-fehma tiegħi dan il-kliem jgħodd ukoll għal ħafna reliġjużi, fosthom Madre Bertilla li dan l-aħħar għamlet il-passaġġ tagħha lejn id-dar tal-Missier. Ma naħsibx li kien diffiċli għaliha li tmidd il-pass minn fuq l-għatba għal ġewwa f'din id-dar. Għexet għal dan il-għan. Ħliet saħħitha b'dan il-ħsieb. Tat kulma kellha misjuqa mill-imħabba. Ġriet id-dinja ssostni lil ħutha s-sorijiet. Madre Bertilla, animata mill-kariżma Franġiskana u l-eżempju ta' Madre Margerita, kienet dixxiplu fidil u appostlu mħeġġeġ. Dan kollu nixhdu jien li sirt nafha kemm bħala saċerdot u kemm bħala Isqof ta' Għawdex. Matul l-episkopat tiegħi, lil Madre Bertilla kont inqisha omm spiritwali għall-pariri u s-sapport li kienet tagħtini".

Inkomplu nitolbu għal ruħha, biex il-Mulej jippremjaha għall-ħajja kkonsagrata li għexet.

*Agħtiha, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*

*Sr Ġużeppina Zammit FCJ, Madre Ġenerali*

# IL-PARROĊĊA *tifraħ*

Nhar l-20 ta' Ġunju 2001, l-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex ħatar sitt qassisin ġodda fid-Djoċesi ta' Għawdex. Tnejn minnhom, Dun Joseph Cardona u Dun Joseph Grech, kienu ġejjin mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur. Għalhekk il-komunità parrokkjali tifraħ u tfakkar għeluq il-25 sena tas-Saċerdozju tagħhom. Inkomplu nitolbu għalihom u għas-saċerdoti u r-reliġjużi kollha li ħarġu minn din il-parroċċa u jalla ħafna żgħażagħ jibqgħu jwieġbu għas-sejħa li jagħmlilhom il-Mulej biex jaħdmu fl-għalqa Tiegħu.

Il-Bord Editorjali stieden lill-Mons. Dr. Joseph Grech u lill-Kan. Fr. Joe Cardona biex jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom mal-qarrejja ta' Luminaria f'dan l-anniversarju importanti fil-ħajja saċerdotali tagħhom. Filwaqt li nirringrazzjawhom, nawgurawlhom mill-qalb.

## Mons. Dr Joseph Grech

## 25 SENA SAĊERDOZJU

*għas-servizz u l-kenn tal-Qalb ta' Kristu*



B'qalb kollha ħerqana u mimlija ferħ, nhar l-20 ta' Ġunju 2001, għidt l-"iva" definittiva tiegħi lill-Mulej quddiem l-artal, u bit-tqegħid tal-idejn tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi ġejt ordnat "qassis għal dejjem". Ħamsa u għoxrin sena! Xi drabi jidhru li għaddew bħal mument, "bħal jum tal-bieraħ li għadda" (Salm 90). Drabi oħra jidhru li kienu vjaġġ twil ħafna, bit-tlugħ u l-inżul, bid-dmugħ u bid-daħq, b'laqgħat arrikkenti u mimlija ħajja, mumenti oħra ta' skiet itarrax, imma fuq kollox vjaġġ mimli bil-grazzja ta' Alla.

Meta nħares lura fil-bidu tal-ministeru tiegħi, nilmaħ saċerdot żagħżugħ, mimli b'ħafna entużjażmu, forsi xi ftit idealist, konvint u lest biex ibiddel id-dinja. Iżda l-Mulej, b'sabar u bi ħniena liema bħalha, għallimni li l-bidla vera ssir l-ewwel u qabel kollox fil-qalb. Is-saċerdożju mhuwiex biss missjoni li trid titwettaq, iżda l-ewwel u qabel kollox hija mixja li fiha s-saċerdot jikkonforma ruħu ma' Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb, li jagħti ħajtu għall-kotra.

Kwart ta' seklu li fih il-Mulej sawwar is-saċerdożju tiegħi b'mod sorprendenti: pellegrinaġġ li minn raħal twelidi, in-Nadur, wassalni fil-Belt Eterna, il-Belt ta' San Pietru u San Pawl, u minn hemm f'ġirja waħda mal-erbat irjieħ tad-dinja, fis-servizz diplomatiku tas-Santa Sede.

L-ewwel tmien snin ta' saċerdozju għaddejthom bħala kollaboratur parrokkjali fil-Parroċċa Santa Marija tal-*Buon Consiglio* f'Ruma, snin li nħoss li kienu fundamentali. Hemmhekk tgħallimt inkun saċerdot fost il-poplu: ċelebrazzjonijiet ta' magħmudijiet, l-amministrazzjoni tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, laqgħat ta' katekeżi u formazzjoni, żjarat lill-morda, ħinijiet twal ma' min kien qed ibati. Is-snin f'din il-parroċċa kienu għalija skola tal-konkretezza pastorali li għal dejjem se nibqa' ngħożż u nġorr ġewwa qalbi. Kienu wkoll snin ta' studju u formazzjoni akkademika fejn fost l-oħrajn ksibt id-dottorat fl-*Utroque Iure* mill-Università tal-Lateran, Diploma tal-Postulaturi mid-Dikasteru tal-Kawżi tal-Qaddisin, Diploma fil-*Prassi Amministrativa Canonica* u Diploma fl-Arkeoloġija Kristjana.

Fl-2009, il-bidu tal-formazzjoni fl-Akkademja Pontifiċja Ekkleżjastika fetħet staġun ġdid fil-mixja saċerdotali tiegħi. Il-Mulej kien qiegħed isejjaħli biex nibda' ngħix is-saċerdozju b'mod differenti, fis-servizz diplomatiku tas-Santa Sede. Servizz li ma jissostitwixxix il-ministeru saċerdotali, iżda jesprimih b'forma partikolari, u dejjem profondament pastorali. L-esperjenza fid-diplomazija bdiet f'Lulju tal-2010.

**L-esperjenzi diplomatiċi**

Fiż-Żambja (2010-2013) middejt l-ewwel passi fis-servizz diplomatiku. F'dan il-pajjiż tal-kontinent Afrikan stajt nilmaħ Knisja żagħżugħa, ħajja, missjunarja, u tgħallimt x'ifisser verament il-faqar evanġeliku, il-ferħ tan-nies sempliċi u s-sabar meħtieġ fil-proċess tal-iżvilupp uman integrali. F'din l-ewwel esperjenza tiegħi fin-Nunzjatura bdejt nifhem ukoll li d-diplomazija tas-Santa Sede hija espressa wkoll fil-viċinanza u fl-għajnuna konkreta li tingħata kostantament lill-Knejjes lokali.

Fil-Ġnus Magħquda, ġewwa New York (2013-2016) il-ministeru saċerdotali-diplomatiku sar bil-wisq aktar impenjattiv u eżiġenti. Fl-laqgħat kbar u twal, fin-negozjati dwar id-drittijiet tal-bniedem, dwar il-ħajja, il-familja u l-libertà reliġjuża, esperjenzajt kemm hu diffiċli li tħalli l-vuċi tal-Vanġelu tinstema' u tippenetra f'kuntesti mmarkati minn interessi qawwija u opposti għall-valuri insara. Madankollu proprju hemmhekk għext wieħed mill-aktar aspetti sbieħ tas-saċerdozju: niddefendi lill-aktar dgħajfin u nxandar il-verità b'umiltà u b'saħħa. Li nibqa' nwassal u niddefendi l-karba tal-fqir u tal-emarġinat fost il-"kbarat" tad-dinja, kien mod ta' kif mhux biss neżerċita l-ministeru saċerdotali tiegħi, imma wkoll li nkompli nissaħħaħ fil-vokazzjoni tiegħi.

Fl-Ukrajna (2016-2019) missejt b'idejja d-dramm u t-traġedja tal-gwerra u l-ħafna tbatija li ġġib magħha. Snin intensi, li fihom rajt mill-qrib poplu profondament ferut, iżda wkoll poplu mogħni b'fidi kuraġġjuża. Li nservi f'dak il-kuntest kien ifisser inkun preżenza u strument ta' paċi, ta' smigħ, ta' appoġġ lill-Knisja lokali u tentattiv kostanti li "jinbnew pontijiet" u jiġi "aġevolat id-djalogu" f'kuntest immarkat minn diviżjoni aggressiva.

Fi Vjenna (2019-2022), bħala Kunsillier diplomatiku fil-Missjoni Permanenti għall-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, kont insegwi temi importanti u kruċjali bħalma huma d-diżarm, id-drittijiet tal-bniedem,

il-migrazzjoni, u l-iżvilupp. Xogħol multilaterali li kien jitlob impenn kostanti, studju u preċiżjoni, imma fuq kollox kapaċità ta' djalogu ma' interlokuturi differenti ħafna. Il-preżenza tas-Santa Sede f'dawn il-*fora* multilaterali huwa mod ta' kif il-prinċipji u l-valuri tal-Vanġelu idawlu l-iżvilupp sħiħ u awtentiku tal-bniedem u tas-soċjetà.

Minn Jannar tal-2022 ġejt imsejjaħ biex inservi fis-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet mal-Istati u mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali tas-Segreterija tal-Istat. Dan il-ministeru diplomatiku, li attwalment qiegħed inwettaq fil-qalba tal-Knisja universali, huwa orjentat b'mod speċjali u immedjat għas-servizz tas-Suċċessur ta' Pietru u, permezz tiegħu, tal-Knisja universali kollha.

**It-tifsira spiritwali tas-servizz diplomatiku**
Is-servizz diplomatiku tas-Santa Sede mhuwiex "karriera ekkleżjastika", iżda vokazzjoni ġewwa l-vokazzjoni. Huwa forma ta' *sequela Christi* li titlob li ngħix is-saċerdozju skont l-istil ta' Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb fuq kollox fis-swali tal-laqgħat, fil-kurituri tal-istituzzjonijiet internazzjonali u fil-konverżazzjonijiet riservati.
Spiritwalment, tgħallimt li:

- Id-diplomazija tas-Santa Sede *hija espressjoni tad-djakonija tal-verità u tal-paċi*. Mhix eżerċizzju ta' poter, iżda servizz għall-kawża tas-Saltna t'Alla permezz tar-raġuni mxettla mill-fidi. Dan il-ministeru joffrili l-opportunità li nxandar lil Kristu f'ambjenti fejn ismu mhux dejjem jista' jissemma b'mod espliċitu, iżda fejn il-preżenza tiegħu tista' xorta waħda tasal permezz tax-xhieda tal-integrità, tal-koerenza tal-ħajja u tal-impenn favur id-dinjità invjolabbli ta' kull persuna umana.
- Id-diplomazija tas-Santa Sede *hija espressjoni partikolari ta' saċerdozju ta' medjazzjoni*. Bħalma Kristu huwa l-Medjatur bejn Alla u l-bniedem, hekk ukoll is-saċerdot imsejjaħ għas-servizz diplomatiku huwa msejjaħ ikun bennej ta' pontijiet bejn popli u nazzjonijiet, bejn kulturi differenti u viżjonijiet diversi, u kultant anke bejn pożizzjonijiet li jidhru 'l bogħod minn kull possibbiltà ta' ftehim. Din il-missjoni titlob distakk ġenwin minn kull interess personali u disponibbiltà sħiħa għas-servizz tal-verità u tal-ġid komuni. Hija missjoni li tista' titwettaq biss permezz ta' ħajja ta' talb u ta' għaqda dejjem aktar intima ma' Kristu, speċjalment fil-misteru tal-Ewkaristija.
- Id-diplomazija tas-Santa Sede *hija eżerċizzju ta' kenosi u ta' għotja kontinwa*. Il-bogħod minn art twelidu, mill-familja u mill-komunitajiet parrokkjali li fihom kiber fil-vokazzjoni saċerdotali tiegħu, wieħed jitgħallem jgħix il-faqar appostoliku b'mod konkret u radikali. B'hekk, huwa joffri kollox: iż-żmien tiegħu, l-enerġiji tiegħu u, mhux darba u tnejn, anke l-għeja tiegħu għall-ġid tal-Knisja universali.
- Id-diplomazija tas-Santa Sede hija *stedina kontinwa għall-kontemplazzjoni fl-azzjoni*. Biex is-saċerdot diplomatiku jkun jista' jirrappreżenta b'mod kredibbli lil Dak li hu *'it-Triq, il-Verità u l-Ħajja'*, anke f'ambjenti profondament sekolarizzati, jeħtieġ li jfittex li jgħix l-ewwel u qabel kollox is-saċerdozju tiegħu fil-preżenza kontinwa ta' Alla, b'mod partikulari permezz tal-Quddiesa ta' kuljum, l-adorazzjoni Ewkaristika u t-talb tal-Brevjar, li huma l-ossiġnu tal-ministeru tiegħu fil-qalba tal-Knisja universali.

Id-diplomatiku tas-Santa Sede jibqa' l-ewwel u qabel kollox saċerdot u, propju għalhekk, f'kull esperjenza u f'kull kuntest li sibt ruħi fihom fittixt li qatt ma nieqaf inkun saċerdot.

F'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-ordinazzjoni saċerdotali nirringrazzja lill-Mulej talli sejjaħli għal din it-triq, u ta' kull don li tani permezz ta' kull persuna li ltqajt magħha tul din il-mixja tiegħi.

Ix-xewqa tiegħi hija li nkompli ngħix dan il-ministeru b'fedeltà, b'umiltà u paċi tal-qalb, b'mod li ma' u bħal Missierna San Pawl inkun nista' nistqarr: "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu." (Gal 2,20).

Grazzi Mulej, għal dawn il-25 sena ta' saċerdozju. Għinni nibqa' strument utli f'idejK u saċerdot skont Qalbek.

**Mons. Dr. Joseph Grech, Prel. d'On, JUD, SThB.**
Belt tal-Vatikan, Ġunju 2026

# Ir-Rev. Kan. Dun Joe Cardona

## 25 SENA SAĊERDOT

Alla kien, għadu u jibqa' jsejjaħ aktar ħaddiema għall-ħsad tiegħu.

***"Jiena r-ragħaj it-tajjeb. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu." Ġwanni 10, 10.***
F'dan il-Vanġelu niltaqgħu mat-tixbiha tar-Ragħaj u n-nagħaġ. Hu Vanġelu li hu marbut mal-Vokazzjonijiet.

**X'inhi Vokazzjoni?**
Hija sejħa li jagħmel Alla biex isalva lil kulħadd. Imma Kristu għandu bżonn il-koperazzjoni tan-nies. Aħna rridu naħdmu miegħu u għaliH. Interessanti li Ġesù ma jqisniex bħala massa ta' nies. Imma jagħtina l-eżempju tar-ragħaj li jsejjaħ lin-nagħġa b'isimha.

Jekk aħna nqallbu ftit il-Bibbja niltaqgħu ma' ħafna esperjenzi fejn Alla jsejjaħ. Bħala eżempju fl-A.T. għandna s-sejħa ta' Samwel, Abraham eċċ; fil-Ġ.T. għandna s-sejħa ta' Pietru, is-sejħa ta' Pawlu u ħafna nies oħra.

**Is-sejħa titlob tweġiba**
Malli r-ragħaj isejjaħ in-nagħaġ jgħollu widnejhom ħa jisimgħu leħnu u jimxu wara r-ragħaj. Imma aħna l-bnedmin mhux dejjem nagħtu widen. Għalhekk il-vokazzjoni hi sejħa diretta u titlob tweġiba diretta.

**Fejn tinbet il-vokazzjoni?**
Il-Papa Franġisku jgħid " Ħallu ż-żerriegħa tilħaqkom, ħallu ż-żerriegħa tinbet fikom, ħallu ż-żerriegħa tibdilkom minn ġewwa".

Għalhekk ejjew inkunu art tajba billi:
· **Nisimgħu**
· **Nilqgħu**
· **Ngħixu l-Kelma**

U hekk biss tagħmel il-frott.

Fuq kollox ejjew ningħaqdu ma' Ġesù permezz tat-talb, permezz tal-qari u meditazzjoni tal-Bibbja, permezz tal-Ewkaristija u permezz tas-sehem tagħna fil-ħajja tal-Knisja.

**Liema tfixkil wieħed għandu jegħleb biex iħaddan il-vokazzjoni?**
Ġesù stess iwissina li ż-żerriegħa t-tajba spiss tiġi



maħtufa mill-ħażen tax-xitan. Tiġi mxekkla mit-tfixkil tal-ħajja. Tiġi fgata mill-inkwiet żejjed dwar dak li hu tad-dinja. Xi drabi dawn id-diffikultajiet jippruvaw jaqtgħulna qalbna; ifixkluna, naqgħu lura u nirtiraw f'ħajja komda.
Iżda Ġesù jridna nfittxu ideali għolja, iridna li ħajjitna tkun kollha ta' servizz lil ħutna.

Iż-żerriegħa tal-vokazzjoni tikber fejn hemm ħamrija tajba; jiġifieri:
· Ġo familja tajba.
· Ġo parroċċa mħeġġa minn imħabba fraterna

Mela bħala komunità, ejjew b'mod speċjali:
1. Nitolbu għal aktar vokazzjonijiet Saċerdotali u Reliġjużi
2. Ngħinu lis-Seminarju
3. Noffru s-sagrifiċċji u t-tbatijiet tagħna għall-Vokazzjonijiet
4. Nissieħbu f'Adorazzjoni lill-Gesù fl-Ewkaristija

Daqskemm nitolbu, daqshekk ieħor il-Mulej Ġesù jberikna b'Vokazzjonijiet għall-futur.

*AD MULTOS ANNOS*

# KAN. DUN CHARLES VELLA

## ĠIEĦ IN-NADUR 2025

Din is-sena l-Kunsill Lokali tan-Nadur għażel li jagħti dan il-premju prestiġġjuż lill-Kan. Dun Charles Vella, iben il-parroċċa tagħna u saċerdot, bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħu kemm fil-qasam pastorali kif ukoll fil-konservazzjoni u r-restawr tal-wirt reliġjuż u kulturali f'pajjiżna. Dan mhux biss kien ta' ġieħ għalih iżda wkoll għamel unur lil raħal twelidu.

Dun Charles ta u għadu jagħti kontribut kbir fil-qasam tar-restawr ta' opri ta' arti u patrimonju reliġjuż f'diversi parroċċi u komunitajiet madwar Malta u Għawdex – fosthom kurċifissi, vari, kwadri, u opri artistiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju artistiku reliġjuż ġewwa pajjiżna. Barra minn hekk, huwa magħruf ukoll għall-ħidma tiegħu fuq presepji u xogħol bix-xema', inkluż xogħlijiet uniċi relatati mal-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira. Il-ħila u d-dedikazzjoni tiegħu f'dan ix-xogħol huma magħrufa u apprezzati anke f'dan il-qasam. Ħadem ukoll fuq xogħlijiet importanti matul is-snin tal-istudji tiegħu ġewwa l-Italja fosthom f'Ruma, Milan u Firenze.

Minkejja li huwa residenti l-Belt Valletta, fejn b'mod regolari jaqdi s-servizzi tiegħu bħala Kanonku fi ħdan il-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu ta' din il-belt, Dun Charles għadu wkoll marbut ma' raħal twelidu, fejn joffri wkoll servizzi u jieħu sehem f'ċelebrazzjonijiet b'mod regolari, speċjalment fil-festi liturġiċi u parrokkjali. Wettaq ukoll diversi xogħlijiet ta' restawr fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, u bħalissa għaddej bix-xogħol ta' restawr tas-saqaf tal-knisja u b'dak tat-tużell wara li dan kien ġarrab ħsarat konsiderevoli. Aktar dwar dan jinsab ukoll f'artikli oħra f'din il-ħarġa ta' Luminaria.

Filwaqt li nifirħu lil Kan. Dun Charles Vella għal dan ir-rikonoxximent li meritevolment ġie mogħti lilu mill-Kunsill Lokali tan-Nadur, nawgurawlu aktar ħidma sfiqa fil-għalqa tal-Mulej, kemm bis-servizzi saċerdotali tiegħu kif ukoll permezz tat-talent artistiku tiegħu li nistgħu ngħidu jservi bħala ħolqa li tgħaqqad l-arti mal-ispiritwalità.





## Grazzi, Awguri u Talb

Il-Parroċċa tan-Nadur filwaqt li tirringrazzja lis-seminarista **Fabio Cini** għall-impenn u għas-servizz ġeneruż li wettaq fostna matul l-aħħar sena, tifraħ miegħu u tawguralu hekk kif fid-19 ta' Ġunju, 2026 jiġi ordnat Djaknu mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Anton Teuma u b'hekk ikompli fit-triq tiegħu li jekk Alla jrid twasslu għas-saċerdozju.

Grazzi, awguri u nkomplu nitolbu għalik u għal żgħażagħ bħalek!

## SAĊERDOTI ĠODDA Dun Samuel Aquilina u Dun Marlon Victor Bajada



Mill-qalb nifirħu lil dawn is-saċerdoti ġodda li rċevew is-Sagrament tal-Ordni Sagri waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Ordinazzjoni Presbiterali mmexxija mill-E.T. Mons Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, nhar it-22 ta' Mejju 2026 fil-Katidral ta' Għawdex. Dawn iż-żewġ saċerdoti t-tnejn kellhom esperjenza pastorali fil-parroċċa tagħna matul il-mixja ta' studji u preparazzjoni li wasslithom għall-ordinazzjoni saċerdotali.

## Nifirħu lill-

**Arċipriet Emeritu Mons. Salv Muscat**
u lill-**Mons. Kan. Dun Ġużepp Grech**
li din is-sena qed jiċċelebraw 60 u 65 sena tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom rispettivament.





# AD MULTOS ANNOS!

# LAQGĦA TA' TALB TAL-QADDEJ TA' ALLA

# DUN MIKIEL ATTARD

KAN. REUBEN MICALLEF

SAĊERDOT DJOĊESAN



Għal dawn l-aħħar 7 snin fil-Parroċċa tagħna ilha ssir din il-laqgħa kull ***Tielet Erbgħa tax-xahar***, bis-sehem ta' mistiedna speċjali fejn għarrfuna u qasmu magħna l-esperjenzi tagħhom fuq l-ispiritwalità qawwija ta' dan il-Qassis Naduri li għamel ħafna ġid lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ġew f'kuntatt miegħu.

Hawn taħt qed inġibu ftit riflessjonijiet ta' **Mons. Karm Mercieca** (Xewkija) fil-laqgħa ta' April li għadda.

**IL-KELMA TA' DUN MIKIEL**

Qed ngħixu f'dinja tal-paroli. Hemm kanzunetta Taljana hekk jisimha 'Parole, parole, parole.' Ħafna drabi paroli żejda, paroli bla sustanza, paroli vojta u bla sugu. Imnalla li għad baqa' nies 'tal-Kelma'. Kelma maħsuba, kelma ta' ġid, kelma kredibbli. Dun Mikiel kien hekk: Saċerdot "tal-kelma". U l-kelma tiegħu tiswa ferm aktar minn ruxxmata paroli tagħna.

**1. Kif kienet il-"KELMA" ta' Dun Mikiel?**

Kelma frott il-Meditazzjoni. Kien jimmedita u jirrifletti qabel jgħid kelma. Dan hu l-istil ta' min hu attiv u kontemplattiv. Wieħed mill-iżbalji ta' żmienna hu propju li kulħadd jgħid u jparla mingħajr ma jaħsibha. Dun Mikiel jgħallimna li l-kelma hi frott is-skiet u frott is-smigħ tal-Kelma t'Alla: l-ewwel

jisma' u jikkonsulta ma' Alla, biex imbagħad ikollu xi jgħid lill-erwieħ.

Darba smajt dan il-parir: jekk trid tkun taf il-polz tal-poplu kun midħla tan-nies.
Imma jekk trid issolvilhom il-problemi tagħhom, l-ewwel kun midħla t'Alla. Dun Mikiel hekk kien. Xorob ħafna mill-ispiritwalità ta' San Ġorġ Preca.

***Testimonjanzi***
Waqt li kont qed inqalleb il-ktieb dwar ħajtu, laqtuni żewġ testimonjanzi dwar l-imħabba li Dun Mikiel kellu lejn l-Ewkaristija.

*Il-Grupp Missjunarju Għawdxi: Dun Mikiel kien jgħaddi ammont ta' ħin quddiem Ġesù Sagramentat sa tard billejl.

*Saċerdot ieħor qal: L-ADORAZZJONI EWKARISTIKA KIENET IR-RUĦ TAL-GĦEMEJJEL TIEGĦU.

**2. KELMA ĦIERĠA MILL-QALB U TIMMIRA GĦALL-QALB**
Il-Papa Ljun XIV fl-okkażjoni tas-60 sena mid-Dokument Konċiljari GRAVISSIMUM EDUCATIONIS jikkwota lill-Kardinal John Henry Newman, li issa ħatru Duttur tal-Knisja, li kellu bħala motto tiegħu "COR AD COR LOQUITUR" "Il-qalb titkellem mal-qalb". Dan il-motto l-Kardinal Newman ħadu mingħand San Franġisk ta' Sales li kien jgħid:

"SINCERITY OF HEART IS NOT ABUNDANCE OF WORDS, BUT TOUCHES THE HEARTS OF MEN." Dan kollu Dun Mikiel kien jipprattikah. Fommu kien jitkellem mill-abbundanza tal-qalb. Dun Mikiel kellu qalbu tbaqbaq bil-ħeġġa. Għalhekk il-kelma li kienet toħroġ minn fommu kienet kelma sħuna u mħeġġa. Jitkellem fuqhiex jitkellem – sew jekk fuq is-Saċerdozju, fuq il-familja, fuq iż-żgħożija, fuq il-Madonna, fuq il-Missjoni eċċ, eċċ. dejjem jolqtok.

**3. KELMA KREDIBBLI**
Dak li kien jipprietka, l-ewwel kien jipprattikah hu. Temmnu għax kelmtu ġenwina, konvinta, u jikkonvinċik. Kien prattiku u konkret. Saqajh mal-art u mhux jgħix fis-sħab. Kien juża l-kelma mitkellma. Fl-Omeliji, fid-direzzjoni, fil-pariri. Imma kien juża l-kelma stampata. Kien juża flyers, fuljetti, artikli, eċċ.

***Xi Testimonjanzi Oħra***
*Kelma lill-familji*: Omelija tal-31-12-08 : "Ħlewwa fil-kliem, Paċenzja ma' xulxin, Aħfru lil xulxin."

*Kelma lill-isportivi :* Fil-ktieb laqatni l-kumment ta' Karistu Camilleri tan-Nadur Youngsters. Din kienet it-talba li Dun Mikiel kien jgħid lill-Players:

> *"Inwegħdu li nieħdu sehem fiż-żamma tar-regolamenti*
> **fil-ferħ mingħajr tmaqdir*
> **fir-rebħ mingħajr kburija*
> **fit-telf bla swied ta' qalb."*

**Kelma fl-Easter Card tiegħu tal-1989**
"O Ġesù Rxoxt, Ħaj u Attiv agħmel li nibqa' żagħżugħ jiġifieri
*OTTIMIST, BI TBISSIMA FUQ FOMMI, *ATTIV, *U MOĦĦI MIFTUĦ FIS-SERVIZZ TIEGĦEK.

***4. KELMA "SHORT AND SWEET"***
Fil-ktieb dwar ħajtu, saċerdoti, sportivi, żgħażagħ, studenti, edukaturi kollha jsemmu l-espressjonijiet qosra b'xi sentenza bl-Ingliż, li Dun Mikiel kien iħobb jagħti. Kienu jsejħulhom "SNAPSHOTS" jew "FLASHES".

***FTIT EŻEMPJI***
1. Lil min jistqarr xi nuqqas li jkun għamel fl-imgħoddi, Dun Mikiel kien jgħidlu: *"FULLSTOP"* - *leqaf u "FRESH LINE*" - Ibda paġna ġdida f'ħajtek u ħares 'l quddiem.
2. Parir lil min ikun għaddej minn xi problema: '*PROBLEMS SHOULD SHARPEN YOU NOT KNOCK YOU DOWN.'*
3. Rigward it-Talb: Alla jisma' t-talb tagħna "*IN HIS TIME AND IN HIS WAY."*
4. Rigward is-sagrifiċċju: "*There is no redemption without blood."*
5. Il-qawwa tal-"Kelma t'Alla". Il-Kelma t'Alla hi '*time-bomb*' għax tolqot lill-qalb tal-bniedem xħin Alla jrid.
6. Rigward il-Fidi
   *'CHILD-LIKE NOT CHILDISH FAITH'.*

Inħeġġiġkom biex taqraw il-ktieb "DUN MIKIEL ATTARD - *KIF BAQA' FIL-QALB TA' DAWK LI LTAQGĦU MIEGĦU*". Jgħallimna nkunu nies tal-kelma "mhux nies tal-paroli". Id-dinja ta' madwarna nibdluha jekk kull kelma li ngħidu tkun żerriegħa tajba.



# SAN PIETRU U SAN PAWL

## PRONTI BIEX JINBIDLU

ANGELO XUEREB

Il-qaddisin kollha kienu pronti biex jagħmlu r-rieda ta' Alla u għalhekk kienu dejjem lesti biex jinbidlu. Dan japplika b'mod speċjali għall-ħajja ta' San Pietru u San Pawl.

Il-bidla li minnha qiegħed nitkellem hija mhux meta l-bniedem jidneb, jindem u jmur iqerr. Hemm bidla oħra jiġifieri tal-mentalità jew tal-qalb. Din isseħħ meta l-bniedem ikun qiegħed miexi f'ċerta direzzjoni u mingħalih qiegħed fit-triq it-tajba. Iżda Alla permezz tal-ġrajja jew tnebbiħ jurih li jrid xi ħaġa aħjar minnu. Din mhix faċli għaliex wieħed irid jiċħad lilu nnifsu. Sidna Ġesù Kristu jgħidilna: "Min iħobb lil ħajtu, jitlifha, u min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jżommha għal dejjem" (Ġw 12, 25).

### San Pietru

Forsi wieħed iġib quddiem għajnejh iċ-ċaħda ta' Kristu waqt il-passjoni. Għamel dan mhux minħabba l-ħażen tiegħu iżda għax beża'. U kien pront li kkonverta. Dgħufija oħra li dan il-qaddis wera fil-passjoni hija li raqad kemm-il darba fil-ġnien tal-Ġetsemani u hekk naqas. L-Evanġelju ta' San Mattew jgħidilna: "U ġie ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin u qal lil Pietru: "Hekk ma flaħtux tishru siegħa waħda miegħi? Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib; l-ispirtu kollu ħeġġa, imma l-ġisem dgħajjef" (Mt 6, 41). Sidna Ġesù Kristu stess isemmi li dan kien ġej mid-dgħufija u mhux mill-ħażen.

Iżda l-bidla tal-qalb naraha aktar isseħħ fil-mixja tiegħu biex jaċċetta lil Kristu sofferenti u rxuxtat. Ta' min jinnota li meta Kristu kien f'Ċesarija ta' Filippi Kristu staqsa lid-dixxipli min kien. U San Pietru wieġbu: "Int il-Messija" (Mk 8, 29). Imbagħad wara din l-istqarrija Ġesù beda jitkellem dwar il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. Iżda din it-tħabbira xejn ma għoġbitu tant li: "ġibdu u beda jlumu" (Mk 8, 32).

Iżda Kristu ċanfru għal dan l-atteġġjament u qallu: "Warrab minn ħdejja, Xitan! Għax int ma tifhimx il-ħwejjeġ ta' Alla, imma l-ħwejjeġ tal-bnedmin" (Mk 8, 33). Fit-Trasfigurazzjoni Pietru ried jagħmel tliet għarajjex fuq it-Tabor, wieħed għal Kristu, ieħor għal Mosè u l-ieħor għal Elija. Kien għadu ma fehemx il-passjoni li kellu jgħaddi minnha Kristu. Din ir-reżistenza li Ġesù jbati baqgħet sal-aħħar tant li fil-Ġnien taż-Żebbuġ qata' l-widna ta' Malku, li kien il-qaddej tal-qassis il-kbir.

Iżda minkejja dan kollu San Pietru, li fil-mixja tiegħu wara Kristu ma ħariġx diżilluż, aktar tqawwa fil-fidi tant li nhar l-Għid il-Ħamsin ħareġ ixandru b'ħeġġa u b'konvinzjoni kbira.

### San Pawl

F'dan il-qaddis ma tantx naraw tlajja' u nżul peress li kien bniedem determinat ħafna. Iżda f'ħajtu bidel darbtejn id-direzzjoni li fiha kien miexi. L-ewwel darba kienet fit-triq ta' Damasku meta deherlu Kristu. Ma nkunux korretti li ngħidu li kien miexi fit-triq il-ħażina. Kien Fariżew ġenwin u dak li kien qiegħed jagħmel kien ġej mill-imħabba għal-liġi ta' Mosè. Iżda f'daqqa waħda skopra lil Kristu u dan kien ifisser li sar terremot f'ħajtu. Kien umli biżżejjed li jilqa' din l-istedina u jimxi wara Kristu. Din l-iskoperta ta' Kristu ġabet tbatija f'ħajtu. Kif qabel kien Fariżew determinat issa sar appostlu lest għal kull tbatija biex ixandru mad-dinja ta' dak iż-żmien.

Iżda anki wara li sab lil Kristu għadda minn bidla oħra 'interjuri' u l-mod kif iwassal il-Vanġelu. Fl-Atti tal-Appostli nsibu li mar jipprietka fil-belt ta' Ateni u mar

fl-Areopagu fejn kellem lill-għorrief ta' dik il-belt b'mod mill-aktar elokwenti. Iżda din il-missjoni sfat f'falliment għax meta semgħu l-qawmien mill-imwiet xi wħud bdew jiddieħku bih u oħrajn qalulu "nisimgħuk darba oħra". Xi ftit konverżjonijiet kien hemm ukoll.

Iżda l-Appostlu tal-ġnus tbiegħed minn Ateni u mar Korintu. Hemmhekk ma tkellemx bi kliem għaref iżda bi Kristu msallab. Dan insibuh fl-Ewwel Ittra lill-Korintin: "Ngħid għalija, meta ġejt għandkom, ħuti, ma ġejtx inħabbrilkom ix-xhieda ta' Alla bi kliem għoli jew bil-għerf. Għax ma ridt naf xejn fostkom ħlief Ġesù Kristu u Ġesù Kristu msallab. U ġejt għandkom b'nuqqas ta' qawwa, b'biża' u tregħid kbir, u kliemi u xandiri ma kienx bi kliem li jolqot tal-għerf, imma kien bil-wiri tal-ispirtu u l-qawwa, biex il-fidi tagħkom ma tkunx mibnija fuq il-għerf tal-bnedmin, imma fuq il-qawwa ta' Alla" (Kor 2, 1-5).

Jekk San Pietru u San Pawl li kienu Appostli ta' Kristu kellhom jgħaddu minn trasformazzjoni, kemm hemm bżonn li aħna nġarrbuha wkoll! Tkun ħasra li naħsbu li mexjin fit-triq it-tajba jew rassenjati bil-ħajja medjokri tagħna. Ejjew inħallu lil Kristu jidħol aktar fil-ġewwieni ta' qalbna billi nkunu lesti li nikkonvertu bil-mod il-mod.

# Il-Mantell

**DR MARIO SALIBA**

Mantell ta' Pietru u Pawlu
iqattar qtar tad-demm,
sidirhom tiela' u nieżel
bħal ruħ qed tintemm.

Il-fidi sħiħa fihom
isseddqet dlonk f'mument,
u demmhom xtered ħesrem
bla karba, bla lament.

U demmhom għadu ħiereġ,
ifejjaq, jaħji rwieħ,
għax għajn ta' tama kbira
għal min maħkum fir-rjieħ.

Mantell ta' Pietru u Pawlu
imċappas kollu dmija
mill-ġerħa fonda, fonda
qajl tarmi serħ u dija.





# IĊ-ĊIMA

ROOF GARDEN RESTAURANT

*Ikel mill-aqwa, atmosfera familjari u prezzijiet li jlaħħaq magħhom kulħadd*

St. Simon Street,
Xlendi - Gozo - Malta.
www.starwebmalta.com/cima.htm

Tel: 21558407
Fax: 21556737
Mob: 99558407
99877510

# FAMILY NEEDS

Boutique

Pjazza Arċ Martin Camilleri

Household goods

*Nadette Muscat*

# BERNANDY SUPERMARKET

**Your Shop - Your Choice**

**Pjazza Dan Martin Camilleri - Nadur - Gozo**

**Tel: 2156 5546**

# M & J Garage

**Qortin Street, Nadur, Gozo. Tel: 2156 2771, Fax: 2156 4997**
**Mob: 9945 9772 / 9947 9590.**

*for Professional Painting, Colour Matching,*
*Panel Beating, Rust Reapir & Baking Spray*

**Car Rental**



# Garden of Eden

**Health and Beauty Salon**

GUINOT
INSTITUT • PARIS

Eden M Galea
ITEC Diploma (U.K.) Specialised beauty therapist
"Garden of Eden", Hida Street, Nadur, Gozo Tel: 2155 8170 Mob: 7955 8170

# MESSAĠĠ MINN SR LUX MARIE MC - L-ETJOPJA



Għeżież ħbieb u dawk li għandhom għal qalbhom il-missjoni tagħna,

Nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom għat-talb tagħkom għalija u għall-missjoni tagħna fl-Etjopja, b'mod partikolari f'Jimma. Grazzi tal-appoġġ kontinwu tagħkom tul dawn is-snin kollha. Jalla l-Mulej iħallas lil kull wieħed minnkom għall-imħabba tagħkom lejn il-foqra u lejn il-missjonijiet. F'isem il-foqra li naqdu hawnhekk, nassigurakom it-talb tagħna.

Jien flimkien ma' sħabi s-sorijiet, barra milli nippruvaw ngħinu lin-nies mill-aspett materjali, nippruvaw ukoll ngħinuhom mill-aspett spiritwali u nressquhom iżjed lejn Alla. Kull nhar ta' Ħadd ngħallem id-duttrina lil numru sabiħ ta' żgħażagħ. Tieħu gost tarahom ħerqana jippruvaw jikbru fil-fidi tagħhom, għalkemm għandhom diversi sfidi fil-ħajja.



L-Etjopja qed tagħmel passi kbar fl-iżvilupp, anke f'Jimma, iżda ħafna nies qed jitilfu d-djar żgħar tagħhom u dak kollu li għandhom minħabba l-kostruzzjoni. It-taxxi fuq l-art qed jiżdiedu dejjem aktar, u anke fuq kull siġra li wieħed għandu madwar id-dar. In-nies qed ibatu biex iħallsu dawn it-taxxi kollha. Id-distakk bejn il-ftit sinjuri u l-maġġoranza fqira qed dejjem jiżdied. Huwa ta' uġigħ li tisma' stejjer ta' ommijiet żgħażagħ f'disperazzjoni li ma jafux minn fejn se jġibu l-ikel ta' kuljum għal uliedhom. Stejjer ta' familji li jispiċċaw bla saqaf fuq rashom minn ġurnata għall-oħra. Minħabba xogħlijiet kbar fit-toroq, l-ilma qiegħed qed jiżdied b'rata allarmanti, u qed jikkawża żieda fil-mard tal-malarja. Huwa ta' niket kbir li tara nies b'saħħithom jitilfu ħajjithom minħabba din il-marda qalila.



Jekk jogħġobkom nagħmlilkom appell biex titolbu għalina biex inkomplu nwasslu t-tama lil kull min niltaqgħu miegħu. Ma nistgħux insolvu l-problemi kollha, ma nistgħux inneħħu l-faqar tagħhom, iżda nittamaw li nistgħu noffru ftit faraġ, ftit dawl, ftit tama lil individwi partikolari biex ikunu jistgħu jġorru s-salib tagħhom b'dinjità u mhux fid-disperazzjoni. Nitolbukom ukoll biex titolbu biex il-paċi vera u dejjiema tinstab fl-Etjopja, għax għad hemm ħafna tensjoni u ġlied bejn gruppi ribelli u l-gvern. Nafu li l-gwerra mhi soluzzjoni għal xejn; iġġib aktar tbatija u tieħu l-ħajja ta' ħafna nies innoċenti. Għalhekk nitlobkom iżżommu lill-Etjopja fit-talb tagħkom. Xewqa li naħdmu għall-paċi, u kif kienet tgħid Mother Teresa: "l-opri tal-imħabba huma opri tal-paċi" u "il-paċi tibda bi tbissima." Ejjew inrawmu l-paċi billi nibdew mill-familji tagħna, mill-komunitajiet u mill-irħula tagħna.

# MESSAĠĠ MINN DUN RAYMOND PORTELLI AMMINISTRATUR PARROKKJALI PARROĊĊA SAN PIETRU SAJJIED – IQUITOS, IL-PERÙ

## *IS-SOLIDARJETÀ*

Ftit ġranet ilu ħareġ ir-rapport uffiċjali tal-Gvern dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-Perù. Skont dan ir-rapport, aktar minn 40% tan-nies li jgħixu fid-dipartiment ta' Loreto, fejn tinsab Iquitos, jgħixu fil-faqar; jiġifieri ma għandhomx tliet ewro kuljum biex ikopru l-ikel, ilbies, mediċini u ħtiġijiet bażiċi oħra. Immaġinaw omm waħedha trabbi tlett itfal f'dawn iċ-ċirkustanzi. Ħafna nies għaddejjin minn mumenti tassew diffiċli.

F'dan iż-żmien tal-Għid qed inbierek id-djar tal-parroċċi ta' San Martín de Porres u San Pedro Pescador. Qed niltaqa' mill-qrib ma' din ir-realtà kerha tal-faqar li tassew tmissli qalbi, b'mod speċjali meta nara tfal u anzjani jbatu l-ġuħ jew in-nuqqas ta' mediċina bażika.

Fiż-żewġ parroċċi li għandi r-responsabbiltà tagħhom bħala kappillan, qed nippruvaw nagħmlu dak kollu li nistgħu biex ngħinu. Ovvjament, is-soluzzjoni vera trid tiġi minn bidla fid-deċiżjonijiet politiċi, bil-għan li jinħolqu aktar opportunitajiet ta' xogħol u li jkun hemm sistema effiċjenti ta' għajnuna soċjali għall-aktar każijiet vulnerabbli.

Aħna bħala Knisja ma nistgħux ma nkunux vuċi kritika kontra s-sitwazzjoni ta' korruzzjoni u serq tal-fondi destinati għall-ġid komuni. Imma flimkien mal-vuċi tagħna, nippruvaw ukoll noffru proġetti konkreti ta' għajnuna: żewġ soup kitchens, attenzjoni medika bla ħlas, sptar ċkejken għall-kura paljattiva, ċentru ta' riabilitazzjoni, night shelter u dar għall-anzjani abbandunati. Barra minn hekk, nagħtu għajnuna lil ħafna każijiet individwali li jiġu l-parroċċa jfittxu sapport u għajnuna.

Minn fejn jiġu l-fondi biex inżommu dan kollu għaddej? Mill-Knisja. U meta ngħid "Knisja", mhux qed nirreferi għall-Isqof jew għall-Vatikan, imma għall-komunità ta' nies ta' qalb tajba li jgħinu skont il-possibbiltajiet tagħhom.
Żgur li parti essenzjali mill-evanġelizzazzjoni hija li nsaħħu l-ispirtu ta' solidarjetà. Parti mill-missjoni tiegħi hija li nħeġġeġ lin-nies hawnhekk biex jitgħallmu jagħtu minn dak li għandhom sabiex jgħinu lil min hu fil-bżonn. Fl-istess ħin, inħeġġeġ lilkom ukoll, il-Knisja Għawdxija u Maltija, biex tkomplu tgħinu fejn tistgħu.

Inżommu ħajja l-fidi tagħna permezz tal-għajnuna li nagħtu lill-missjoni. Kulħadd jagħti minn dak li jista'. Is-solidarjetà hija relattiva; l-importanti hu li nagħtu bil-fidi, għax dak li nagħmlu nkunu qed nagħmluh lil Ġesù preżenti fil-foqra. Nagħtu sakemm inħossu ftit sagrifiċċju, għax l-imħabba vera dejjem titlob minna xi ħaġa. U nagħtu bi tbissima, għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ.

Inwegħidkom dejjem it-talb tiegħi.







# MESSAĠĠ MINN
# DUN MARIO CASSAR - IL-KENJA

Għeżież qarrejja tar-rivista Luminaria,

Bħala Naduri tgħidx kemm nieħu pjaċir li permezz tal-Luminaria nista' niltaqa' magħkom almenu virtwalment u ngħaddilkom xi ftit mill-esperjenza missjunarja tiegħi fil-Kenja. Bħalissa qiegħed Għawdex. Wasalt fil-21 ta' Marzu 2026 u se mmur lura fit-22 ta' Ġunju.






Tefa' ta' ġebla mill-uffiċċju tiegħi hemm skola b'750 student. Sirt naf permezz ta' xi voluntiera li ħafna tfal ma kienux jattendu l-iskola. Xi wħud meta kienu jiġu kienu jorqdu fuq il-bankijiet tal-klassi minflok jitgħallmu. Staqsejt lis-surmast ir-raġuni ta' dan l-aġir u dritt weġibni, 'Minħabba li jiġu mid-dar mingħajr kolazzjon b'żaqqhom vojta.' Kapaċi l-ġurnata ta' qabel filgħaxija jorqdu bil-ġuħ! Mill-ewwel ħadt azzjoni. Flimkien mal-helpers tiegħi bdejna 'feeding program'. Tliet darbiet fil-ġimgħa nitimgħuhom hekk: filgħodu qabel ma jidħlu fil-klassi nagħtuhom kikkra/tazza porridge, 2 slices ħobż u bajda u waranofsinhar platt imburġat bir-ross u banana. Minn 350 telgħu għal 750 student. Stajt nibda dan il-programm għax kelli l-flus mogħtija mill-qlub ġenerużi tal-Għawdxin u tal-Maltin. Kull xahar tiġini €2,769. Dan biex nurikom fejn jintefqu l-flus li xi wħud minnkom jagħtuni meta nkun hawn Malta.

Trid tmiss b'idejk u tara b'għajnejk biex tagħraf u tifhem xi jkun il-faqar. Mhux darba u tnejn ġew għandi ġenituri b'ħames jew sitt ulied jitolbuni bil-ħniena nagħtihom il-flus biex iħallsu l-kera tad-dar tagħhom għax inkella dik il-lejla kienu se jitkeċċew barra u jorqdu fit-triq. U jien, xħin nara li huwa każ ġenwin, mingħajr eżitazzjoni nagħtihom il-flus għall-kera u biex jitrejqu.

Minn xi daqqiet immur nara fejn jgħixu dawn il-familji foqra. Ħafna lanqas sodda u saqqu m'għandhom fuqhiex jorqdu. Jorqdu fuq biċċa kartuna jew xi kutra mqatta' f'kamra waħda magħmula biz-zkuk u t-tafal. Fid-djar tagħhom la għandhom ilma tal-vit u lanqas elettriku. Jimpressjonawni għax ma tismagħhomx igorru jew jeqirdu. It-tfal tagħhom tarahom dejjem bi tbissima fuq wiċċhom. M'għandhom xejn u dejjem ferħanin. Niftakar fi tfuliti, xi sitta u sittin sena ilu, ma kellna xejn u dejjem konna ferħanin. Illum għal kuntrarju Malta u Għawdex għandna tista' tgħid kollox u m'aħniex ferħanin. Ta' min jistaqsi x'ġara u għax jeżisti dan il-fenomenu fil-gżejjer tagħna! Forsi sarkastikament għax għandna aktar kumdità, flus, divertiment, drittijiet, libertà u libertinaġġ.

Bħal kull bniedem ieħor ikolli t-tlajjiet u l-inżul. Ngħaddi minn mumenti ta' ferħ, ta' niket u ta' solitudini. Xi kultant inkun se naqta' qalbi. Iżda mbagħad xħin niftakar li qiegħed il-Kenja biex ngħin lin-nies foqra biex ikollhom id-dinjità li jixirqilhom u jibdew jgħixu u mhux biss jeżistu, timlini bil-kuraġġ. U nibda nifhem iżjed il-kliem tal-appostlu San Pawl meta jgħid, 'meta jien dgħajjef aktar f'saħħti' għax f'dak il-mument nagħraf u nħoss lil Alla preżenti.

Wara li taqraw dan l-artiklu dwar xi esperjenzi li qsamt magħkom issa x'sejrin tagħmlu? Xi wħud se jwieġbu, 'nibqgħu għaddejjin bil-ħajja normali.' Oħrajn se jieqfu jaħsbu u jirriflettu. Se jgħidu f'qalbhom, 'kif nistgħu ngħinu lil Dun Mario, kif nistgħu nkunu ta' spalla mal-foqra tal-missjoni?' Il-missjoni tiegħi għandha bżonnok. Tistgħu tikkuntattjawni fuq +356 79796525 jew tibagħtuli messaġġ fuq l-email tiegħi:
cassarm19@yahoo.com
jew billi tagħtu donazzjoni fil-kont tal-bank tiegħi mal-Bank of Valletta plc:
Nru. tal-IBAN: MT84VALL22013000000040018774692
BIC: VALLMTMT

Nitolbu għal xulxin.
Jalla l-Mulej iberikkom u jagħtikom is-sliem.

# SUOR EMMANUELA AZZOPARDI PCPA
## (1915 – 2010)

**XEMPJU TA' ĦAJJA EWKARISTIKA**
It-tagħrif li jidher fuq is-santa ta' meta l-Mulej sejjaħ lil Suor Emmanuela għal għandu f'età ta' 95 sena mhux komplut ghalkemm wieħed isib ħafna iktar dwarha mill-għadd kbir ta' ittri, madwar 115, li waslulna f'medda ta' 25 sena mill-1985 sa mewtha.

Qabel ma ssieħbet mas-Sorijiet tal-*Poor Clares of Perpetual Adoration, (PCPA),* kif jissejħu, Sr Emmanuela ngħaqdet ta' 19-il sena l-ewwel bħala reliġjuża mas-Sorijiet tas-*Sacred Heart* u wara 12-il sena marret fil-missjoni l-Indja fl-1946. Ġiet Malta għal żjara qasira waħda fl-1969 u sentejn wara ħasset is-sejħa għall-ħajja tal-klawsura fejn baqgħet il-bqija ta' ħajjitha, għal kważi 40 sena, fl-Istat ta' Tamil Nadu, in-naħa t'isfel tal-Indja.

Fuq kull ittra li bagħtet u bl-ewwel kliem fuq nett kienet tikteb: *Thanks be to God through Jesus in the Most Blessed Sacrament,* u dejjem fuq karta mill-iktar sempliċi miktuba b'idejha stess, u l-biċċa l-kbira bl-Ingliż billi kien iktar faċli għaliha. Għoġobha twassal ħafna aħbarijiet interessanti. Min-naħa tagħna ma kenitx nieqsa minn tagħrif li għaddejnielha permezz ta' Bullettini, Luminaria u qari ieħor li kienet tassew tapprezza.



**BIL-ĠENEROŻITÀ TA' ĦAFNA**
Sa mill-ewwel ittra tagħha tat-3-4-1985 hija stqarret "jiena ninsab ferħana fil-ħajja moħbija tiegħi. L-għan prinċipali tagħna huwa l-Adorazzjoni Perpetwa u nitolbu għall-ħtiġijiet tal-Knisja u tad-dinja kollha".

Kien fl-istess ittra fejn kompliet: "Se nitlobkom pjaċir. Dejjem bil-permess tas-Superjuri tiegħi, ma nafx hux possibbli tgħinuna b'xi benefatturi li jistgħu joffru l-ispejjeż tax-xemgħa. Kellna ħabiba mill-Awstralja li kienet tibgħat l-offerti kull sena imma issa ma tistax billi mitilha żewġha. Ħassejnieha ħafna għax ix-xemgħa tant għoliet li neħtieġu Lm20 (€46.60) kull xahar jew madwar Lm300 (€699) fis-sena. Ma nixtequx inċaħħdu lill-Imgħallem tagħna mir-rispett u l-ġieħ li jixraqlu binhar u billejl fl-Adorazzjoni Solenni. Min jogħġbu jgħin niftakru ħafna fih fit-talb tagħna u dan hu privileġġ kbir għalihom li nżommuhom fil-preżenza tal-Imqaddes Sagrament lejl u nhar. Nixtiequ tweġiba".

Malli ġriet l-aħbar kienu diversi dawk li bdew jibagħtulhom l-offerta ta' xahar, imma billi iktar tard konna nibagħtulha l-kaxxi bil-ħwejjeġ għall-foqra stajna wkoll inpoġġu pakketti tax-xemgħa. Sr Emmanuela wriet kemm apprezzaw l-għajnuna li taslilhom, anki għall-għixien tagħhom "ladarba aħna niddependu l-iktar fuq il-karità għax ma nistgħux infendu weħidna bil-ftit li nagħmlu għax il-ġurnata kollha hija ħin ta' talb. Ninsabu b'kollox 23 fil-komunità. Nitolbu għall-għeżież Nadur, Għawdex u Malta fil-bżonnijiet kollha li jgħaddu minnhom. Min-naħa tiegħi nitlob għalikom dejjem speċjalment fl-Adorazzjoni ta' billejl mill-11.00 pm sas-1.00 am, meta jmissni kull jumejn".

**FL-ADORAZZJONI MHU MINSI ĦADD**
Jekk Sr Emmanuela ma kenitx tidher fostna u li stajna niltaqgħu magħha, xorta tatna possibiltà li nsegwuha permezz tal-ittri li wasslitilna u li jixhdu x'ħeġġa u



mħabba kellha lejn l-Ewkaristija. Mhux biss għax sfat f'monasteru ta' klawsura bi programm kontinwu li l-Komunità kellha bl-Adorazzjoni Perpetwa, iżda l-ispirtu tagħha kien mimli b'devozzjoni lejn l-Imqaddes Sagrament f'kulma kienet tagħmel f'kull ħin ieħor, fi ħsibijietha u għemilha.

Kemm drabi l-istess Komunità kienet torganizza rtiri ta' tmint ijiem b'talb u meditazzjonijiet imnebbħa minn temi liturġiċi biex jikbru dejjem iktar fl-imħabba lejn l-Ewkaristija. Drabi oħra kienu jżidu iktar ħin fl-Adorazzjoni flimkien biex jitolbu speċjalment fi żminijiet diffiċli minħabba theddid ta' gwerer, vjolenza bejn razez Indjani, persekuzzjonijiet li kienu jisimgħu bihom anki f'pajjiżi oħrajn.

Mhux l-ewwel darba li bħala Komunità offrew l-Adorazzjoni tagħhom, kollettiva jew privata, għall-ħtiġijiet ta' pajjiżna dwar problemi marbuta ma' xi ċirkustanzi li konna ninsabu fihom wara li kienu jsiru jafu bihom anki permezz ta' korrispondenza mingħand qraba ta' Sr Emmanuela.

Ma naqsux ċirkustanzi oħrajn meta rrikorrew għal iktar talb u Adorazzjoni speċjali f'kull xorta ta' tbatija bħal meta kien hemm mewġa ta' attakki fuq monasteri oħrajn b'ħerba anki fuq sorijiet, rewwixti għat-tkeċċija tal-missjunarji mill-Indja, serq u vjolenza, fi żmien ta' għargħar jew nixfa kbira f'naħa jew f'oħra, terremoti u qerda ta' djar u familji milqutin, inċidenti serji fejn sfaw milqutin aħwa reliġjużi, konflitti ma' pajjiżi ġirien u iktar. Il-ħsieb tagħhom kien fuq kollox wieħed ta' fiduċja u tama sħiħa fi Kristu li lilu qed jaqdu f'sahra Ewkaristika biex jieqaf ma' dawk milquta u ma' tant oħrajn fil-bżonn. Dejjem attenti għal kulma qed jiġri madwarhom.

**BIBIEN MIFTUĦIN GĦALL-FOQRA**

Sr Emmanuela tirrakkonta li fil-Klawsura l-bibien tagħhom kienu dejjem miftuħin għal tant foqra li kienu jmorru għandhom. B'xorti tajba spiss kienu jaslulhom minn diversi parroċċi dawk il-pakketti jew kaxxi, l-iktar bi ħwejjeġ, xi jqassmu billi l-inħawi kienu maħkuma minn kesħa kbira. "Għandna fidi sħiħa fil-providenza ta' Alla, tant li l-Madre lesta li toffri lil kulħadd sal-aħħar biċċa ħwejjeġ. Anki lil xi pustiera li jaqduna u li taf bil-qagħda doloruża tagħhom, speċjalment b'uliedhom żgħar".

F'moħħhom u f'qalbhom kellhom lil Dak li jmexxihom biex mill-Adorazzjoni jarawH f'ħuthom fil-bżonn. Minn żmien għall-ieħor il-Komunità kollha kienet twettaq programm ta' ċaħdiet anki fl-ikel u f'sagrifiċċji oħra biex b'dak li jfaddlu jgħinu lill-familji li kienu jbatu anki l-ġuħ. Kien qed joqrob iż-żmien meta kellha ssir ż-żjara tal-

Papa Ġwanni Pawlu II f'partijiet differenti tal-Indja (1986). Anki hawn il-Komunità ssieħbet ħafna miegħu permezz tal-Adorazzjoni. Mhux għax kien se jgħaddi għandhom, fil-fatt m'għaddiex, imma billi fil-pajjiż tfaċċaw fehmiet differenti, anki wħud ostili, li setgħu jfixklu mill-għan taż-żjara meta pajjiż hekk kbir kellu bżonn il-kelma tal-Vigarju ta' Kristu.

Meta ftit snin wara (fl-1990), fuq xewqa ta' Sr Emmanuela u bħala sinjal ta' gratitudni lejn tant benefatturi minn pajjiżna, aħna kellna f'pajjiżna ż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Komunità kollha segwiet b'talb speċjali fl-Adorazzjoni. Sr Emmanuela xtaqet ukoll li xħin ikun Għawdex il-Papa jgħaddi wkoll min-Nadur!

**ĦIDMA VARJA GĦALL-VOKAZZJONIJIET**

Ma jonqosx li komunità Ewkaristika ma jkollhiex għal qalbha l-opra tal-vokazzjonijiet. Fl-adorazzjoni tagħhom kienu jitolbu għal iktar sejħat mhux biss fi ħdanhom, imma għad-Djoċesi tagħhom u fid-dinja kollha biex joktru saċerdoti u reliġjużi. Kemm drabi Sr Emmanuela semmiet is-seminarju tagħna, seminaristi ġodda, vokazzjonijiet min-Nadur, u x'ferħ qaddis meta kienet tkun taf bl-ordinazzjonijiet f'Għawdex!

L-Istess Isqof tagħhom, Mons. Arul Das James, li saħansitra kien ġie anki fostna, kien iżurhom fil-Monasteru u magħhom jaqsam xi problemi li kien ikollu, dwar saħħtu, xi tfixkil f'tagħlim imxerred, jew anki minħabba xi saċerdoti, kien jafda ħafna fil-qawwa tal-adorazzjoni li kienu jagħmlu. Kien jieħu l-okkażjoni biex jiċċelebra l-quddiesa b'omelija tant apprezzata. Reliġjużi oħrajn li kienu joffru servizz lill-istess Komunità sabu anki kenn qawwi għax setgħu jsibu għajnuna anki minn dak li kien jaslilhom fil-kaxxi tal-ħwejjeġ.

Sr Emmanuela kienet tmid idha ħabrieka għall-ħjata u kienet tinqala' sewwa għaliha. Ix-xogħol prinċipali kien albi, pjaneti dekorati, ċingli, imkatar u purifikaturi, trieħi u iktar, li kienet tagħmel bil-qalb għal diversi reliġjużi u saċerdoti oħrajn, xi drabi bħala rigal għall-ordinazzjoni tagħhom jew tas-servizz li kienu joffru lill-Komunità. Kienet tixtieq minnhom ħajja kkonsagrata bi mħabba lejn l-Ewkaristija waqt li titlob għalihom ukoll.

**IKTAR GĦAJNUNA ĠENERUŻA GĦALL-EWKARISTIJA**

Il-parroċċa tagħna sabet post iktar importanti f'qalb il-Komunità meta b'offerti tassew ġenerużi għenet biex tinxtralhom kemm magna ġdida li ssajjar l-ostji kif ukoll oħra biex taqta' l-ostji. Hekk kitbitilna fid-29 t'Awwissu 1994: "Kellna *Host Baking Machine* mill-Ġermanja u ilna ninqdew biha iktar minn 30 sena. Issa spiċċat. Xtrajna waħda minn hawn u wara ftit xhur tħassret u ma tissewwiex. Xtrajna oħra minn post ieħor imma ġralna l-istess wara 6 xhur u qed tagħtina ħafna taħbit. Qed naħlu ħafna dqiq għalxejn għax xi ostji jinħarqu u oħrajn ma jsirux. Aħna nservu l-knejjes kollha ta' dawn in-naħat u rridu nagħmlu eluf kull ġimgħa u ħafna iktar għal xi festi".

Laħqet għaddiet sena u bi spiża ta' Lm1943 (madwar €4527) inxtrat magna mill-Ġermanja u ntbagħtet lis-sorijiet. Damet snin tgħidilna kemm inqdew tajjeb ħafna. Kien 10 snin wara fl-2005 meta l-Madre Superjura fuq parir ta' Sr Emmanuela għamlet talba oħra biex jibdlu l-*Host Cutting Machine*. Mill-ġdid ingħataw l-offerti għal magna ġdida u biex tinġarr mill-Ġermanja. Din swiet Lm4140 (madwar €9640) minħabba d-dazju. Kemm kellhom kliem ta' radd il-ħajr u organizzaw ġranet ta' adorazzjoni għall-bżonnijiet tagħna!

Kbir kien il-ferħ meta akkwistaw għodda hekk meħtieġa għall-Komunità f'rabta mal-Ewkaristija anki għall-ġid ta' tant Insara. Mar-radd ta' ħajr mill-qalb tagħhom ilkoll, nistħajlu lil Sr Emmanuela qed taqta' xewqitha daqslikieku kienet wettqet it-testment tagħha meta setgħu jgawdu rigal ieħor f'isem il-parroċċa tagħna.

Storja twila u mżewqa ta' Sr Emmanuela iżda kellha l-bidu tagħha minn dak li stqarret f'waħda mill-ittri tagħha. Kitbet hekk: "Għadni niftakar kemm kont immur għal qalbi biex nitlob fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù u s-sejħa tiegħi tnisslet u ssaħħet l-iktar minn hemm. Din tista' tkun ir-raġuni kif sfajt hawn iktar tard fil-ħajja reliġjuża tiegħi. Kont inħossni ħafna miġbuda lejn l-Adorazzjoni" *(15-10-1998)*.



# *In-Nadur ifakkar il-100 sena mill-mewt* TAL-ARĊIPRIET IL-KAN. ANTON CAMILLERI

Din is-sena l-parroċċa tan-Nadur qed tfakkar l-ewwel ċentinarju mill-mewt tal-Arċipriet il-Kan. Anton Camilleri. Camilleri jibqa' mfakkar għall-ħidma tiegħu fil-parroċċa kemm bħala saċerdot matul il-parrokat tal-Arċiprieti l-Kan. Ġwann Camilleri u l-Kan. Martin Camilleri u aktar u aktar bħala Arċipriet tan-Nadur bejn l-1922 u l-1926 fejn kien ukoll Vigarju Foranju għan-Nadur, il-Qala, Għajnsielem, l-Imġarr u Kemmuna.

Jibqa' mfakkar ukoll għat-talent mużikali tiegħu bħala organista, mużiċista u kompożitur. Minn idejh ħarġu diversi kompożizzjonijiet, fosthom l-antifona tal-festa tal-parroċċa tal-Għarb *Beata me Dicent*, l-antifona tal-festa ta' San Koronatu *Gaudent in Cœlis*, ir-responsorji tal-Milied u l-innijiet *Divi Sovrani* u *Su Su Fratelli*. Kien waqqaf ukoll Schola Cantorum li kienet tkanta n-Nadur u f'diversi nħawi oħra f'Għawdex.

Il-Kan. Anton Camilleri twieled fil-11 t'Awwissu 1872 u miet fit-18 t'Ottubru 1926 – mitt sena ilu. Il-parroċċa tan-Nadur qed tippubblika l-bijografija tiegħu bħala suppliment tar-rivista Luminaria sabiex ħajtu tibqa' mfakkra minna u mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.



*Ritratt meħud minn Martin Attard juri nkwatru bil-pittura tal-Arċipriet Camilleri. Dan tpitter fl-1984 mill-artist Għawdxi Paolo Camilleri Cauchi u jinsab fis-sagristija tat-tramuntana tal-knisja bażilika tan-Nadur. Tħallas minn Mons. Kan. Dun Ġużepp Grech li jiġi l-proneputi tiegħu.*


BERBER TERI
EST. 2023
13th December Street, Nadur
99974684


RABOKK PIZZA
Snack Bar
Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur Għawdex.
Tel: 21558337 Mob: 99802491/ 99478629


FREEWAY PLUS
-GIFT SHOP
-STATIONARY
-PHOTOCOPING
-SCANNING
-PASSPORT PHOTOS
-WOOL / KNITTING SUPPLIES


VELLA GARAGE
SILENCER REPAIRS
TYRE SERVICE
CAR SERVICING
METAL & STAINLESS STEEL WORKS
Hida Street, Nadur, Gozo.
Tel: 2155 5245 • Mobile: 9942 5653

# Restawr u Konservazzjoni
## tas-Saqaf tal-Bażilika tan-Nadur

*Inħallu lil ta' Warajna Dak li Ħallew ta' Qabilna*

DANIEL MEILAK

## PASTA, ĠEBLA U PITTURA



**L-istat li fih kien jinsab**

Il-knisja tan-Nadur inbniet bejn is-snin 1760 u 1804, jiġifieri l-bini għandu madwar 250 sena. Fil-bidu tas-seklu għoxrin kienet saret ħafna dekorazzjoni magħmula mill-pasta li kkumplimentat il-pittura ta' Lazzaro Pisani. Wara li l-Arċipriet il-Kan. Jimmy Xerri kien talab li jsir rapport tal-istat li kien fih is-saqaf fl-2019 kien irriżulta li matul is-snin kien hemm infiltrazzjoni ta' ilma li wasslet għad-deterjorazzjoni mhux biss tal-ġebla imma wkoll tal-pasta u f'xi bnadi anke tal-pittura. L-ispezzjoni saret mill-Perit Edward Scerri li ċċertifika dan kollu kif ukoll Mark Falzon li kien inkarigat biex flimkien mal-perit iħejji pjan ta' x'jista' jsir. F'restawr li sar fl-1980ijiet xi rinforzi li kienu saru bil-ħadid (fildiferru) kienu sa issa saddu u bdew jaqsmu l-ġebla u l-pasta. Dan kien qed iwassal biex jikber il-periklu li xi partijiet mill-pasta jaqtgħu u jaqgħu għal isfel. Ħsarat oħra kienu fl-induratura u fiż-żebgħa.

**L-interventi sa issa**

Ix-xogħol minn Mark Falzon, taħt sorveljanza tal-Perit u tal-esperti fir-restawr, beda fil-5 ta' Jannar 2019 fis-saqaf tal-kappellun tar-Rużarju wara li ġie mpoġġi l-armar. Dak li seta' jiġi salvat mill-pasta ġie kkonservat u mwaħħal mill-ġdid b'pinnijiet apposta filwaqt li partijiet oħra li kienu spiċċaw kellhom jinbidlu, iżda jinżamm dejjem id-disinn preċiż ta' dak li kien hemm. Qabel titwaħħal il-pasta kien hemm bżonn ta' tindif tal-ġebla u t-toqob li fih kellhom jeħlu dawn il-pinnijiet. Dan sabiex it-twaħħil jaqbad sew u jiġi evitat li xi partijiet jinqatgħu minn mas-saqaf fil-futur. Naturalment wara li titwaħħal il-pasta kien hemm bżonn tal-istokk, kif ukoll l-induratura tal-pasta u ż-żebgħa mal-ħajt fejn kien hemm bżonn.

Wara li ntemm ix-xogħol fuq il-kappellun tar-Rużarju, l-armar ittieħed fil-korsija fejn sar l-istess proċess.







F'dan l-istadju qed jitwettaq l-istess xogħol fis-saqaf tal-kor. Hawnhekk kien hawn sfida oħra hekk kif meta ġie spezzjonat is-saqaf instab li l-pittura tal-Għoti tal-Missjoni lil San Pietru u San Pawl, impittra minn Lazzaro Pisani kienet qed tinqala' minn mas-saqaf u qed iżżomm biss bl-imsiemer. Ġie deċiż li jsir intervent fuq din il-pittura biex ma ssirilhiex aktar ħsara u tkun soda. Ix-xogħol fuqha sar mill-Kan. Charles Vella li fl-istess waqt kien qed jirrestawra wkoll it-tużell tant sabiħ tal-festa.

**Il-pjanijiet għall-futur**

Minbarra r-restawr u konservazzjoni minn ġewwa, naturalment riedu jsiru l-interventi wkoll fuq barra, jiġifieri fuq il-bjut, għaliex ma jagħmilx sens li jsir daqstant xogħol fuq ġewwa biex l-infiltrazzjoni tal-ilma terġa' tirrovina kollox. Għal dan il-għan saru xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' emerġenza fuq il-bjut u l-*membrane* sabiex jiġi assigurat li ma jkunx hemm infiltrazzjoni ta' ilma fil-futur immedjat, pero l-parroċċa qed taħseb ukoll biex 'il quddiem isir proġett ambizzjuż li jinqala' l-*membrane* kollu u jsir kollox mill-ġdid ħalli jservi għal ħafna snin wara. Ikun fadal li wara li l-armar jiżżarma mill-kor, imbagħad jintrema fil-Kappellun tal-Kurċifiss li tkun l-aħħar fażi ta' dan il-proġett li ħa ħafna ħafna ħin, xogħol u ħsieb, iżda li finalment se jwassal biex il-wirt li ħallewlna missirijietna nibqgħu ingawduh aħna u ta' warajna fis-sbuħija kollha tiegħu.

# RESTAWR TAL-PITTURA TAS-SAQAF TAL-KNISJA U T-TUŻELL



# ST. JOSEPH PHARMACY

28, St. Joseph Square, Qala, Gozo

## OPEN ALL DAY!

**Monday - Saturday**

**8:00 AM - 7:30 PM**

Doctors and consultants in attendance on a daily basis!

**Call at: 21555348 or 77552042**

stjosephqala@gmail.com





Is-saqaf tal-kor tal-Bażilika kien mgħotti wara l-armar għal dawn l-aħħar xhur. Minbarra x-xogħol ta' restawr fuq il-pasta, ġie evalwat ukoll l-istat ta' konservazzjoni tal-pittura tal-Għoti tal-Missjoni lil San Pietru u San Pawl. Din il-pittura tpittret minn Lazzaro Pisani lejn is-sena 1918 u hija fost l-aħjar kwadri li għandu fin-Nadur. Meta ġiet eżaminata mill-qrib irriżulta li kienet fi stat prekarju ħafna. Minħabba infiltrazzjoni ta' ilma fil-passat, il-pittura kienet inqatgħet minn mas-saqaf tal-knisja u kienet qed iżżomm prinċipalment fuq l-imsiemer tal-gwarniċ tagħha. Minbarra dan, l-ilma għamel ħsara wkoll liż-żebgħa taż-żejt li bdiet tinqasam u titfarfar.

Għalhekk kien meħtieġ intervent malajr. Għal dan il-għan daħal ir-restawratur Naduri l-Kan. Charles Vella. L-intervent li sar kien wieħed ta' konsolidament tat-tila mas-saqaf sabiex din terġa' titwaħħal f'postha, kif ukoll konsolidament taż-żebgħa fuq it-tila sabiex terġa' tissaħħaħ u ma tibqax tfarfar. Sar ukoll tindif fuq il-pittura kif ukoll restawr u konservazzjoni kif meħtieġ. Din ma kinitx biċċa xogħol faċli għaliex peress li l-pittura qiegħda tħares 'l isfel, ix-xogħol fuqha kellu jsir f'biċċiet sabiex l-unità tal-pittura tibqa' ssalvagwardjata.

Il-Kan. Charles Vella ħadem ukoll fuq ir-restawr tat-tużell tal-festa. Dan it-tużell imur lura għas-sena 1895 u nħadem minn Calcedonio Bugeja u l-bottega tiegħu. Kien ilu jinħass il-bżonn li din l-opra tiġi restawrata wara dawn is-snin kollha u wara l-inċident li kien seħħ is-sena l-oħra kif għaddiet il-festa, ittieħdet l-opportunità sabiex din il-biċċa xogħol issir. Għalhekk sar konsolidament tal-qafas tat-tużell u intervent sabiex l-induratura oriġinali tiġi mnaddfa u xi qsim li kien hemm jiġi restawrat. Id-drapp tal-bellus bir-rakkmu ta' Lyons (Franza) ġie wkoll msewwi mis-sorijiet Franġiskani. B'hekk issa qed jiġi assigurat li din l-opra issa reġgħet ingħatat id-dehra li kellha fl-oriġinal u tista' tkompli titgawda minna u mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Il-parroċċa tan-Nadur qed torganizza taħdita pubblika dwar il-valur artistiku tas-saqaf tal-kor tal-Bażilika fid-dawl ta' dan ir-restawr li sar. Din se tkun indirizzata mill-Kan. Charles Vella u se ssir nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju 2026 fil-11.00am fis-Sala tal-Pitturi fiċ-Ċentru Parrokkjali.

# Mill-Arkivju Parrokkjali

DANIEL MEILAK

Għal din il-paġna din is-sena se nġibu esperjenza miktuba minn Natalie Camilleri li tgħix l-Ingilterra. Wara 60 sena rnexxielha tiltaqa' ma' missierha għall-ewwel darba wara li ċ-ċirkustanzi tal-ħajja firduhom minn xulxin saħansitra qabel twieldet. F'din it-triq, l-Arkivju tal-Parroċċa kien strumentali. Se nħalli lil Natalie tirrakkonta l-esperjenza tagħha:

*My journey began with a DNA test and a lifelong search for my father. My name is Natalie Camilleri. I was born and raised in Manchester, UK, in 1966. I was placed into care as a child, and from that moment on, my life became a series of new faces, new places, and unanswered questions. But one question stayed with me longer than any other: where was he?*

*There was no dramatic story about my father—no clear explanation, no photographs tucked away in drawers, no birthday cards signed in unfamiliar handwriting. Just a space where he should have been, and questions that noone around me could fully answer.*

*It would take nearly sixty years before I finally found the answer.*

*By then, I had lived an entire life without him - built my own path, and learned, in many ways, to stop expecting answers that never came. I had almost made peace with the idea that I never would.*

*And then, unexpectedly, everything changed. My journey to discovering my heritage began with a simple DNA test, taken out of curiosity but driven by a deeper longing I had carried for many years - the search for my father.*

*For much of my life, that part of my story had been unknown. I had questions about where I came from and who I belonged to, but very few answers. The DNA test opened a door I hadn't expected, connecting me with distant cousins I had never known existed.*

*Those connections led me, quite remarkably, to a small place called Nadur, in Gozo, Malta. It was a name that had never featured in my life before, and yet suddenly it seemed to hold the key to everything I had been searching for.*

*When I reached out to my newfound relatives, I was met with kindness and a willingness to help. They told me something that stayed with me: that if I was searching for my father, I would find him in Nadur. From that moment, the village became more than just a location—it became a place of hope, of answers, and of belonging.*

*A few weeks later, I opened my DNA results and saw something I had not prepared for: a close genetic match. A name I didn't recognise, paired with a label that changed everything - "first cousin."*

*I remember staring at the screen, rereading it over and over, trying to make sense of it. This wasn't a distant or vague connection. This was immediate. Personal. Life-altering.*

*Reaching out felt like stepping into the unknown. What do you say to someone connected so closely to you, after a lifetime of silence? I typed and deleted messages for hours before finally sending a few simple lines: who I was, what I had discovered, and why I was writing.*

*Then I waited. The reply came sooner than I expected—careful at first, then gradually more open. There was surprise on both sides, and, inevitably, questions. Slowly, pieces of a story began to emerge - missed connections, misunderstandings, and circumstances that had kept our lives separate for so long.*

*And through those conversations, the path led me to him. Meeting in person was something else entirely. There is no script for a moment like that. No guide for how to greet someone who is both a stranger and your parent. We were cautious at first, but there was also something unmistakable—a familiarity in gestures, in expressions, in the way we laughed at the same things without even trying. When I finally found him, there were no complicated words - just a moment I will never forget. He stood there with his arms open, and in that instant, everything I had been searching for seemed to fall into place. I stepped forward, and he held me as though I had always belonged there.*

*It was not just an embrace—it was acceptance, love, and the closing of a space that had been empty for so long. It wasn't an instant resolution to everything. Years apart do not disappear overnight. But it was a beginning. Not every story like mine ends this way. Some searches lead to dead ends, or to answers that are difficult to accept. But for me, taking that small step - spitting into a tube and sending it off - opened a door I never thought I would walk through.*
*I didn't just find information. I found my father. What began as a search for one person became something much larger: a search for identity, for roots, and for connection. Nadur is no longer just a distant village on an island—it is part of my story, part of who I am. There is something deeply moving about discovering that your life is connected to a place you have never seen, and yet somehow feel drawn to. Through this journey, I have come to understand that heritage is not only about the past - it is about finding your place in the world, even when the path there is unexpected.*

*I am still on that journey, still learning, still discovering. But what began with uncertainty has become something filled with meaning, connection, and a sense of coming home - no matter how far away that home may be. My journey has shown me that our roots have a way of calling us, even from afar. What began with uncertainty has led me to connection, understanding, and, finally, a sense of belonging.*

*Natalie Camilleri*

Nirringrazzjaw lil dawn il-persuni li għaddewlna materjal relatat mal-istorja tal-parroċċa:

- Marcel Xuereb li għaddielna aktar dokumenti miktubin mill-Kan. Anton Borg dwar il-parroċċa tan-Nadur
- Mons. Ġużepp Grech li permezz ta' Beverly Said għaddielna kollezzjoni ta' prietki, eżerċizzi u laqgħat li huwa wettaq matul il-ministeru tiegħu bħala saċerdot.
- Il-Kan. Trevor Sultana għan-nom tal-parroċċa tal-Għarb ta 3 ritratti antiki li għandhom x'jaqsmu mal-parroċċa tan-Nadur. Dawn kienu mogħtija mill-familja tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi.
- Peter Paul Buttigieg u Charlie Grech li qed jassistu billi jittajpjaw l-indiċi tar-reġistri tal-Magħmudija, Żwieġ u Mewt u li issa wasalna fil-fażi finali ta' dan il-proċess.
- Jacob Portelli li qed jaħdem fuq il-mużika tal-Arċipriet Anton Camilleri sabiex ikun jista' jiġi arkivjat aħjar u biex ikollna aktar għarfien ta' x'fih dan il-wirt mużikali.

Fl-Arkivju ġbarna wkoll dokumenti u albums ta' ritratti marbutin mal-Abbatini tan-Nadur li kienu merfugħin fil-kamra tal-abbatini. Dawn imorru lura sas-snin 70 tas-seklu li għadda.

Inħeġġu aktar nies li għandhom materjal: dokumenti, ritratti u affarijiet oħra relatati mal-istorja tal-parroċċa biex jikkunsidraw li f'ħajjithom, jew wara l-mewt tal-għeżież tagħhom, jgħadduhom lill-Arkivju tal-Parroċċa biex nassiguraw li dan il-wirt nippreservawh u ngħadduh lil ta' warajna.



Din is-sena qed infakkru l-75 anniversarju minn meta l-Kan. Mikiel Portelli beda l-ħidma tiegħu bħala t-13-il kappillan u l-5 arċipriet tan-Nadur. Huwa ngħata l-pussess fit-8 t'April 1951 wara l-mewt ħesrem tal-Arċipriet il-Kan. Ġużepp Cassar li ġrat fl-1950. Dam fit-tmun tal-parroċċa għal ftit aktar minn 31 sena sa meta rriżenja fis-27 ta' Novembru 1982 meta mbagħad inħatar is-suċċessur tiegħu Mons. Salv Muscat. Dan ir-ritratt juri lill-Arċipriet Portelli fil-bidu tal-ministeru tiegħu.



Ritratt: Kieran Borg

# IR-RAMLA

**DR CORONATO GRECH** MD

Ir-Ramla hija probabbli l-isbaħ bajja f'dawn il-gżejjer. Tispikka anke minn tieqa ta' ajruplan meta mill-għoli tkun qed tara lil Għawdex kollu. Hija teżor nazzjonali u għandha storja interessanti ħafna.

***Ir-Ramel***: Dan forsi l-iktar li jispikka r-Ramla, li wara kollox hija msemmija għalih. Il-parti ramlija tal-bajja fiha tul max-xtajta ta' madwar 400 metru, waqt li 'l ġewwa r-ramel jestendi għal madwar 100 metru fejn jinġabar, l-iktar għan-naħa tan-Nadur, f'duni, rampi u bruġ. Dan ir-ramel, inkluż dak li jibqa' sejjer 'il barra taħt l-ilma, fih flora u fawna interessanti ħafna.

Ir-ramel huwa magħmul minn partiċelli żgħar li jiġu minn erożjoni[1] ta' blat, ġebel, u art mill-madwar, inkluż qiegħ il-baħar. Dan jista' jkun fih minerali li jagħtu kulur lill-partiċelli tar-ramel. Hekk insibu kristalli tar-ramel li fihom *hametite* (ħamrani) partikularment komuni r-Ramla, *limonite* (safrani, komuni wkoll)[2], kif ukoll *megnetite* (sewdieni) u *olivine* (ħadrani), fost ħafna oħrajn. Fih ukoll ħafna partiċelli organiċi, jiġifieri affarijiet li kienu xi darba ħajjin, bħal qxur ta' annimali mikroskopiċi msejħa globiġerina (l-iktar), jew qxur ta' annimali ikbar bħal krustaċi, bebbux, eċċ. Dawn il-partiċelli tar-ramel huma fil-biċċa l-kbira tal-istess daqs, bla kantunieri u lixxi, għax għamlu żmien twil jinbarmu u jitħakku mill-mewġ tal-baħar. Inċidentalment ir-ramel fih ukoll anke traċċi żgħar ħafna ħafna ta' deheb, xi ħaġa forsi ta' min jiftakarha meta jkun ifarfar saqajh minn dak ir-ramel skomdu!

***Il-Flora:*** Il-flora tar-Ramla, bħal dik ta' xtajtiet oħra, hija addattata għall-ambjent miftuħ għal irjieħ, raxx tal-baħar, nixfa u art ramlija ma tantx fertili. Madankollu fir-Ramla nsibu mijiet ta' ħxejjex, pjanti u siġar xi wħud anke endemiċi, jiġifieri jinsabu hawnhekk biss.

Fost l-iktar prominenti u kbar insibu: is-*Siġar tal-Bruk* li xi wħud iservu anke għal daqsxejn dell mit-tisriġ tax-xemx sajfija; il-*Qasab*, li jinsab fi kwantitajiet kbar mal-ġnub tal-bajja, l-iktar fuq in-naħa tan-Nadur u jkompli lura mal-wied sa ma jibda r-raba' maħdum. Dan il-qasab huwa tenaċi ħafna, bħal jinfesta l-art u diffiċli teħles minnu; u bajtar tax-xewk 'il fuq sew mix-xtajta.

Fost il-pjanti żgħar imma prominenti nsibu l-*Pankrazju*, perenni bil-basla, b'weraq jagħti fl-ikħal li jikbru f'għamla spirali. Fis-sajf joħroġ ward abjad li jidhru prominenti fuq id-duni tar-ramel. *Xewk tar-Ramel*, perenni, bil-weraq ibsin bajdanija u bix-xewk fil-ponta u twarrad ukoll fl-abjad; *Kromb tal-Baħar*, annwali, iħaddar b'weraq imlaħħam u jwarrad bi fjuri żgħar vjola mix-xitwa sas-sajf; *Tengħuta tar-Ramel,* pjuttost rari, perenni, għolja madwar nofs metru, weraq ħadrani mgeddes u twarrad fis-sajf b'ward żgħir safrani. Spiss tagħmel allerġiji mal-ġilda[3]; *Bużbież Xewwieki tar-Ramel*, perenni, weraq iebes, żgħir, fl-aħdar bil-ponot iniggżu; u *Bjanka* jew *Selq Xewwieki*, arbuxell folt, annwali, b'weraq żgħir bajdani, twarrad fir-rebbiegħa bi fjuri żgħar f'għenieqed folti. Iż-żerriegħa hija kannella meta tinxef u tissejjaħ 'kwattru' għax fiha erba' jew ħames ponot, tuġgħa ħafna jekk tirfisha. U tant pjanti u ħxejjex oħra li ma jagħtux daqshekk fil-għajn u allura forsi mhux daqshekk familjari.

**Il-Fawna:** Fost dawn insibu:
*Annimali uniċellulari*: bħal globiġerina u dijatomi, mikroskopiċi, spiss b'ħafna disinji sbieħ u li għalihom il-

1 Erożjoni hija l-proċess ta' tifrik mikroskopiku tal-blat minn xita, irjieħ, u tibdil fit-temperatura, proċess li jieħu ħafna u ħafna żmien, li jfisser li r-ramel li nieħdu, ma jiġix ramel floku malajr, u għalhekk huwa protett.

2 Il-*hametite* u *limonite* bejniethom jagħmlu dak il-kulur oranġjo sabiħ tar-ramel tar-Ramla, avolja r-Ramla jsibuha wkoll ir-Ramla l-Ħamra (u mhux ir-Ramla Oranġjo).

3 Forsi minn hemm ġej l-għidut "Ħażin daqs tengħuta!".

partiċelli tar-ramel huma blat enormi. Għalihom anke l-ftit ilma fir-ramel imxarrab huwa biżżejjed.

*Dud u ħniex*: jgħixu fir-ramel, spiss żgħar ħafna, għalkemm hemm ħniex kbar, ta' ftit ċentimetri li ġieli (msieken), jintużaw bħala lixka fuq sunnara.

*Krustaċi*: Fost dawn insibu: *Bergħud tar-ramel*, żgħir, madwar ċentimetru, bajdani, jgħix f'ramel imxarrab, u f'denbu għandu qisha bħal molla li biha jaqbeż distanzi relattivament kbar.

*Gamblu tar-ramel*: żgħir kważi trasparenti, il-biċċa l-kbira fl-ilma imma ġieli tarah fuq xtajta sakemm malajr jinħeba fir-ramel imxarrab. U *Granċ tar-Ramel* li spiss jitla' fuq xtajta fejn jagħmel ħofra li fiha malajr jista' jirtira.

*Insetti:* Hemm ħafna speċi ta' insetti differenti, xi wħud rari ħafna, u jinsabu r-Ramla biss bħal *Mesophorus Schembrii*, jew il-grillu *Brachytrupes megacephalus*, li jgħix fir-ramel. Imbagħad hemm seba' speċi ta' ħanfus (waħda endemika); nemel; wrieżaq, u dubbien, inkluż ix-xidja[4], dubbiena kbira ħadranija li għandha ħabta toqgħod fuq l-għawwiema bla ma tinħass, almenu sakemm tniggiżhom.

*Molluski:* Fost l-iktar komuni hemm l-għekierex jew bebbux. Fir-Ramla l-iktar komuni huwa dak il-bebbux abjad, pjuttost żgħir. Fis-sajf jitla' ma' xi zokk tal-qasab, (anke ta' qanniċ) jew zkuk tawwalija bħal tal-bużbież (pjanta oħra li ma ssemmietx), fejn hemmhekk jingħalaq, jissiġilla l-qoxra, u jeħel 'il fuq sewwa mill-art biex jevita s-sħana. Jingħad li tajjeb għall-ikel.

*Rettili*: Dawn iżommu fin-niexef qalb il-flora tad-duni tar-ramel u għalhekk ma ssibhomx fix-xtajta. Fost dawn hemm *gremxul,* xi *kamaleonte* u, forsi l-iktar li jbeżża', *is-serp*. Fir-Ramla, is-serp li tista' tiltaqa' miegħu huwa s-serp l-iswed, aktarx għal għarrieda meta dan ikun jixxemmex, imma malajr jitlaq jitkaxkar b'ħeffa kbira. Dan hu l-ikbar serp (sa metru u nofs), u l-iktar komuni fost l-erba' speċi li għandna.

U dan l-aħħar inqala' l-fenomenu inkoraġġanti tal-fkieren. Fl-2023 fir-Ramla nstabet bejta tal-*fekruna komuni* (*Loggerhead Turtle*), fekruna tal-baħar li biex tbid trid titla' fir-ramel, u li qed issir rari. Grazzi għall-voluntiera tan-*Nature Trust Malta*, dawn il-fkieren, u sal-lum instabu iktar bejtiet, qed jiġu protetti sakemm ifaqqsu u jaslu sal-baħar, l-ambjent naturali tagħhom. Fl-2025 instabu sitt bejtiet, u f'dik tal-aħħar waħda, f'Settembru, faqqsu 62 fekruna li waslu sal-baħar.

*Mammiferi*: Fost il-mammiferi nsibu l-*farfett il-lejl*, xi *qanfud*, ġrieden (li jxommu sew xi ikel li jkun mormi) u dawk il-mammiferi kbar, numerużi u intelliġenti u enigmatiċi, li tant kapaċi japprezzaw in-natura, imma wkoll li tant kapaċi jkunu qerrieda – il-*bnedmin*.

**Miti u leġġendi:** Fost il-miti, l-iktar waħda famuża hija dik ta' *Kalipso*, ninfa sabiħa li kienet tgħix f'għar iħares fuq bajja sabiħa. Jingħad li dan l-għar hu dak li jinsab ir-Ramla 'l fuq, in-naħa tax-Xagħra[5]. L-istorja tibda, skont l-Odissea, il-ballata epika ta' Omeru (madwar 8 seklu QK), mill-gwerra ta' Trojja li ntrebħet mill-Griegi bin-nasba famuża taż-żiemel tal-injam. Wieħed mill-gwerriera li ried imur lura d-dar lejn martu kien l-eroj Ulisse, li imma fid-dinja mimlija maġija u seħer ta' dak iż-żmien, dam għaxar snin ma wasal. Sadattant, waħda mill-avventuri kienet fi gżira msejħa Oġiġja[6] fejn kien hemm tgħix in-ninfa Kalipso, u fejn Ulisse sab kenn meta l-bastiment u n-nies tiegħu għerqu. In-ninfa riedet iżżommu magħha u żammitu sa seba' snin, sakemm, bil-għajnuna ta' xi allat skappa fuq dgħajsa u finalment, wara iktar avventuri, wasal id-dar.

Imbagħad hemm il-*leġġenda ta' Dragut*. Skont din il-leġġenda, darba dan il-kursar Tork kien bil-bastiment fil-bajja tar-Ramla, qrib Għajn Barrani, daqsxejn ta' daħla n-naħa tax-Xagħra. Hemmhekk huwa lemaħ xi dwieli bl-għeneb u bagħat skjav biex iġiblu xi għenieqed. Imma waqt li dan kien jaqta' l-għeneb, ħasdu bidwi Għawdxi, u l-iskjav ħarab bil-għeneb. Imma meta wasal quddiem Dragut, dan induna li mal-għeneb, l-iskjav ġab xi frieghi tad-dielja, xi ħaġa kundannabbli ħafna fil-Koran. Kollu rabja Dragut qabad l-iskjav u ħarqu qrib blata kbira li għadha hemm f'Għajn Barrani. Tal-inqas hekk tgħid il-leġġenda.

**Kappelli:** Fl-inħawi tar-Ramla, fir-raba' ta' Għajn Qasab kien hemm kappella ddedikata lil Sant'Antnin Abbati, li imma ġiet ipprofanata fl-1657 mill-Isqof Domenico Kubelles. Kappella oħra kienet dik ta' San Pankrazju, li kienet ġuspatronat tal-kjeriku Gaetano de Vico.

**Fortifikazzjonijiet:** Ir-Ramla hija bajja miftuħa u għalkemm diffiċli jidħlu bastimenti kbar fil-baħar baxx, però jistgħu jinżlu armati fuq ċattri kbar. Anke t-torrijiet mibnija għall-protezzjoni madwar il-kosta kienu daqsxejn imbegħdin mir-Ramla. Dak ta' Sopu (illum f'kundizzjoni tajba ħafna), kien in-naħa ta' Daħlet Qorrot, u l-ieħor kien dak ta' Marsalforn (li fl-1915 l-Ingliżi waqqgħuh biex jagħmlu stazzjon ta' komunikazzjoni).

Għalhekk il-Kavallieri, madwar is-sena 1715, ħasbu biex jagħmlu fortifikazzjonijiet li kienu jinkludu ħajt fil-baħar matul il-bajja, torri żgħir f'nofs il-bajja, żewġ batteriji fuq kull naħa, u fugass in-naħa tan-Nadur u (probabbli) torri fejn illum hemm dar tal-Marwell f'tarf il-għolja.[7] Li baqa' huma fdalijiet ta' ħajt ta' taħt il-baħar u ta' batterija, u fugass.

4 Għidut kurjuż huwa "Qisek xidja f'sorm ta' patri" għal xi ħadd fitt ħafna, għalkemm, għax patri u għaliex dik il-parti tal-anatomija diffiċli tgħid.

5 Fuq in-naħa l-oħra tar-Ramla fis-sies fuq, hemm għar ieħor kbir, l-Għar tal-Mixta, minn fejn hemm waħda mill-isbaħ veduti tar-Ramla.

6 Identifikata minn xi wħud ma' Għawdex.

7 L-għelieqi ta' madwar jissejħu "Tat-Torri" u anke t-telgħa li tieħu mill-bajja sa din id-dar tissejjaħ "It-Telgħa tat-Torri".

Il-ħajt ta' taħt il-baħar huwa ringiela ta' blat kbir matul il-bajja minn naħa sa oħra, għalkemm illum naqas minnu, l-iktar fil-ġnub u jinsab f'fond ta' madwar żewġ metri. Dari kien iktar fil-fond. Il-ħajt jidher l-aħjar minn fuq, bħal mill-għerien tal-Mixta jew ta' Kalipso.

Il-fugass kien arma stramba f'forma ta' toqba tonda u fonda li kienet timtela bil-ġebel, waqt li taħt nett kien ikun hemm qabda porvli marsusa li tiġi mqabbda minn niċċa twila. Speċi ta' kanun, imma aktarx kien ta' periklu għal min jisparah daqskemm għall-għadu. Dan il-fugass għadu jidher sew fi blata kbira n-naħa tan-Nadur.

Mill-batterija baqa' jidher biss fdalijiet ta' ħajt mibni fuq daqsxejn ta' tumbata taflija. Din il-batterija kienet inbniet fi żmien il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena (Gran Mastru 1722-36), fuq disinn tal-Perit Francois de Mondion.

Intant, il-fortifikazzjonijiet tar-Ramla kienu effettivi għax il-Franċiżi, fl-1879, kellhom jiżbarkaw, b'ħafna skomdu, fl-irdum tal-Ħawt bejn ir-Ramla u San Blas.

**L-Istatwa tal-Madonna:** Din l-istatwa tal-Madonna saret fl-1881, fil-post fejn kien hemm torri żgħir, u fil-fatt xi ġebel minnu għadhom jidhru ma' ġenb il-pedestal. L-idea ta' statwa tal-Madonna kienet ta' Ġanni Gauci mix-Xagħra li kien wieħed mill-aħħar Polizia Marinara stazzjonat ir-Ramla. Il-Madonna hija dik tal-Isperanza. Maż-żmien l-istatwa oriġinali, esposta kif inhi għall-elementi, ittieklet sew speċjalment il-Bambin, u jdejha. Għalhekk fl-1966 tpoġġiet waħda tas-siment, maħduma mill-iskultur Wistin Camilleri, fuq disinn ta' Dun Mikelanġ Apap mix-Xagħra, u li ġiet tiswa 40 lira. Dan Dun Mikelanġ, li kien ukoll għalliem tal-arti fl-iskola sekondarja r-Rabat, ħa ħsieb jiżbogħha kemm-il darba, u anke kiteb poeżija sabiħa lil din l-istatwa. Fuq il-pedestal ta' din l-istatwa hemm lapida li tgħid:

*Mons Pace, Isqof ta'* Għawdex *jagħti 100 jum indulġenza lil kull min jgħid Salve Regina quddiem din ix-xbieha tal-Madonna tar-Ramla.*

*15 ta' Awwissu 1954 Sena Marjana.*

Il-pedestal kellu wkoll fanal fuq quddiem fil-faċċata, u sas-snin sebgħin dan kien jiġi mixgħul kull filgħaxija minn wieħed jgħix fil-qrib, iġorr sellum.

**Il-Villa Rumana:** Fl-1910 tfaċċa xi ġebel kbir maħdum fil-bajja tar-Ramla n-naħa tal-Lvant tal-Batterija li kienu għamlu l-kavallieri u li għadhom jidhru fdalijiet tagħha fuq daqsxejn ta' ħotba. Fis-sentejn ta' wara sar tħaffir, taħt id-direzzjoni ta', fost l-oħrajn, Temi Zammit (1864-1935), fuq dik li tfaċċat bħala Villa Rumana. Għalkemm mhix kompluta, imma tidher li kienet kbira sew, bi dsatax-il kamra eskavati. U bħala villa tipikament Rumana, l-enfasi kbira kienet fuq l-iġjene - ilma, misħun, banjijiet u drenaġġ. Xi ċangatura tal-art kienet ikkulurita, kien hemm anke mużajk u ħafna biċċiet tal-fuħħar u ċaqquf. Instabet anke statwa ta' satiru (raġel-mogħża) li imma ntilfet[8]. Xi fdalijiet minn din il-villa jinsabu fil-Mużew Nazzjonali tal-Belt.

Meta nstabet saru studji u pjanti dettaljati ta' din il-villa. Però inkredibilment, wara dak it-tħaffir u studju ta' sejba arkeologika bħal dik, din il-Villa Rumana ġiet mirduma. Għaliex? Tgħid għad terġa' tara d-dawl tax-xemx? F'xi maltempati qawwija ta' dan l-aħħar, bħal fl-2010, 2012 u 2026, xi ġebel kbir rettangulari minn din il-villa nkixef fir-ramel u għadu jidher sal-lum. Jidher li xħin ir-ramel jerġa' lura, il-baħar iktar qed joqrob lejha.

**Sienja:** Sal-bidu tas-sittinijiet, fir-Ramla fejn illum hemm l-għassa tal-pulizija, kien għad hemm il-fdalijiet ta' sienja pjuttost kbira li fi żmienha tidher li kienet pittoreska ħafna.

**Films:** Meta tqis kemm hi sabiħa r-Ramla, ftit inġibdu biċċiet tal-films fiha. Anzi tnejn minnhom huma wieħed iktar medjokri mill-ieħor. Fl-1969 inġibdu xi xeni tal-film ta' Anthony Newley b'titlu twil u bombastiku li mhux ta' min tiftakru. Kien film stramb, surrealistiku u pjuttost erotiku għal dak iż-żmien, għalkemm ma kienx film pornografiku kif ħarġu xi xnigħat. L-ieħor kien iġib l-isem ta' *Pulp,* bl-attur prinċipali Michael Caine, u li nħadem kollu Malta. L-awtur kien wieħed min-nies kurjużi li marru jaraw xi xeni miġbuda r-Ramla fl-1971.

**Letteratura:** Is-sbuħija tar-Ramla, mid-dehra ma tantx laqtet il-muża ta' poeti lokali. Fost il-ftit, insibu poeżija, li diġà ssemmiet, dik ta' Dun M'Anġ Apap, iddedikata lill-Madonna tal-Isperanza tar-Ramla, u li kitibha fl-1966, sena wara r-restawr. F'din il-poeżija ħelwa, il-poeta jimmaġina, fost l-oħrajn, lill-Madonna tipproteġi mill-attakki tal-għadu, mill-attakki tat-tempesti, u simbolikament tgħin bl-ankra li għandha f'idejha. U dan dejjem fil-qilla tax-xitwa jew fis-sħana qalila tas-sajf. Jiddeskrivi wkoll kif il-Madonna rat tant ġenerazzjonijiet ta' siġar, pjanti, annimali, u bnedmin, u jispiċċa jsellmilha bis-Salve Reġina.

Imbagħad hemm il-poetessa Mary Meilak (1905-75) li fil-poeżija *Ramel*, tiggosta r-ramel iqarmeċ taħt saqajha, kemm hu addattat għall-kastelli, u timmaġinah jidħak b'tiġieġa li taħsbu nuħħala!

U Joe Friggieri (1946- ) fil-poeżija *Għajn Barrani* jiddeskrivi dan il-post bħala ideali biex timtedd għall-kwiet fuq il-blat lixx, tisma' l-mewġ iċafċaf, tara l-ħut, u x-xeni fis-sema ta' sħab ikkulurit.

**Konklużjoni:** Intant, din kienet ħarsa fuq fuq lejn xi aspetti tal-bajja tar-Ramla, waħda mill-isbaħ bajjiet, bajja li s'issa għadha relattivament fi stat naturali. Ikun tajjeb ħafna li kieku tibqa' hekk.

8 Jew spiċċat f'xi dar privata.

# IL-KAPTAN GIUSEPPE PISANI (TAĊ-ĊIMĊEM)

## IL-ĦMISTAX-IL PARTI

**BAĦRIN NADURIN LI AVVANZAW FL-ISTUDJI TAGĦHOM FIL-QASAM MARITTIMU**

KENNETH GRIMA

Il-laqam ***Taċ-Ċimċem*** huwa laqam antik u sinonimu ħafna man-Nadur. Saħansitra nsibu triq fir-raħal tagħna msemmiha għalih, *Triq Ċimċem*, u bir-raġun! Dan huwa laqam ta' familja numeruża li sa mill-bidu tas-seklu dsatax ħafna mill-membri tagħha kienu relatati kemm mal-industrija marittima Maltija u anki ma' dik tal-Imperu Brittaniku.

Persunaġġ prominenti tal-familja ***Taċ-Ċimċem*** insibu lill-Kaptan Giuseppe Pisani. Huwa twieled hawn fin-Nadur fit-23 ta' Marzu 1841, 185 sena ilu, iben il-Padrun Giovanni Pisani u Margherita nèe Camilleri. Għalkemm forsi f'xi reġistri lokali l-kunjom huwa mniżżel bħala *'Pisano'*, f'dokumenti marittimi dejjem instab bħala *'Pisani'*. Għal din ir-raġuni hija l-verżjoni *'Pisani'* li qed tintuża f'dan l-artiklu.

Il-Kaptan Ġużepp kien it-tielet fost erba' aħwa – Pupul, Pawlu (imniżżel Salvu fir-Reġistri tat-twelid), Ġużepp u Karmena (imniżżla Maria fir-Reġistri). Interessanti ħafna kif għalkemm ħadd mit-tfal tal-Kaptan Pisani ma baqa' joqgħod fir-raħal tagħna, il-laqam ***Taċ-Ċimċem*** baqa' jintiret mill-fergħa t'oħtu Karmena. Sinjal li missierhom kien magħruf ukoll b'dan il-laqam! B'hekk nistgħu ngħidu li dan il-laqam li ħareġ mill-familja Pisani żgur li għandu madwar mitejn sena, u forsi aktar!

Filwaqt li l-fok ta' dan l-artiklu huwa fuq il-Kaptan Ġużepp Pisani u l-karriera marittima tiegħu, ta' min isemmi li missieru u tnejn minn zijietu, jiġifieri Giovanni, Bartolomeo u Francesco, kellhom il-liċenzja ta' Kaptan tat-Tielet Klassi, il-liċenzja ta' *Padrone*.[1] Biha setgħu jbaħħru bħala Padrun ta' bċejjeċ żgħar tal-baħar, bħal xprunari, bejn Malta u Għawdex, Sqallija, Sardinja, il-kosta ta' Tripli fil-Libja, Tuneż fit-Tuneżija u l-port ta' Bona (illum imsejjaħ Annaba) fl-Alġerija.[2] Ġanni, missier Ġużepp, apparti li kien isiefer fuq il-baħar bħala Padrun kien anki sid ta' ishma f'żewġ xprunari tul il-karriera tiegħu. Dawn kienu s-***Sant'Anna e Santa Maria*** varata hawn Malta fl-1835[3] u oħra bl-isem ta' ***Superba*** mibnija wkoll Malta fl-1841.[4] Iżda x-xorti ma daħqitx lill-familja Pisani.



*Il-Kaptan Giuseppe Pisani, Taċ-Ċimċem*
*Ħajr lin-Nutar Paul Pisani*

Diżgrazzja taħkem lill-familja ***Taċ-Ċimċem*** u l-ixprunara ***Sant'Anna e Santa Maria*** meta din għerqet qrib Għawdex! Din l-ixprunara hija datata b'mod żbaljat li għerqet fl-4 ta' Frar 1840.[5] Nafu li dan mhuwiex minnu peress li reġistri tad-Dwana fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta juru li din kienet għadha ssiefer sa sena wara din id-data.[6] Fil-fatt is-***Sant'Anna e Santa Maria*** verament rat l-għarqa fl-4 ta' Frar 1841. Hija kienet għadha kif siefret mill-Port il-Kbir dakinhar stess lejn Girgenti (Porto Empedocle) fi Sqallija taħt il-kmand tal-Padrun Ġanni Pisani u disa' baħrin minn tiegħu.[7] Ir-riħ kien qed jonfoħ Forza 5 mil-Lbiċ.[8] Jista' jkun li kien dan it-temp il-kawża tat-telfa tas-***Sant'Anna e Santa Maria***? Jew kienet xi problema oħra li nqalgħet mal-vjaġġ? Sfortunatament l-istorja ta' din l-għarqa mhijiex irrappurtata fuq l-ebda gazzetta lokali ta' dak iż-żmien[9] u għalhekk ir-raġuni tat-telfa ta' din l-ixprunara se tibqa' mhix magħrufa. Li nafu żgur hu li l-Padrun Ġanni, missier Ġużepp, baqa' ħaj.

L-ewwel li Ġużepp Pisani deher f'lista ta' ekwipaġġ kien fis-sena 1856,[10] tfajjel ta' 15-il sena. Ta' din l-età huwa siefer bħala baħri mas-***Superba*** lejn Sciacca fi Sqallija taħt għajnejn missieru Ġanni li kien il-Padrun. Dan il-vjaġġ intemm hawn Malta fl-14 t'Awwissu 1856 meta l-ixprunara daħlet il-port fis-sagħtejn ta' waranofsinhar b'tagħbija ta' madwar 11,800 litru[11] żejt taż-żebbuġa.[12]

Jidher fiċ-ċar illi Ġużepp, ta' żagħżugħ imwieled f'ambjent marittimu b'saħħtu, tant qabad dan il-mistier

li fi żmien tliet snin irnexxielu jitrawwem, jistudja u anki jgħaddi mill-eżamijiet tal-liċenzja ta' *Padrone*. Dawn l-eżamijiet kienu jsiru taħt il-Bord tan-Navigazzjoni fl-Università ta' Malta. Infatti, minn ħutu kien hu biss li laħaq dan il-grad. Hekk, fil-5 ta' Settembru 1859, meta Pisani kellu biss 18-il sena, inħarġitlu l-liċenzja bin-numru 12.[13] L-għada stess, is-6 ta' Settembru, Ġużepp refa' responsabbiltà ġdida billi ħa l-kmand tal-ixprunara ta' missieru ***Superba***,[14] xprunara b'żewġ arbli, kobor ta' 14-il tunellata u tul ta' ftit iktar minn 45 pied (13.8 metri).[15]

Għal snin sħaħ, Pisani baqa' l-Padrun tas-***Superba*** fuq diversi vjaġġi ġeneralment lejn portijiet Sqallin. Infatti, fit-8 ta' Jannar 1862 din waslet il-Port il-Kbir minn Girgenti b'tagħbija żejt taż-żebbuġa u nbid.[16] Ta' 20 sena, il-Padrun Ġużepp kellu taħtu ċorma ta' seba' baħrin. Interessanti wkoll li miegħu kien ikun hemm missieru, Ġanni. Avolja dan kien is-sid u anki kellu l-liċenzja ta' Padrun, Ġanni ċeda postu lil ibnu sabiex ikompli jġib esperjenza siewja u servizz fuq il-baħar. Pawlu, ħu Ġużepp, kien ukoll baħri fuq dan il-vjaġġ.

Tul is-snin sittin, sebgħin u sa nofs it-tmeninijiet tas-seklu dsatax Pisani kollha qattagħhom bħala Padrun ta' din l-ixprunara żgħira, xprunara ċkejkna li iżda verament qdiet lill-familja ***Taċ-Ċimċem*** fix-xogħol u n-negozju tagħhom! Fost portijiet Sqallin oħra fejn kienet issiefer is-***Superba*** nsibu Trapani,[17] Mazzara del Vallo[18] u Marsala. Iżda mhux biss, insibu li baħħret ukoll lejn Tuneż[19] u Monastir,[20] żewġ portijiet fit-Tuneżija. Minn dawn il-postijiet dejjem inġieb inbid, żejt taż-żebbuġa u merkanzija oħra għan-negozju tagħhom.

Intant l-ebda ġurnata mhi bħall-oħra fuq il-baħar, u xi sorpriża, kemm jekk sabiħa u kemm jekk kerha, wieħed ikollu jaffaċċja żgur. Jingħad li darba minnhom Pisani sab ruħu f'tempesta qalila bejn Malta u Sqallija! Li huwa żgur hu li s-saram li Ġużepp nstab fih wasslu sabiex għamel wegħda lill-Madonna tal-Portu Salvu ħalli din issalvahom jew inkella tmexxihom lejn id-destinazzjoni tagħhom qawwijin u sħaħ. Il-wegħda kienet li jibni kappella. Is-sitwazzjoni ta' dawn l-imsejkna baħrin xejn ma kienet sabiħa, anzi kienet logħba kiefra ta' ħajja u mewt ma' kull kolp ta' baħar li kien għaddej minn fuqhom! Iżda l-Madonna semgħet talb Ġużepp u l-baħrin tiegħu u huma baqgħu ħajjin. Aktarx illi dawn ġew salvati jew ingħataw xi tip ta' assistenza minn bastiment Taljan.[21] Sfortunatament mhuwiex magħruf fuq liem bastiment seħħet din il-ġrajja. Iżda nafu fiċ-ċert li s-***Superba*** m'għerqitx. Dan għaliex il-Kaptan Ġużepp baqa' l-Padrun u s-sid tagħha sa wara l-1880. Jekk verament Ġużepp ra l-għarqa, tgħid kien Kaptan ta' xi qoxra tal-qlugħ oħra għal dak il-vjaġġ partikolari? Meħlus mill-għawġ, Ġużepp ried iżomm il-wegħda tiegħu li jibni kappella. Informazzjoni mgħoddija lili mis-Sur Charlie Mizzi ***Taċ-Ċimċem***, tgħid illi l-Kaptan Ġużepp talab permess lill-Gvernatur sabiex jibni din il-kappella. Iżda sfortunatament, il-Gvernatur m'aċċettax din l-applikazzjoni u Ġużepp infixel għax ma xtaqx li jikser il-wegħda tiegħu! Wara li ħa parir mingħand qassis ġie deċiż li kellha ssir niċċa dedikata lill-Madonna tal-Portu Salvu.[22]

Hekk Pisani ħa miegħu ġebla mdaqqsa minn Għawdex lejn Sqallija.[23] Minnha ġiet skolpita f'din il-gżira Taljana statwa tal-Madonna tal-Portu Salvu u din ġabha lura miegħu f'raħal twelidu. Il-Kaptan Ġużepp Pisani ***Taċ-Ċimċem*** poġġa din l-istatwa f'niċċa fit-triq tiegħu, *Triq Ċimċem*. Fit-22 ta' Mejju 1869 l-Isqof Anton Grech Delicata kkonċeda 40 jum indulġenza għal kull min jgħid Ave Maria quddiemha. Is-Sur Charlie Mizzi stess, mill-familja ***Taċ-Ċimċem***, huwa dak illi qed jieħu ħsiebha llum il-ġurnata. Din in-niċċa bi storja unika fin-Nadur tista' titgawda mill-pubbliku fil-post fejn għamilha l-Kaptan Pisani nnifsu; niċċa li għadha sservi ta' xhieda qawwija tar-rabta antika li dan ir-raħal tagħna għandu max-xogħol tal-baħar!

Dik is-sena, sewwasew fil-31 ta' Lulju tal-1869, Ġużepp iżżewweġ lil Maria neè Azzopardi. Il-familja Azzopardi, mix-Xewkija, u li dak iż-żmien kienet magħrufa bil-laqam ***Ta' Piċoru***[24], ukoll kienet imqabbda fl-industrija marittima. Wara dan iż-żwieġ il-Kaptan Pisani ma baqax joqgħod hawn fin-Nadur iżda mar jgħix ix-Xewkija flimkien ma' martu. Fl-1880 imbagħad din il-familja marret toqgħod ir-Rabat, Għawdex. L-ewwel wild tal-familja Pisani twieled ix-Xewkija f'Diċembru tal-1870, Ġanni. Ta' min jinnota li 'l quddiem dan Ġanni, bħal missieru, kien wieħed mill-ftit Għawdxin li laħqu l-grad ta' Kaptan tat-Tieni Klassi qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija. Interessanti wkoll li fis-snin ta' bejn il-Gwerer, il-Kaptan Ġanni Pisani, iben il-Kaptan Ġużepp, għamel snin lettur tan-Navigazzjoni fl-Università ta' Malta. Kienu diversi dawk il-Kadetti tal-Gverta (*Deck Cadets*), jew Apprendisti, kemm Maltin u anki Għawdxin, li studjaw taħtu![25]

Fil-11 ta' Ġunju 1875, il-Padrun Ġużepp Pisani ressaq it-talba tiegħu quddiem l-awtoritajiet sabiex jagħmel pass ieħor fil-karriera tiegħu, pass rarissimu f'dawk iż-żminijiet għan-nies tal-baħar mill-gżira Għawdxija! Pisani xtaq jidħol għall-eżamijiet ta' *First Mate for a foreign-going ship* u ta' Kaptan tat-Tieni Klassi, grad ikbar mir-rank tiegħu. Sfortunatament, tlett ijiem wara din l-applikazzjoni Pisani ġie mgħarraf li kien għadu m'għaqqadx biżżejjed servizz fuq il-baħar. Dan peress li liġi li kienet għadha kif daħlet fis-seħħ żiedet ir-rekwiżiti minn sentejn għal ħames snin esperjenza![26]

Lura għal fuq il-baħar, il-vjaġġi bis-***Superba*** ma waqfux. Mhux hekk biss, fl-1876 Pisani tniżżel li sar is-sid il-ġdid ta' din l-ixprunara![27] Hawn naraw li issa r-rwol ta' Ġużepp kemxejn inbidel. Fejn qabel kien biss il-Padrun tagħha, jiġifieri xogħol ta' Kaptan li jiddirieġi l-ixprunara fuq vjaġġi fuq il-baħar, issa miegħu rridu

nżidu l-pożizzjoni ta' negozjant. Peress li issa sar is-sid prinċipali tal-ixprunara, bħala negozjant, Pisani ried ukoll isib ix-xogħol għall-qoxra tiegħu fejn hekk jibqa' jkollu introjtru sod.

Pisani bħala s-sid ewlieni tagħha fid-19 ta' Novembru 1885.[33] Qoxra tal-baħar relattivament ġdida, ta' ħames snin, li żgur li kienet f'kundizzjoni bil-wisq aħjar mis-***Superba***!




*Il-firma tal-Kaptan Giuseppe Pisani fit-30 ta' Diċembru 1885 bħala l-Kaptan tal-martingana 'St Dominique'. Sors: NAM, CUS K448*

Il-Kaptan Ġużepp ma tilifx ħin biex rema din il-qoxra tal-qlugħ għas-safar. L-ewwel vjaġġ tagħha taħt id-direzzjoni tiegħu ntemm fil-Port il-Kbir fit-30 ta' Diċembru ta' dik is-sena. Hija kienet għadha ġejja minn Mazzara del Vallo b'tagħbija nbid. L-ekwipaġġ kien jifforma bil-Kaptan Ġużepp u seba' baħrin. L-iżgħar fosthom kien ibnu stess, Pawlu ta' tnax-il sena.[34] Għas-seba' snin ta' wara, is-***St Dominique*** qasmet lejn Sqallija ħafna drabi, il-biċċa l-kbira lejn Mazzara del Vallo, u dejjem ġabet magħha nbid.[35]

Vjaġġ wara vjaġġ Ġużepp baqa' determinat li jilħaq l-għan tiegħu. Fit-12 u t-13 ta' Frar 1879 huwa għamel l-eżamijiet għaċ-Ċertifikat ta' Kompetenza ta' *First Mate for a foreign-going ship* u għadda. Dan iċ-ċertifikat inħariġlu fil-21 ta' Frar wara li ħallas miżata ta' lira.[28] Fl-ewwel ta' Marzu 1879 imbagħad huwa ngħata ċ-Ċertifikat ta' Kompetenza ta' Kaptan tat-Tieni Klassi.[29] Hekk b'dan iċ-ċertifikat, it-titlu ta' Ġużepp ma baqax dak ta' "Padrun" iżda sar "Kaptan", peress li huwa rank ogħla. Il-grad li kien għadu kif laħaq il-Kaptan Ġużepp Pisani b'dawn iċ-ċertifikati poġġieh maġenb il-Kaptan Salvatore Pisani ***Ta' Ruppat***, Naduri ieħor li ssemma fil-ħarġa tal-Luminaria tal-2025. Dawn iż-żewġ Kaptana Nadurin kienu l-iktar nies Għawdxin tal-baħar kwalifikati fl-industrija marittima Maltija tas-seklu dsatax. Iva kienu biss tnejn, u t-tnejn min-Nadur, f'mitt sena sħaħ, li laħqu dan il-grad mill-gżira Għawdxija - tassew ta' unur għal raħalna!

Il-Kaptan Pisani baqa' jsiefer bis-***Superba*** lejn portijiet Sqallin u sadattant it-tfal tiegħu tfarfru ġmielhom. Kif qalbu għas-snin tmenin tas-seklu dsatax, bdew jidhru ż-żewġ subien il-kbar tiegħu bħala parti mill-ekwipaġġ ta' din l-ixprunara, daqqa wieħed u daqqa l-ieħor. Dawn kienu Ġanni[30] ta' tlettax-il sena u Pawlu[31] t'għaxar snin, li t-tnejn l'huma twieldu x-Xewkija. Il-Kaptan Pisani kien qed jagħmel dak li għamel miegħu missieru, irawwem lil uliedu f'dan il-mestier.

Iżda s-***Superba*** ma kinitx għal dejjem. Wara 44 sena ta' ħidma u qadi fl-ibħra Mediterranji taħt żewġ ġenerazzjonijiet tal-familja ***Taċ-Ċimċem*** kien wasal iż-żmien li din tiġi rtirata. Flokha, fl-1885, il-Kaptan Ġużepp xtara qoxra oħra ftit akbar. Hawn tidħol fix-xena l-martingana (tip ta' qoxra tal-qlugħ) bl-isem ta' ***St Dominique***. Din inbniet ġewwa Livorno, l-Italja, fl-1880 u kienet iġġib tunellaġġ ta' 22.[32] Is-***St Dominique*** ġiet irreġistrata fil-port ta' Malta taħt isem il-Kaptan Ġużepp

Sfortunatament il-Kaptan Ġużepp u familtu ħabbtu wiċċhom ma' mrar. Martu, Maria, ħalliet din id-dinja fl-età ta' 39 sena fil-15 ta' Frar 1888.[36] Armel ta' 47 sena, il-ħajja ma setgħetx tieqaf għal Pisani u għalhekk kompla jagħmel dak li kien jaf u li kien ilu jagħmel 'il fuq minn tletin sena, li jibqa' jsiefer fuq il-baħar u jmexxi n-negozju tiegħu tal-inbid.

Jidher li x-xogħol ta' Pisani kien qed juri żieda b'saħħitha. Evidenza ta' dan kien fis-sena 1892. Dik is-sena s-***St Dominique*** nbiegħet lil ċertu Marcello Camilleri li kien jgħix La Goulette, fit-Tuneżija,[37] u flokha nxtrat il-***Maria***. Il-***Maria*** kienet brigantin-skuna (qoxra tal-qlugħ b'żewġ arbli) mibnija Sqallija fl-1866 u li bix-xieraq kienet imsemmija għal mart il-Kaptan Pisani, li kienet għaddiet għal ħajja oħra erba' snin qabel. Din il-brigantin-skuna kienet tlaħħaq l-54 tunellata,[38] li meta mqabbla mas-***St Dominique*** (22 tunellata) kienet sostanzjalment akbar. Il-Kaptan Naduri kabbar il-bastiment tiegħu sabiex ikun jista' jaqdi aħjar u jlaħħaq mal-influss ta' negozju li kellu. Il-***Maria*** ġiet irreġistrata hawn Malta fil-15 ta' Ġunju 1892,[39] ġimagħtejn qabel l-Imnarja.

Minn hawn 'il quddiem, il-vjaġġi fuq il-baħar tal-***Maria*** u l-Kaptan Ġużepp ġew aktar iffukati lejn Marsala[40] fi Sqallija. Vjaġġi bħal dawn, u anki oħrajn lejn Mazzara del Vallo, ġeneralment kienu jvarjaw minn ħdax-il ġurnata sa xahar u nofs.[41] Bħala numru tal-ekwipaġġ, il-***Maria*** kellha ċorma ta' bejn sebgħa u disgħa, inkluż il-Kaptan.[42] Xi ngħidu għall-merkanzija tagħha? Iktar inbid! Din il-brigantin-skuna kienet tifla ħ iġġorr bejn 135[43] u 150[44] tanbur tal-inbid kull darba. Bħall-***Maria*** dak iż-żmien kien hawn ħafna bċejjeċ tal-qlugħ Maltin jaqsmu lejn Marsala jġibu l-inbid lejn pajjiżna. U kien minn hawn li ħarġet il-frażi *"l-inbid ta' Marsala"* li saħansitra għad

hawn sal-lum min jiftakar il-ġenerazzjoni ta' qabilna jgħiduha!

Is-sena 1894 kienet is-sena li fiha ibnu l-kbir Ġanni ġab iċ-ċertifikat ta' *Second Mate* u l-liċenzja ta' *Padrone*,[45] it-tielet ġenerazzjoni tal-familja ***Taċ-Ċimċem*** bil-grad ta' Padrun. Hekk, għall-erba' vjaġġi ta' wara fuq il-***Maria***, Ġużepp ħadu bħala s-Sekond[46] tiegħu minflok baħri. Is-Sekond kien il-Fizzjal tal-Gverta ta' wara l-Kaptan; dan il-fizzjal kien jissejjaħ b'dak il-mod fi żmien il-bastimenti tal-qlugħ Maltin.

Għaldaqstant nistgħu nqisu uffiċjalment it-23 ta' Frar 1895 bħala l-aħħar ġurnata tal-Kaptan Ġużepp Pisani ***Taċ-Ċimċem*** fir-rank ta' Kaptan.[47] Minn hawn 'il quddiem ibnu Ġanni Pisani kompla jieħu l-kmand tal-brigantin-skuna ta' missieru.[48] Hawn Ġużepp kompla jagħmel kif mexa miegħu missieru. Huwa baqa' jsiefer regolari iżda bħala baħri taħt il-kmand t'ibnu,[49] dan kollu sabiex iġib esperjenza neċessarja f'dik il-kariga. Mill-banda l-oħra huwa seta' jieħu ħsieb iktar mill-qrib in-negozju tal-inbid li kellu hawn.

L-aħħar vjaġġ tal-***Maria*** b'Ġużepp Pisani bħala sidha spiċċa fit-12 ta' Settembru 1896 hawn Malta. Pisani biegħha lil sidien barranin u din salpat mill-Port il-Kbir b'bandiera Taljana lejn Katanja fl-4 t'April 1897.[50] Iżda l-iskop tiegħu ma kienx li jwaqqaf in-negozju tal-inbid, xejn minn dan. Il-Kaptan Pisani baqa' ambizzjuż sal-aħħar u fl-1896 reġa' xtara brigantin-skuna oħra akbar milli kellu! Huwa xtara brigantin-skuna bl-isem ta' ***Sacra Famiglia*** mingħand ċertu Antonio Gatt, Belti. Din inbniet fl-1891 hawn Malta u kellha tunellaġġ ta' 68.[51] Pisani ħallieha bl-istess isem.

Is-6 ta' Jannar 1897 kienet il-ġurnata li fiha dehret ħierġa mill-Port il-Kbir is-***Sacra Famiglia*** għall-ewwel darba taħt il-familja Pisani. Il-Padrun tagħha fuq dak il-vjaġġ kien Ġanni ta' 26 sena, iben il-Kaptan Ġużepp.[52] Kien eżattament xahar wara, is-6 ta' Frar,[53] li din irritornat Malta minn Marsala bl-istiva mimlija b'madwar 140 tanbur inbid.[54]

Minn hawn, il-brigantin-skuna ta' Pisani baqgħet issiefer lejn Marsala u Mazzara del Vallo, fuq medja ta' bejn erba' u ħames vjaġġi fis-sena.[55] Iżda għalkemm il-Kaptan Ġużepp dejjem bagħat lill-brigantin-skuna tiegħu lejn Sqallija, fl-1901 irnexxielu jidħol f'suq ieħor tal-inbid, is-suq Spanjol. Għall-ewwel darba f'45 sena li kien ilu fil-qasam marittimu, Pisani, fid-9 ta' Lulju 1901 is-***Sacra Famiglia*** sifritlu lejn Santa Pola qrib Alicante fi Spanja, u hu magħha fil-grad ta' baħri. Fil-21 t'Awwissu mbagħad, waslet lura l-Port il-Kbir b'140 bettija nbid wara għoxrin ġurnata baħar bejn Spanja u Malta.[56] Is-***Sacra Famiglia*** għamlet minn tal-inqas vjaġġ ieħor lejn Santa Pola u dan kien f'Lulju 1902.[57]




*In-niċċa tal-Madonna tal-Portu Salvu li għamel il-Kaptan Ġużepp Pisani fi Triq Ċimċem, in-Nadur.*

Is-sena ta' wara, l-1903, anki siefret għall-inbid lejn il-Lvant tal-Mediterran. Dan il-vjaġġ għamlitu taħt il-kmand tal-Kaptan Ġanni, iben Ġużepp, li sa dik is-sena kien kiseb iċ-ċertifikat ta' Kaptan tat-Tieni Klassi[58] bħal missieru. Dan kien vjaġġ lejn Santorini,[59] gżira Griega, u kienet l-unika darba li skuna tal-qlugħ mill-familja ***Taċ-Ċimċem*** marret f'territorju Grieg. Dan il-vjaġġ intemm il-Port il-Kbir fil-31 ta' Jannar 1903 fis-siegħa u nofs ta' waranofsinhar.[60] Is-***Sacra Famiglia*** ġabet magħha xejn inqas minn 135 tanbur kbir tal-inbid.

Iżda dan il-vjaġġ lejn Santorini kien it-tmiem tal-kapitlu għall-Kaptan Ġużepp Pisani. Dan il-vjaġġ immarka l-aħħar darba li qatt siefret qoxra tal-qlugħ irreġistrata f'isem Ġużepp. Inqas minn xahrejn wara, fit-23 ta' Marzu 1903, is-***Sacra Famiglia*** salpat minn Malta lejn Korfù taħt bandiera Griega u sidien ġodda.[61]

Dettall interessanti mgħoddi lili mis-Sur Charlie Mizzi wkoll huwa kif darba tul il-karriera tiegħu, il-Kaptan Pisani ġie mitlub jagħti lill-Gvern Ingliż il-bastiment

tiegħu għal użu militari waqt xi gwerra reġjonali li kienet għaddejja. Kif spiċċat din il-kirja biex insejħulha hekk, il-Kaptan Ġużepp ingħata mudell tal-fidda ta' bastiment tal-qlugħ bħala ringrazzjament.

Finalment, fuq nota differenti, il-Kaptan Ġużepp kellu żewġ neputijiet kemxejn magħrufin hawn Malta. Huwa kien jiġi n-nannu tal-Poeta Għawdxi Ġorġ Pisani u anki n-nannu ta' Carmelo Borg Pisani. Borg Pisani kien dak il-Malti (mill-Isla) li safa maqtul fl-1942, fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, mill-Gvern kolonjali fuq allegazzjonijiet ta' spjunaġġ kontra Malta u l-Imperu Ingliż a favur l-Italja.

Il-Kaptan Ġużepp Pisani mill-familja ***Taċ-Ċimċem*** miet fil-21 ta' Jannar 1904 fl-età ta' 62 sena. Flimkien ma' għexieren ta' Kaptana, Padruni u baħrin oħra Nadurin, b'dan l-artiklu huwa se jibqa' mfakkar għas-47 sena servizz li ta fuq il-baħar u għall-grad li rnexxielu jilħaq fil-Flotta Merkantili Maltija tas-seklu dsatax fuq bastimenti tal-qlugħ. Huwa evidenti biżżejjed li permezz ta' dan, il-Kaptan Pisani għamel isem għal raħal twelidu n-Nadur f'din l-industrija.

Endnotes

1 NAM (*National Archives of Malta*), CSG 28/1 – *Index of Masters and Mates* (1813 – 1907).
2 NAM, CSG 27/1 – *Registers of Masters and Mates* (1847 – 1907).
3 *The Maltese Merchant Fleet of the 19th Century*, Joseph Abela, 2007 – paġni 202, 205.
4 Ibid. – paġna 71.
5 Ibid. – paġna 206.
6 NAM, CUS Series 18 Item 50_M_00238; Item 51_M_00028; Item 51_M_00099.
7 NAM, CUS Series 18 Item 52_M_00069.
8 NLG (*National Library of Gozo*), *Il Mediterraneo, Gazzetta di Malta, Mercoledì, 10 Febbraio 1841* (No. 133).
9 *Il Mediterraneo, Lloyd Maltese* u *Malta Times*.
10 Diversi dokumenti oħra tad-Dwana fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta ta' qabel l-1856 juru li Ġużepp ma kienx abbord is-***Superba*** mal-bqija tal-ekwipaġġ.
11 Huwa mniżżel li x-xprunara ġabet magħha Malta total ta' 650 *caffisi* żejt taż-żebbuġa. 650 *caffisi* huma ekwivalenti għal madwar 11,819-il litru.
12 NAM, CUS Series 18 Item 123_M_00094.
13 NAM, CSG 27/1 – *Registers of Masters and Mates* (1847 – 1907).
14 Ibid.
15 *The Maltese Merchant Fleet of the 19th Century*, Joseph Abela, 2007 – paġna 77.
16 NAM, CUS Series 18 Item 169_M_00083.
17 NAM, CUS KL412.
18 NAM, CUS KL423.
19 NAM, CUS Series 18 Item 200_M_01001.
20 NAM, CUS Series 18 Item 200_M_00449.
21 *Il-Kaptan Ġużepp Pisano (1841-1904)*, Grazio A. Grech, Luminaria 1986.
22 Informazzjoni ħajr lis-Sur Charlie Mizzi.
23 *Il-Kaptan Ġużepp Pisano (1841-1904)*, Grazio A. Grech, Luminaria 1986.
24 APX (Arkivju Parrokkjali Xewkija), *Status Animarum A.D. 1909*.
25 *Il-Kaptan Ġużepp Pisano (1841-1904)*, Grazio A. Grech, Luminaria 1986.
26 NAM, CSG02 3735/1875.
27 *Mercantile Navy List, 1876*.
28 NAM, CSG02 875/1879.
29 NAM, CSG02 905/1879.
30 NAM, CUS KL435.
31 NAM, CUS KL423.
32 *Mercantile Navy List, 1886*.
33 RSS (*Registry of Shipping and Seamen*, Cardiff, Wales), *Appropriation Books*, *Official Numbers 87601 – 87650*.
34 NAM, CUS K448.
35 NAM, CUS K448; CUS K453; CUS K475.
36 PR (*Public Registry*), Imwiet, Att 80/1888.
37 *Mercantile Navy List, 1893*.
38 Ibid.
39 RSS, *Appropriation Books*, *Official Numbers 101501 – 101550*.
40 NAM, CUS L134; CUS L145; CUS K599; CUS K619; CUS K646.
41 NAM, CSG02 5655/1902.
42 NAM, CUS K599; CUS K619; CUS K623; CUS K646.
43 NAM, CUS K599.
44 NAM, CUS K623; CUS K646.
45 NAM, CSG01 958/1894.
46 NAM, CUS K623; CUS K628; CUS K634 u CUS K639.
47 NAM, CUS K639.
48 NAM, CUS K643.
49 NAM, CUS K646.
50 NAM, CUS 11 Item 42_M_00242.
51 *Mercantile Navy List, 1897* u *1898*.
52 NAM, CUS L178.
53 NAM, CUS K686.
54 Għalkemm il-karti tad-Dwana tas-***Sacra Famiglia*** f'CUS K686 mill-Arkivju Nazzjonali ma jispeċifikawx in-numru ta' btieti bl-inbid, dokumenti oħra simili minn CUS K786, CUS K795 u CUS K817 kollha juru li kienet iġġorr mal-140 tanbur.
55 NAM, CSG 5655/1902.
56 NAM, CUS K795.
57 NAM, CUS K817.
58 NAM, CSG02 6029/1902.
59 NAM, CUS L249.
60 NAM, CUS K829.
61 NAM, CUS Series 11 Item 50_M_00066; *Mercantile Navy List 1903* u *1904*.

# JITLESTA L-MONUMENT TAL-GWERRA FIN-NADUR




Il-Ħamis 5 ta' Frar tpoġġiet l-istatwa tal-bronż li kien baqa' mill-Monument tal-Gwerra li hemm fil-kantuniera tal-Iskola Primarja tan-Nadur. L-ewwel statwa kienet tpoġġiet u ġiet inawgurata mill-President Dr Ugo Mifsud Bonnici fit-30 ta' April 1995, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-waqfien mill-ġlied fit-8 ta' Mejju 1945. Kien ġie mbierek mill-Vigarju Foranju Dun Mikiel Attard. Dan kien sar bit-tħabrik tal-istoriku Naduri Dun Duminku Camilleri, bl-għajnuna tal-Ministru għal Għawdex Anton Tabone. Kienet ġiet ukoll mistiedna l-Banda tal-Pulizija. Camilleri kien ippubblika wkoll ktieb għal din l-okkażjoni fejn fost l-oħrajn semma l-profil ta' kull vittma u sab ħafna mir-ritratti tagħhom. In-Nadur kellu l-aktar vittmi f'Għawdex peress li ħafna minnhom mietu fuq il-baħar. Kienu 8 fl-Ewwel Gwerra (1914-1918) u 46 fit-Tieni Gwerra (1939-1945).

Id-disinn u l-istatwa kienu saru mill-artist skultur u bronżar Joe Chetcuti, illum ma għadux magħna. L-istatwa kienet saret fil-Fonderija Artistika Joseph Chetcuti f'Ħal Luqa. Iżda peress li ma kienx hemm fondi biżżejjed, ix-xogħol kien twaqqaf. Għalhekk is-sena l-oħra saret talba lill-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri fejn aċċetta t-talba għall-fondi minn EkoGħawdex, ħalli jitlesta dan il-monument f'ġieħ il-vittmi Nadurin taż-żewġ Gwerer.

Kien baqa' li ssir l-istatwa tal-omm tibki u titlob għal uliedha u familjari. Ġie mqabbad l-artist bravu Għawdxi Manuel Farrugia biex jagħmel l-abbozz. Is-sena l-oħra f'Settembru hu mar Ruma fil-Fonderija Domus Dei u hemm inħadmet l-istatwa li issa qiegħda ssebbaħ dan il-mafkar.

Ħajr lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, lil EkoGħawdex, lil Maria Farrugia, Joe Cutajar, is-Sindku Edward Said u l-Kunsill Lokali, u lill-iskultur flimkien mal-maniġer ta' Domus Dei, Alessandro Cinque u l-lavrant tiegħu Adrian Pettinelli, li kienu preżenti għat-tqegħid u r-restawr ta' dawn l-istatwi. Għall-krejn tqabbad Ġużeppi Said ta' Said Construction.

Għalhekk issa dan il-proġett f'ġieħ il-vittmi Nadurin taż-żewġ Gwerer Dinjija huwa komplut.

# XITA FIN-NADUR

## Kummenti Ġenerali Dwar it-Temp f'Għawdex fis-Sena 2025

### JANNAR – MARZU

- Is-sena 2025 bdiet b'ammont tajjeb ta' xita matul l-ewwel tliet xhur fejn niżlu 202.8mm (kważi 8 pulzieri). Dan għen sabiex tittaffa xi ftit in-nixfa tas-sena ta' qabel. Ta' min ifakkar li matul l-2024 niżlu biss total ta' 273.2mm (ftit inqas minn 12-il pulzier).
- It-temperaturi kienu pjuttost aktar sħan min-normal u kellna xitwa oħra li fiha ftit li xejn għamel ksieħ.

### APRIL - SETTEMBRU

- F'dawn is-sitt xhur kellna 125.2mm (ftit inqas minn 5 pulzieri) ta' xita. Minkejja li dan l-ammont kien ferm aktar minn dak li niżel fl-istess żmien fl-2024, xorta ma kienx biżżejjed biex tittaffa n-nixfa li issa ilha taħkem il-Gżejjer tagħna għal diversi snin.
- It-temperaturi kienu xi ftit aktar min-normal u fortuatament ma kellniex sħana eċċezzjonali dan is-sajf. It-temperatura massima ntlaħqet fl-24 ta' Lulju (36.6°C).
- Din is-sena bdejna mill-ewwel ġimgħa ta' Ġunju b'temperaturi li bdew jaqbżu t-30°C. Kellna madwar 40 jum bejn Ġunju u Settembru li fihom it-temperatura qabżet it-30°C. Matul il-lejl ħafna drabi, it-temperaturi baqgħu sħan u ma niżlux taħt it-23°C

### OTTUBRU – DIĊEMBRU

- Dawn it-3 xhur tawna ammont mhux ħażin ta' xita, avolja xorta bqajna kemxejn taħt in-normal, speċjalment f'Novembru. Madankollu, it-total f'dan il-perjodu kien ta' 190.4mm (7 pulzieri u nofs) u b'hekk it-total ghas-sena 2025 kien ta' 518.4mm (kważi 20 pulzier u nofs) li hu kważi n-normal ta' kemm suppost tagħmel xita f'sena normali bejn l-1 ta' Settembru u l-31 t'Awwisu.
- It-total ta' xita mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru (279mm) diġà qabeż it-total ta' xita li niżlet matul l-2024 kollha (273.2mm) u dan jawgura tajjeb li forsi dan l-istaġun tax-xita joqrob lejn il-medja normali ta' 550mm sal-aħħar t'Awwissu 2026.
- It-temperaturi f'dawn it-tliet xhur kienu man-normal u ma kien hemm l-ebda maltemp estrem partikulari.

**Joe Meilak – 01/01/2026**
**Nadur Weather Observatory**
**jmeilak@yahoo.com**

# XITA FIN-NADUR

## IT-TEMP FIN-NADUR MATUL IS-SENA 2025

JOE MEILAK Nadur Weather Observatory | 01/01/2026

| | JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU |
|---|---|---|---|---|---|
| L-IKTAR JUM SĦUN - °C - (Jum) | 18.2 (28) | 17.7 (13) | 25.9 (23) | 23.6 (16) | 25.7 (5) |
| L-IKTAR JUM KIESAĦ - °C - (Jum) | 12.1 (14) | 13.6 (8,20) | 13.8 (7) | 14.7 (1) | 17.8 (6) |
| L-IKTAR LEJL SĦUN - °C - (Jum) | 14.6 (23 | 13.7 (1) | 16.3 (24) | 17.0 (15) | 19.9 (20) |
| L-IKTAR LEJL KIESAĦ - °C - (Jum) | 7.1 (16) | 9.5 (24) | 10.8 (4) | 9.7 (1) | 14.4 (25) |
| MEDJA TAL-OGĦLA TEMPERATURA (°C) | 16.23 | 15.48 | 17.53 | 18.64 | 22.65 |
| MEDJA TAL-INQAS TEMPERATURA (°C) | 12.58 | 11.86 | 13.29 | 14.17 | 17.34 |
| TEMPERATURA MEDJA (°C) | 14.40 | 13.67 | 15.41 | 16.41 | 20.04 |
| L-IKTAR BUFFURA QAWWIJA - kmh (Jum) | 85 (17) | 56 (16) | 65 (23,29) | 63 (1) | 54 (15,16) |
| *JIEM BIX XITA | 7 | 10 | 10 | 3 | 3 |
| JIEM BIR-RAGĦAD | 1 | 2 | 2 | 3 | 3 |
| L-AKTAR JUM BIX-XITA - mm (Jum) | 17.4 (17) | 18.6 (8) | 35.8 (7) | 5.6 (29) | 21.0 (15) |
| XITA MATUL IX-XAHAR (mm) | 63.0 | 57.8 | 82.0 | 8.0 | 27.4 |
| JIEM BLA XEMX | 0 | 0 | 2 | 0 | 0 |
| TOTAL TA' SIGĦAT TA' XEMX | 224.9 | 198.7 | 245.1 | 297.8 | 371.9 |
| MEDJA TA' SIGĦAT TA' XEMX KULJUM | 7.25 | 7.10 | 7.91 | 9.93 | 12.00 |

| | ĠUNJU | LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-IKTAR JUM SĦUN - °C - (Jum) | 32.4 (26) | 36.6 (24) | 32.9 (10) | 31.3 (2) | 25.8 (26) | 23.9 (17) | 18.9 (17) |
| L-IKTAR JUM KIESAĦ - °C - (Jum) | 24.3 (3) | 25.9 (30) | 26.9 (5) | 24.3 (27) | 21.4 (28) | 13.9 (28) | 14.0 (21) |
| L-IKTAR LEJL SĦUN - °C - (Jum) | 24.7 (30) | 26.6 (22) | 25.6 (21) | 25.1 (11) | 21.1 (26) | 20.9 (17) | 16.2 (17) |
| L-IKTAR LEJL KIESAĦ - °C - (Jum) | 18.5 (1) | 21.8 (30) | 21.5 (1) | 18.3 (27) | 14.8 (18) | 9.2 (27,28) | 10.6 (29) |
| MEDJA TAL-OGĦLA TEMPERATURA (°C) | 29.27 | 30.16 | 29.39 | 27.67 | 23.21 | 19.79 | 16.93 |
| MEDJA TAL-INQAS TEMPERATURA (°C) | 22.31 | 24.16 | 23.86 | 23.11 | 18.77 | 15.94 | 13.75 |
| TEMPERATURA MEDJA (°C) | 25.79 | 27.71 | 26.67 | 25.39 | 21.03 | 17.87 | 15.36 |
| L-IKTAR BUFFURA QAWWIJA - kmh (Jum) | 34 (24) | 57 (26) | 47 (23) | 56 (27) | 63 (6) | 53 (24) | 55 (31) |
| *JIEM BIX XITA | 1 | 0 | 0 | 3 | 5 | 11 | 12 |
| JIEM BIR-RAGĦAD | 0 | 0 | 0 | 3 | 6 | 1 | 3 |
| L-AKTAR JUM BIX-XITA - mm (Jum) | 1.2 (20) | _ | _ | 44.8 (27) | 27.8 (15) | 8.4 (23) | 15.0 (19) |
| XITA MATUL IX-XAHAR (mm) | 1.2 | 0.0 | Traċċa | 88.6 | 76.8 | 40.0 | 73.6 |
| JIEM BLA XEMX | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| TOTAL TA' SIGĦAT TA' XEMX | 419.0 | 434.2 | 399.1 | 324.8 | 279.0 | 209.6 | 203.3 |
| MEDJA TA' SIGĦAT TA' XEMX KULJUM | 13.97 | 14.01 | 12.87 | 10.83 | 9.00 | 6.99 | 6.56 |

*Jiem li fihom għamlet xita Traċċa (inqas minn 0.1 mm) mhumiex inklużi

**Total ta' xita matul l-2025: 518.4 mm (20.41 pulzieri)**


JOANNIS
CAUCHI
MUNIFICENTIA
M.CM.XXV.




***L-istawa tad-Duluri***
***wara li ġiet irrestawrata.***
***Ara pġ. 40***